# Ir-Regolament Brussell I (riformulazzjoni)

Informazzjoni nazzjonali u formoli online rigward ir-Regolament Nru 1215/2012.

## Informazzjoni ġenerali

**Ir-Regolament 1215/2012 jimmira li** jiffaċilita l-aċċess għall-ġustizzja, b'mod partikolari billi jipprovdi r-regoli dwar il-ġurisdizzjoni tal-qrati u r-regoli dwar għarfien rapidu u sempliċi u l-infurzar ta' sentenzi fi kwistjonijiet ċivili u kummerċjali mogħtija fl-Istati Membri.

Ir-Regolament jissostitwixxi r-Regolament 44/2001 (ir-Regolament Brussell I) li, madankollu, jibqa' japplika għall-proċedimenti istitwiti qabel ir-Regolament 1215/2012 jidħol fis-seħħ fl-10 ta' Jannar 2015 (għal aktar dettalji ara l-Artikolu 66 tar-Regolament 1215/2012).

Ir-Regolament japplika bejn l-Istati Membri kollha tal-Unjoni Ewropea, inkluża d-Danimarka li kkonkludiet il-Ftehim tal-2005 bejn il-Komunità Ewropea u r-Renju tad-Danimarka dwar ġurisdizzjoni u r-rikonoxximent u l-eżekuzzjoni ta' sentenzi fi kwistjonijiet ċivili u kummerċjali. L-emendi leġiżlattivi neċessarji fid-Danimarka diġà daħlu fis-seħħ fl-1 ta' Ġunju 2013.

Ir-Regolament jiddetermina l-qrati li l-Istat Membru tagħhom ikollu ġurisdizzjoni biex jiddeċiedi dwar tilwim ċivili u kummerċjali fejn ikun hemm element internazzjonali.

Ir-Regolament jipprovdi wkoll li sentenza mogħtija fi Stat Membru tiġi rikonoxxuta fl-Istati Membri l-oħra mingħajr il-bżonn ta' ebda proċedura speċjali. Sentenza mogħtija fi Stat Membru li hija eżekutorja f'dak l-Istat tkun eżegwita fi Stat Membru ieħor mingħajr il-bżonn ta' ebda dikjarazzjoni ta' eżegwibbiltà.

Ir-Regolament jipprovdi għal żewġ forom, jiġifieri, iċ-ċertifikat li jikkonċerna sentenza u ċ-ċertifikat li jikkonċerna strument awtentiku/soluzzjoni bil-qorti.

Skont ir-Regolament, l-Istati Membri nnotifikaw lill-qrati kompetenti li lilhom għandha tiġi ppreżentata l-applikazzjoni għal rifjut ta' infurzar u l-qrati kompetenti li jittrattaw l-appelli. **Jekk jogħġbok agħżel il-bandiera tal-pajjiż rilevanti biex tikseb informazzjoni nazzjonali dettaljata.**

Skont l-Artikolu 26(2), għal ċerti kwistjonijiet, il-qorti, qabel ma tassumi l-ġurisdizzjoni, tiżgura li l-konvenut jiġi mgħarraf dwar id-dritt tiegħu li jikkontesta l-ġurisdizzjoni tal-qorti u dwar il-konsegwenzi jekk jidher jew jekk ma jidhirx għall-proċeduri". Għal dan l-għan, in-Network Ġudizzjarju Ewropew fil-materji ċivili u kummerċjali stabbilixxa test standard mhux obbligatorju PDF (251 Kb) mt li jinkludi l-informazzjoni li l-qorti setgħet tuża biex twettaq l-obbligu tagħha li tipprovdi lill-konvenut l-informazzjoni skont l-Artikolu 26(2) tar-Regolament.

Il-Portal Ewropew tal-e-Ġustizzja jipprovdik b'informazzjoni dwar l-applikazzjoni tar-Regolament u b'għodda faċli li tintuża biex timla l-formoli.

## Links relatati

Ir-Regolament (UE) Nru 1215/2012 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-12 ta' Diċembru 2012 dwar il-ġurisdizzjoni u r-rikonoxximent u l-eżekuzzjoni ta' sentenzi fi kwistjonijiet ċivili u kummerċjali.

Ftehim bejn il-Komunità Ewropea u r-Renju tad-Danimarka dwar ġurisdizzjoni u rikonoxximent u eżekuzzjoni ta' sentenzi f'materji ċivili u kummerċjali, ĠU, 2005 11 16, L299.

L-aħħar aġġornament: 24/03/2022

Din il-paġna hi amministrata mill-Kummissjoni Ewropea. L-informazzjoni f'din il-paġna ma tirriflettix neċessarjament il-pożizzjoni uffiċjali tal-Kummissjoni Ewropea. Il-Kummissjoni ma taċċetta l-ebda responsabbiltà fir-rigward ta' kwalunkwe informazzjoni jew dejta li tinsab jew li hemm referenza għaliha f'dan id-dokument. Jekk jogħġbok irreferi għall-avviż legali fir-rigward tar-regoli dwar id-drittijiet tal-awtur għall-paġni Ewropej.

# Ir-Regolament Brussell I (riformulazzjoni) - Belġju

### L-Artikolu 65(3) – Informazzjoni dwar kif jiġu determinati, skont il-liġi nazzjonali, l-effetti tas-sentenzi msemmija fl-Artikolu 65(2) tar-Regolament

Mhux applikabbli

### L-Artikolu 75 (a) – L-ismijiet u d-dettalji ta' kuntatt tal-qrati li quddiemhom jridu jitressqu l-applikazzjonijiet skont l-Artikoli 36(2), 45(4) u 47(1)

- fil-Belġju, il-qorti tal-prim' istanza ("tribunal de première instance")

### L-Artikolu 75 (b) – L-ismijiet u d-dettalji ta' kuntatt tal-qrati li quddiemhom irid jitressaq l-appell kontra d-deċiżjoni dwar l-applikazzjoni għar-rifjut ta' eżekuzzjoni skont l-Artikolu 49(2)

- fil-Belġju:

(a) għal appell mill-konvenut: il-qorti tal-ewwel istanza

(b) għal appell mill-appellanti: il-qorti tal-appell (*cour d'appel / hof van beroep*)

### L-Artikolu 75 (c) – L-ismijiet u d-dettalji ta' kuntatt tal-qrati li quddiemhom jista' jitressaq appell ulterjuri skont l-Artikolu 50

- fil-Belġju, il-Qorti tal-Kassazzjoni ("Cour de cassation")

### L-Artikolu 75 (d) – Il-lingwi aċċettati għat-traduzzjonijiet taċ-ċertifikati dwar is-sentenzi, l-istrumenti awtentiċi u l-ftehimiet bil-qorti

Mhux applikabbli

### L-Artikolu 76(1)(a) – Ir-regoli ta' ġuriżdizzjoni msemmija fl-Artikoli 5(2) u 6(2) tar-Regolament

L-ebda

### L-Artikolu 76(1)(b) – Ir-regoli dwar in-notifika ta' terzi msemmija fl-Artikolu 65 tar-Regolament

Mhux applikabbli

### L-Artikolu 76(1)(c) – Il-Konvenzjonijiet msemmija fl-Artikolu 69 tar-Regolament

il-Konvenzjoni bejn il-Belġju u Franza dwar il-Ġuriżdizzjoni u l-Validità u l-Eżekuzzjoni ta' Sentenzi, Sentenzi ta' Arbitraġġ u Strumenti Awtentiċi, iffirmata f' Pariġi fit-8 ta' Lulju 1899,

il-Konvenzjoni bejn il-Belġju u l-Pajjiżi l-Baxxi dwar il-ġuriżdizzjoni, il-Falliment u l-Validità u l-Eżekuzzjoni ta' Sentenzi, Sentenzi ta' Arbitraġġ u Strumenti Awtentiċi, iffirmata fi Brussell fit-28 ta' Marzu 1925,

il-Konvenzjoni bejn ir-Renju Unit u r-Renju tal-Belġju li tipprovdi għall-Eżekuzzjoni Reċiproka ta' Sentenzi f'Materji Ċivili u Kummerċjali, bi Protokoll, iffirmata fi Brussell fit-2 ta' Mejju 1934,

il-Konvenzjoni bejn il-Ġermanja u l-Belġju dwar ir-Rikonoxximent Reċiproku u l-Eżekuzzjoni ta' Sentenzi, Sentenzi ta' Arbitraġġ u Strumenti Awtentiċi f'Materji Ċivili u Kummerċjali, iffirmata f'Bonn fit-30 ta' Ġunju 1958,

il-Konvenzjoni bejn il-Belġju u l-Awstrija dwar ir-Rikonoxximent Reċiproku u l-Eżekuzzjoni ta' Sentenzi, Sentenzi ta' Arbitraġġ u Strumenti Awtentiċi f'Materji Ċivili u Kummerċjali, iffirmata fi Vjenna fis-16 ta' Ġunju 1959,

il-Konvenzjoni bejn il-Belġju u l-Italja dwar ir-Rikonoxximent u l-Eżekuzzjoni ta' Sentenzi u Strumenti Eżegwibbli oħrajn f'Materji Ċivili u Kummerċjali, iffirmata f'Ruma fis-6 ta' April 1962,

it-Trattat bejn il-Belġju, il-Pajjiżi l-Baxxi u l-Lussemburgu dwar il-ġurisdizzjoni, il-Falliment u l-Validità u l-Eżekuzzjoni ta' Sentenzi, Sentenzi ta' Arbitraġġ u Strumenti Awtentiċi, iffirmat fi Brussell fl-24 ta' Novembru 1961, sakemm dan ikun għadu fis-seħħ.

L-aħħar aġġornament: 10/01/2022

Il-verzjoni bil-lingwa nazzjonali hija ġestita mill-Istat Membru rispettiv. It-traduzzjonijiet saru mis-servizz tal-Kummissjoni Ewropea. Jista' jkun hemm xi tibdil imdaħħal fl-oriġinal mill-awtorità nazzjonali kompetenti li jkun għadu ma jidhirx fit-traduzzjonijiet. Il-Kummissjoni Ewropea ma taċċettax responsabbilta jew kwalunkwe tip ta' tort fir-rigward ta' kull informazzjoni jew dejta li tinsab jew li hemm referenza għaliha f'dan id-dokument. Jekk jogħġbok irreferi għall-avviż legali sabiex tiċċekkja r-regoli dwar id-drittijiet tal-awtur għall-Istati Membri responsabbli minn din il-paġna.

## Ir-Regolament Brussell I (riformulazzjoni) - Bulgarija

### L-Artikolu 65(3) – Informazzjoni dwar kif jiġu determinati, skont il-liġi nazzjonali, l-effetti tas-sentenzi msemmija fl-Artikolu 65(2) tar-Regolament

Mhux applikabbli.

### L-Artikolu 74 – Deskrizzjoni tar-regoli u l-proċeduri nazzjonali dwar l-eżekuzzjoni

L-eżekuzzjoni diretta skont ir-Regolament (UE) Nru 1215/2012 hija rregolata mill-Artikolu 622a tal-Kodiċi tal-Proċedura Ċivili:

"L-Artikolu (ġdid) 622a (il-Gazzetta tal-Istat Nru 50/2015)

(1) Sentenza li tingħata fi Stat Membru ieħor tal-Unjoni Ewropea għandha tkun eżegwibbli mingħajr il-ħtieġa ta' mandat ta' eżekuzzjoni.

(2) Il-marixxall tal-qorti għandu jwettaq l-eżekuzzjoni, fuq it-talba tal-parti kkonċernata, abbażi ta' kopja tas-sentenza minn Stat Membru ieħor tal-Unjoni Ewropea, awtentikata mill-qorti li tkun ħarġitha, u ċertifikat maħruġ skont l-Artikolu 53 tar-Regolament (UE) Nru 1215/2012.

(3) Meta l-marixxall tal-qorti jistabbilixxi li l-miżura jew l-ordni ma tistax tiġi eżegwita skont il-kundizzjonijiet u f'konformità ma' dan il-Kodiċi, għandu jordna eżekuzzjoni sostitutiva.

(4) Sentenza li tingħata fi Stat Membru ieħor tal-Unjoni Ewropea li tordna miżura proviżorja, inkluża miżura ta' prekawzjoni, għandha tkun eżegwibbli f' konformità mal-paragrafi 1 u 2. Meta l-miżura tkun ġiet ordnata mingħajr ma l-konvenut ikun ġie mħarrek biex jidher, għandha tiġi ppreżentata prova tan-notifika tas-sentenza.

(5) Meta jwettaq eżekuzzjoni, il-marixxall tal-qorti għandu jinnotifika kopja taċ-ċertifikat imsemmi fil-paragrafu 2, u jistieden lid-debitur biex jikkonforma b'mod volontarju. Flimkien maċ-ċertifikat għandu jkun hemm kopja tas-sentenza mogħtija fi Stat Membru ieħor tal-Unjoni Ewropea jekk din ma tkunx ġiet innotifikata lid-debitur.

(6) Fi żmien xahar min-notifika, id-debitur jista' jippreżenta rikors għaċ-ċaħda tal-eżekuzzjoni. Meta jkun hemm bżonn ta' traduzzjoni tas-sentenza, it-terminu għandu jiġi sospiż sakemm din tiġi pprovduta lid-debitur.

(7) Kwalunkwe waħda mill-partijiet tista' tappella kontra l-adattament tal-miżura jew tal-ordni msemmija fl-Artikolu 436."

Għal materji relatati mal-proċedimenti ta' eżekuzzjoni mhux irregolata mir-Regolament (UE) Nru 1215/2012, japplikaw ir-regoli ġenerali tal-Parti Ħamsa "Proċedura ta' Eżekuzzjoni" tal-Kodiċi tal-Proċedura Ċivili.

### L-Artikolu 75 (a) – L-ismijiet u dettalji ta' kuntatt tal-qrati li quddiemhom jridu jitressqu l-applikazzjonijiet skont l-Artikoli 36(2), 45(4) u 47(1)

Ir-rikors skont l-Artikolu 36(2) jew skont l-Artikolu 45(4) jiġi ppreżentat quddiem il-qorti provinċjali b'ġurisdizzjoni fuq l-indirizz permanenti jew irreġistrat tal-parti opposta jew, jekk il-parti ma jkollha l-ebda indirizz permanenti jew irreġistrat fil-Bulgarija, fuq l-indirizz permanenti jew irreġistrat tal-parti kkonċernata. Jekk il-parti kkonċernata ma jkollhiex lanqas indirizz permanenti jew indirizz irreġistrat fil-Bulgarija, ir-rikors għandu jsir quddiem il-Qorti tal-Belt ta' Sofija (L-Artikolu 622 tal-Kodiċi tal-Proċedura Ċivili).

Ir-rikors skont l-Artikolu 47(1) irid jiġi ppreżentat lill-qorti provinċjali b'ġurisdizzjoni fuq l-indirizz permanenti jew l-indirizz irreġistrat tad-debitur, jew fuq il-post ta' eżekuzzjoni (L-Artikolu 622b tal-Kodiċi tal-Proċedura Ċivili).

### L-Artikolu 75 (b) – L-ismijiet u d-dettalji ta' kuntatt tal-qrati li quddiemhom irid jitressaq l-appell kontra d-deċiżjoni dwar l-applikazzjoni għar-rifjut ta' eżekuzzjoni skont l-Artikolu 49(2)

- fil-Bulgarija, il-Qorti tal-Appell ta' Sofija ("Софийски апелативен съд"). Ir-rikors għandu jiġi ppreżentat permezz tal-qorti provinċjali li tkun ħarġet id-deċiżjoni li tiċħad l-eżekuzzjoni jew id-deċiżjoni li tikkonstata li ma hemm l-ebda raġuni għaċ-ċaħda tar-rikonoxximent.

### L-Artikolu 75 (c) – L-ismijiet u d-dettalji ta' kuntatt tal-qrati li quddiemhom jista' jitressaq appell ulterjuri skont l-Artikolu 50

Appelli ulterjuri kontra d-deċiżjonijiet tal-Qorti tal-Appell ta' Sofija għandhom jiġu ppreżentati quddiem il-Qorti Suprema ta' Kassazzjoni (L-Artikolu 623(6) tal-Kodiċi tal-Proċedura Ċivili).

### L-Artikolu 75 (d) – Il-lingwi aċċettati għat-traduzzjonijiet taċ-ċertifikati dwar is-sentenzi, l-istrumenti awtentiċi u l-ftehimiet bil-qorti

Mhux applikabbli.

### L-Artikolu 76(1)(a) – Ir-regoli ta' ġuriżdizzjoni msemmija fl-Artikoli 5(2) u 6(2) tar-Regolament

Il-qrati tal-Bulgarija u awtoritajiet oħra jkollhom ġurisdizzjoni internazzjonali meta r-rikorrent jew l-attur ikun ċittadin Bulgaru jew persuna ġuridika rreġistrata fir-Repubblika tal-Bulgarija (l-Artikolu 4(1)(2) tal-Kodiċi tad-Dritt Internazzjonali Privat).

### L-Artikolu 76(1)(b) – Ir-regoli dwar in-notifika ta' terzi msemmija fl-Artikolu 65 tar-Regolament

Mhux applikabbli.

### L-Artikolu 76(1)(c) – Il-Konvenzjonijiet msemmija fl-Artikolu 69 tar-Regolament

il-Konvenzjoni bejn il-Bulgarija u l-Belġju dwar ċerti Materji Ġudizzjarji, iffirmata f'Sofija fit-2 ta' Lulju 1930,

il-Ftehim bejn ir-Repubblika tal-Poplu tal-Bulgarija u r-Repubblika Popolari Federali tal-Jugoslavja dwar l-Assistenza Legali Reċiproka, iffirmar f'Sofija fit-23 ta' Marzu 1956, li għadu fis-seħħ bejn il-Bulgarija, is-Slovenja u l-Kroazja,

it-Trattat bejn ir-Repubblika tal-Poplu tal-Bulgarija u r-Repubblika tal-Poplu tar-Rumanija dwar l-Assistenza Legali f'Materji Ċivili, Familjali u Kriminali, iffirmat f' Sofija fit-3 ta' Diċembru 1958,

il-Ftehim bejn ir-Repubblika tal-Poplu tal-Bulgarija u r-Repubblika tal-Poplu tal-Polonja dwar l-Assistenza Legali u r-Relazzjonijiet Legali f'Materji Ċivili, Familjali u Kriminali, iffirmat f'Varsavja fl-4 ta' Diċembru 1961,

il-Ftehim bejn ir-Repubblika tal-Poplu tal-Bulgarija u r-Repubblika tal-Poplu tal-Ungerija dwar l-Assistenza Legali f'Materji Ċivili, Familjali u Kriminali, iffirmat f' Sofija fis-16 ta' Mejju 1966,

il-Ftehim bejn ir-Repubblika tal-Poplu tal-Bulgarija u r-Repubblika Ellenika dwar l-Assistenza Legali f'Materji Ċivili u Kriminali, iffirmat f'Ateni fl-10 ta' April 1976,

il-Ftehim bejn ir-Repubblika tal-Poplu tal-Bulgarija u r-Repubblika Soċjalista taċ-Ċekoslovakkja dwar l-Assistenza Legali u r-Regolamentazzjoni tar-Relazzjonijiet f'Materji Ċivili, Familjali u Kriminali, iffirmat f'Sofija fil-25 ta' Novembru 1976,

il-Ftehim bejn ir-Repubblika tal-Poplu tal-Bulgarija u r-Repubblika ta' Ċipru dwar l-Assistenza Legali f'Materji Ċivili u Kriminali, iffirmat f'Nikosija fid-29 ta' April 1983,

il-Ftehim bejn il-Gvern tar-Repubblika tal-Poplu tal-Bulgarija u l-Gvern tar-Repubblika Franċiża dwar Assistenza Legali Reċiproka f'Materji Ċivili, iffirmat f' Sofija fit-18 ta' Jannar 1989,

il-Ftehim bejn ir-Repubblika tal-Poplu tal-Bulgarija u r-Repubblika Taljana dwar l-Assistenza Legali u l-Eżekuzzjoni ta’ Sentenzi f’Materji Ċivili, iffirmat f’Ruma fit-18 ta’ Mejju 1990,

il-Ftehim bejn ir-Repubblika tal-Poplu tal-Bulgarija u r-Renju ta’ Spanja dwar Assistenza Legali Reċiproka f’Materji Ċivili, iffirmat f’Sofija fit-23 ta’ Mejju 1993,

il-Ftehim bejn ir-Repubblika tal-Poplu tal-Bulgarija u r-Repubblika tal-Awstrija dwar l-Assistenza Legali f’Dokumenti u Materji Ċivili, iffirmat f’Sofija fl-20 ta’ Ottubru 1967.

L-aħħar aġġornament: 26/11/2021

Il-verzjoni bil-lingwa nazzjonali hija ġestita mill-Istat Membru rispettiv. It-traduzzjonijiet saru mis-servizz tal-Kummissjoni Ewropea. Jista' jkun hemm xi tibdil imdaħħal fl-oriġinal mill-awtorità nazzjonali kompetenti li jkun għadu ma jidhirx fit-traduzzjonijiet. Il-Kummissjoni Ewropea ma taċċettax responsabbilta jew kwalunkwe tip ta' tort fir-rigward ta' kull informazzjoni jew dejta li tinsab jew li hemm referenza għaliha f'dan id-dokument. Jekk jogħġbok irreferi għall-avviż legali sabiex tiċċekkja r-regoli dwar id-drittijiet tal-awtur għall-Istati Membri responsabbli minn din il-paġna.

## Ir-Regolament Brussell I (riformulazzjoni) - Repubblika Ċeka

**L-Artikolu 65(3) – Informazzjoni dwar kif jiġu determinati, skont il-liġi nazzjonali, l-effetti tas-sentenzi msemmija fl-Artikolu 65(2) tar-Regolament**

Mhux applikabbli.

**L-Artikolu 75 (a) – L-ismijiet u dettalji ta' kuntatt tal-qrati li quddiemhom jridu jitressqu l-applikazzjonijiet skont l-Artikoli 36(2), 45(4) u 47(1)**

Il-qrati distrettwali għandhom ġurisdizzjoni materjali.

Il-qorti distrettwali b’ġurisdizzjoni territorjali hija ddeterminata kif ġej:

Meta l-eżekuzzjoni ta’ sentenza diġà tkun ġiet ordnata, il-qorti li toħroġ u li twettaq l-eżekuzzjoni tal-ordni jkollha ġurisdizzjoni territorjali. Ir-regoli tal-ġurisdizzjoni nazzjonali li jirregolaw l-eżekuzzjoni ġudizzjarji huma stabbiliti fl-Att Nru 99/1963, il-Kodiċi tal-Proċedura Ċivili (l-Artikolu 252).

Meta jkun diġà ġie ordnat sekwestru (*exekuce*), il-qorti li tordna s-sekwestru jkollha l-ġurisdizzjoni territorjali (qorti tal-eżekuzzjoni (*exekuční soud*)). Ir-regoli għall-iddeterminar tal-qorti tal-eżekuzzjoni huma stabbiliti fl-Att Nru 120/2001 dwar il-marixxalli tal-qorti u l-attivitajiet ta’ eżekuzzjoni (il-Kodiċi ta’ Eżekuzzjoni (*exekuční řád*)) (l-Artikolu 45).

Meta eżekuzzjoni ta’ sentenza jew sekwestru ma tkunx ġiet ordnata, il-qorti li jkollha ġurisdizzjoni għall-eżekuzzjoni tad-deċiżjoni (ara l-punt 1 hawn fuq) jew li tkun il-qorti tal-eżekuzzjoni (ara l-punt 2 hawn fuq) ikollha ġurisdizzjoni fil-proċedimenti.

Lista tal-qrati distrettwali kollha, inklużi d-dettalji ta’ kuntatt aġġornati, hija disponibbli fuq is-sit web tal-Ministeru tal-Ġustizzja.

**L-Artikolu 75 (b) – L-ismijiet u d-dettalji ta' kuntatt tal-qrati li quddiemhom irid jitressaq l-appell kontra d-deċiżjoni dwar l-applikazzjoni għar-rifjut ta' eżekuzzjoni skont l-Artikolu 49(2)**

Appell jitressaq quddiem il-qorti tad-deċiżjoni li tkun qed tiġi kkontestata. (Dik il-qorti tirrinvija l-appell lill-qorti b’ġurisdizzjoni għall-appell.)

Il-qrati reġjonali għandhom ġurisdizzjoni f’termini tar-*ratione materiae* għall-proċedimenti tal-appell. Il-qorti reġjonali li fil-ġurisdizzjoni tagħha tkun tinsab il-qorti distrettwali li tkun qatgħet is-sentenza fl-ewwel istanza dwar ir-rikors għal ċaħda ta’ eżekuzzjoni (jew proċedimenti għar-rikonoxximent jew għaċ-ċaħda tar-rikonoxximent) ikollha ġurisdizzjoni territorjali.

**L-Artikolu 75 (c) – L-ismijiet u d-dettalji ta' kuntatt tal-qrati li quddiemhom jista' jitressaq appell ulterjuri skont l-Artikolu 50**

Jistgħu jintużaw biss miżuri straordinarji ta’ rimedji, jiġifieri:

azzjoni għal annullament (*žaloba pro zmatečnost*) f’konformità mal-Artikolu 229 *et seq.* tal-Att Nru 99/1963, il-Kodiċi tal-Proċedura Ċivili;

azzjoni għal ftuħ mill-ġdid tal-proċedimenti (*žaloba na obnovu řízení*) f’konformità mal-Artikolu 228 *et seq.* tal-Att Nru 99/1963, il-Kodiċi tal-Proċedura Ċivili;

rimedju (*dovolání*) f’konformità mal-Artikolu 236 *et seq.* tal-Att Nru 99/1963, il-Kodiċi tal-Proċedura Ċivili;

Il-miżuri straordinarji kollha ta’ rimedji msemmija jitressqu quddiem il-qorti li tkun iddeċidiet fl-ewwel istanza dwar ir-rikors għal ċaħda tal-eżekuzzjoni (jew proċedimenti għar-rikonoxximent jew għaċ-ċaħda tar-rikonoxximent).

Il-Qorti Suprema għandha ġurisdizzjoni għall-proċedimenti ta’ rimedju (*řízení o dovolání*). Il-qorti li tkun iddeċidiet fl-ewwel istanza għandha ġurisdizzjoni għall-azzjonijiet ta’ ftuħ mill-ġdid tal-proċedimenti (*řízení na obnovu řízení*). Il-qorti li tkun iddeċidiet fl-ewwel istanza għandha ġurisdizzjoni għal azzjonijiet għall-annullament (*řízení o žalobě pro zmatečnost*) f’ċerti każijiet, filwaqt li l-Qorti tal-Appell għandha ġurisdizzjoni f’oħrajn (ara l-Artikolu 235a tal-Att Nru 99/1963, il-Kodiċi tal-Proċedura Ċivili).

**L-Artikolu 75 (d) – Il-lingwi aċċettati għat-traduzzjonijiet taċ-ċertifikati dwar is-sentenzi, l-istrumenti awtentiċi u l-ftehimiet bil-qorti**

Is-Slovakk.

**L-Artikolu 76(1)(a) – Ir-regoli ta' ġuriżdizzjoni msemmija fl-Artikoli 5(2) u 6(2) tar-Regolament**

L-Att Nru 91/2012 dwar id-dritt internazzjonali privat, b’mod partikolari l-Artikolu 6 tal-Att.

**L-Artikolu 76(1)(b) – Ir-regoli dwar in-notifika ta' terzi msemmija fl-Artikolu 65 tar-Regolament**

Mhux applikabbli.

**L-Artikolu 76(1)(c) – Il-Konvenzjonijiet msemmija fl-Artikolu 69 tar-Regolament**

Ftehim bejn ir-Repubblika tal-Poplu tal-Bulgarija u r-Repubblika Soċjalista taċ-Ċekoslovakkja dwar l-Għajnuna Legali u r-Riżoluzzjoni tar-Relazzjonijiet Legali f’Materji Ċivili, Familjali u Kriminali (Sofija, il-25 ta’ Novembru 1976);

It-Trattat bejn ir-Repubblika Soċjalista taċ-Ċekoslovakkja u r-Repubblika ta’ Ċipru dwar l-Għajnuna Legali f’Materji Ċivili u Kriminali (Nikosija, it-23 ta’ April 1982);

It-Trattat bejn ir-Repubblika Soċjalista taċ-Ċekoslovakkja u r-Repubblika Ellenika dwar l-Għajnuna Legali f’Materji Ċivili u Kriminali (Ateni, it-22 ta’ Ottubru 1980);

It-Trattat bejn ir-Repubblika Soċjalista taċ-Ċekoslovakkja u r-Renju ta’ Spanja dwar l-Għajnuna Legali, ir-Rikonoxximent u l-Eżekuzzjoni tad-Deċiżjonijiet tal-Qorti f’Materji Ċivili (Madrid, l-4 ta’ Mejju 1987);

It-Trattat bejn il-Gvern tar-Repubblika Soċjalista taċ-Ċekoslovakkja u l-Gvern tar-Repubblika Franċiża dwar l-Għajnuna Legali u r-Rikonoxximent u l-Eżekuzzjoni tas-Sentenzi f’Materji Ċivili, Familjali u Kummerċjali (Pariġi, l-10 ta’ Mejju 1984);

It-Trattat bejn ir-Repubblika Soċjalista taċ-Ċekoslovakkja u r-Repubblika tal-Poplu tal-Ungerija dwar l-Għajnuna Legali u r-Riżoluzzjoni tar-Relazzjonijiet Legali f’Materji Ċivili, Familjali u Kriminali (Bratislava, it-28 ta’ Marzu 1989);

It-Trattat bejn ir-Repubblika Soċjalista taċ-Ċekoslovakkja u r-Repubblika Taljana dwar l-Għajnuna Legali f’Materji Ċivili u Kriminali (Praga, is-6 ta’ Diċembru 1985);

It-Trattat bejn ir-Repubblika Soċjalista taċ-Ċekoslovakkja u r-Repubblika tal-Poplu tal-Polonja dwar l-Għajnuna Legali u r-Riżoluzzjoni tar-Relazzjonijiet Legali f’Materji Ċivili, Familjali, tax-Xogħol u Kriminali (Varsavja, il-21 ta’ Diċembru 1987), fis-sens tat-Trattat bejn ir-Repubblika Ċeka u r-Repubblika tal-Polonja li jemenda u jissupplimenta t-Trattat bejn ir-Repubblika Soċjalista taċ-Ċekoslovakkja u r-Repubblika tal-Poplu tal-Polonja dwar l-Għajnuna Legali u r-Riżoluzzjoni tar-Relazzjonijiet Legali f’Materji Ċivili, Familjali, tax-Xogħol u Kriminali, iffirmat f’Varsavja fil-21 ta’ Diċembru 1987 (Mojmírovce, it-30 ta’ Ottubru 2003);

Il-Konvenzjoni bejn ir-Repubblika taċ-Ċekoslovakkja u l-Portugall dwar ir-Rikonoxximent u l-Eżekuzzjoni tad-Deċiżjonijiet tal-Qorti (Lisbona, it-23 ta’ Novembru 1927);

Il-Konvenzjoni dwar l-Għajnuna Legali f’Materji Ċivili bejn ir-Repubblika Ċeka u r-Rumanija (Bucharest, il-11 ta’ Lulju 1994);
It-Trattat bejn ir-Repubblika Soċjalista taċ-Ċekoslovakkja u r-Repubblika Federali Soċjalista tal-Jugoslavja dwar ir-Relazzjonijiet Legali f’Materji Ċivili, Familjali u Kriminali (Belgrad, l-20 ta’ Jannar 1964);
It-Trattat bejn ir-Repubblika Ċeka u r-Repubblika Slovakka dwar l-Għajnuna Legali provduta mill-Korpi Ġudizzjarji u dwar ir-Riżoluzzjoni ta’ Ċerti Relazzjonijiet Legali f’Materji Ċivili u Kriminali (Praga, id-29 ta’ Ottubru 1992).

L-aħħar aġġornament: 07/05/2022

Il-verzjoni bil-lingwa nazzjonali hija ġestita mill-Istat Membru rispettiv. It-traduzzjonijiet saru mis-servizz tal-Kummissjoni Ewropea. Jista' jkun hemm xi tibdil imdaħħal fl-oriġinal mill-awtorità nazzjonali kompetenti li jkun għadu ma jidhirx fit-traduzzjonijiet. Il-Kummissjoni Ewropea ma taċċettax responsabbilta jew kwalunkwe tip ta' tort fir-rigward ta' kull informazzjoni jew dejta li tinsab jew li hemm referenza għaliha f'dan id-dokument. Jekk jogħġbok irreferi għall-avviż legali sabiex tiċċekkja r-regoli dwar id-drittijiet tal-awtur għall-Istati Membri responsabbli minn din il-paġna.

## Ir-Regolament Brussell I (riformulazzjoni) - Ġermanja

### L-Artikolu 65(3) – Informazzjoni dwar kif jiġu determinati, skont il-liġi nazzjonali, l-effetti tas-sentenzi msemmija fl-Artikolu 65(2) tar-Regolament

1. Kif tista’ tiġi deskritta n-notifika lil partijiet terzi (TPN - third-party notice) b’mod ġenerali?
In-notifika lil partijiet terzi (“TPN”) tintuża biex tingħata notifika formali ta’ proċediment il-qorti li jkun pendenti (proċediment inizjali - *Vorprozess*) lil partijiet terzi li ma jkunux partijiet fih. In-notifika lil partijiet terzi ssir billi jiġi ppreżentat dokument bil-miktub lill-qorti u mbagħad jiġi nnotifikat uffiċjalment lid-destinatarju tat-TPN. Il-parti terza tkun libera li tiddeċiedi jekk tisseħibx jew le fil-proċedimenti. Parti terza li tissieħeb fil-proċedimenti ma ssirx parti, iżda tkun sempliċiment intervenjent, li d-dikjarazzjonijiet u l-azzjonijiet tagħha ma jridux ikunu f’kunflitt ma’ dawk tal-parti prinċipali. L-intervenjent ma jistax jintalab iħallas xi spejjeż.
2. X’inhuma l-effetti ewlenin tas-sentenzi fuq persuni li jkunu ngħataw TPN?
Notifika lil partijiet terzi tippresupponi li parti fi proċediment li jkun għaddej (proċediment inizjali) ikollha raġuni għaliex tibża’ minn eżitu sfavorevoli, iżda jkollha wkoll għalfejn tistenna li jekk l-eżitu jkun sfavorevoli, imbagħad tkun tista’ tressaq kawża għad-danni kontra l-parti terza jew tieħu passi kontra l-parti terza taħt garanzija. Għaldaqstant, il-parti li toħroġ in-notifika lil partijiet terzi jkollha interess li tirbaħ il-proċediment inizjali (u hawnhekk l-intervenjent ikun jista’ jassisti) jew - jekk il-proċediment inizjali jintilef - li tirkupra t-telf tagħha billi tirbaħ proċediment sussegwenti (*Folgeprozess*) kontra l-parti terza.
Jekk il-parti terza tappoġġa lill-parti li tkun ħarġet in-notifika, il-parti terza trid taċċetta l-kawża skont kif issibha. Il-parti terza tista’ tqajjem motivi u tippreżenta dokumenti proċedurali, dment li ma tagħmel xejn li jikkontradiċi lill-parti prinċipali. Jekk il-parti terza tirrifjuta li tissieħeb fi proċediment, jew ma tieħux pożizzjoni, il-proċediment jibqa’ għaddej mingħajr kunsiderazzjoni tal-parti terza. Jekk il-parti li tkun ħarġet in-notifika, sussegwentement tiftaħ kawża kontra l-parti terza, din tal-aħħar ma tistax tisħaq li d-deċiżjoni fil-proċediment inizjali ma kinitx korretta. Dan ifisser li, fil-proċediment sussegwenti, konstatazzjoni tal-proċediment inizjali favur il-parti li tkun ħarġet in-notifika lil partijiet terzi titqies bħala vinkolanti.
3. In-notifika lil partijiet terzi ma għandha l-ebda effett fuq id-deċiżjoni dwar punti tal-liġi fil-proċediment inizjali.
4. L-eżitu tal-proċedimenti inizjali ma jkunx vinkolanti jekk l-intervenjent ma jkunx tħalla jqajjem motivi jew minħabba l-istat tal-proċediment fil-waqt tal-intervent jew minħabba d-dikjarazzjonijiet u l-azzjonijiet tal-parti prinċipali.
5. L-effetti tan-notifika lil partijiet terzi japplikaw irrispettivament minn jekk il-parti terza tisseħibx jew le fil-proċediment inizjali.
6. In-notifika lil partijiet terzi ma għandha l-ebda effett fuq ir-relazzjoni bejn il-parti terza u l-avversarju tal-parti li tkun ħarġet in-notifika lil partijiet terzi, sakemm il-parti terza ma tintervjenix b’sostenn għall-avversarju.

### L-Artikolu 75 (a) – L-ismijiet u dettalji ta' kuntatt tal-qrati li quddiemhom jridu jitressqu l-applikazzjonijiet skont l-Artikoli 36(2), 45(4) u 47(1)

- fil-Ġermanja, il-*Landgericht*.

### L-Artikolu 75 (b) – L-ismijiet u d-dettalji ta' kuntatt tal-qrati li quddiemhom irid jitressaq l-appell kontra d-deċiżjoni dwar l-applikazzjoni għar-rifjut ta' eżekuzzjoni skont l-Artikolu 49(2)

- fil-Ġermanja, l-*Oberlandesgericht*.

### L-Artikolu 75 (c) – L-ismijiet u d-dettalji ta' kuntatt tal-qrati li quddiemhom jista' jitressaq appell ulterjuri skont l-Artikolu 50

- fil-Ġermanja, il-*Bundesgerichtshof*.

### L-Artikolu 75 (d) – Il-lingwi aċċettati għat-traduzzjonijiet taċ-ċertifikati dwar is-sentenzi, l-istrumenti awtentiċi u l-ftehimiet bil-qorti

Mhux applikabbli.

### L-Artikolu 76(1)(a) – Ir-regoli ta' ġuriżdizzjoni msemmija fl-Artikoli 5(2) u 6(2) tar-Regolament

- fil-Ġermanja: l-Artikolu 23 tal-Kodiċi tal-Proċedura Ċivili (*Zivilprozessordnung*).

### L-Artikolu 76(1)(b) – Ir-regoli dwar in-notifika ta' terzi msemmija fl-Artikolu 65 tar-Regolament

- fil-Ġermanja: l-Artikoli 68 u 72-74 tal-Kodiċi tal-Proċedura Ċivili.

### L-Artikolu 76(1)(c) – Il-Konvenzjonijiet msemmija fl-Artikolu 69 tar-Regolament

il-Konvenzjoni bejn il-Ġermanja u l-Italja dwar ir-Rikonoxximent u l-Eżekuzzjoni ta’ Sentenzi f’Materji Ċivili u Kummerċjali, iffirmata f’Ruma fid-9 ta’ Marzu 1936;
il-Konvenzjoni bejn il-Ġermanja u l-Belġju dwar ir-Rikonoxximent Reċiproku u l-Eżekuzzjoni tas-Sentenzi, id-Deċiżjonijiet ta’ Arbitraġġ u l-Atti Awtentiċi f’ Materji Ċivili u Kummerċjali, iffirmata f’Bonn fit-30 ta’ Ġunju 1958;
il-Konvenzjoni bejn il-Ġermanja u l-Awstrija dwar ir-Rikonoxximent Reċiproku u l-Eżekuzzjoni tas-Sentenzi, tar-Riżoluzzjonijiet u tal-Atti Awtentiċi f’Materji Ċivili u Kummerċjali, iffirmata fi Vienna fis-6 ta’ Ġunju 1959;
il-Konvenzjoni bejn ir-Renju Unit u r-Repubblika Federali tal-Ġermanja dwar ir-Rikonoxximent Reċiproku u l-Eżekuzzjoni ta’ Sentenzi f’Materji Ċivili u Kummerċjali, iffirmata f’Bonn fl-14 ta’ Lulju 1960;
il-Konvenzjoni bejn in-Netherlands u l-Ġermanja dwar ir-Rikonoxximent Reċiproku u l-Eżekuzzjoni tas-Sentenzi u ta’ Atti Eżegwibbli Oħra f’Materji Ċivili u Kummerċjali, iffirmata f’The Hague fit-30 ta’ Awwissu 1962;
il-Konvenzjoni bejn il-Ġermanja u l-Greċja dwar ir-Rikonoxximent Reċiproku u l-Eżekuzzjoni tas-Sentenzi, tar-Riżoluzzjonijiet u tal-Atti Awtentiċi f’Materji Ċivili u Kummerċjali, iffirmata f’Ateni fl-4 ta’ Novembru 1961;
il-Konvenzjoni bejn Spanja u r-Repubblika Federali tal-Ġermanja dwar ir-Rikonoxximent u l-Eżekuzzjoni tas-Sentenzi, tar-Riżoluzzjonijiet u tal-Atti Awtentiċi Eżegwibbli f’Materji Ċivili u Kummerċjali, iffirmata f’Bonn fl-14 ta’ Novembru 1983.

L-aħħar aġġornament: 29/06/2022

Il-verzjoni bil-lingwa nazzjonali hija ġestita mill-Istat Membru rispettiv. It-traduzzjonijiet saru mis-servizz tal-Kummissjoni Ewropea. Jista' jkun hemm xi tibdil imdaħħal fl-oriġinal mill-awtorità nazzjonali kompetenti li jkun għadu ma jidhirx fit-traduzzjonijiet. Il-Kummissjoni Ewropea ma taċċettax responsabbilta jew kwalunkwe tip ta' tort fir-rigward ta' kull informazzjoni jew dejta li tinsab jew li hemm referenza għaliha f'dan id-dokument. Jekk jogħġbok irreferi għall-avviż legali sabiex tiċċekkja r-regoli dwar id-drittijiet tal-awtur għall-Istati Membri responsabbli minn din il-paġna.

## Ir-Regolament Brussell I (riformulazzjoni) - Estonja

### L-Artikolu 65(3) – Informazzjoni dwar kif jiġu determinati, skont il-liġi nazzjonali, l-effetti tas-sentenzi msemmija fl-Artikolu 65(2) tar-Regolament

(1) Kif tista' notifika lil partijiet terzi (TPN - third-party notice) tiġi deskritta b'mod ġenerali?
Skont il-liġi proċedurali tal-Estonja, huwa possibbli li parti terza tieħu sehem fil-proċedimenti b'talba indipendenti jew mingħajrha. Meta tilwima fil-qorti tiġi solvuta mhux affavur ta' parti partikolari fil-proċedimenti, dik il-parti tista' tressaq kawża kontra parti terza biex tilliberaha minn obbligu li jirriżulta minn ksur allegat ta' kuntratt, obbligu ta' kumpens għad-danni jew obbligu ta' rimedju jew, jekk ikollha raġuni għaliex temmen li parti terza se tressaq kawża kontriha, tista', sakemm jiġu konklużi l-proċedimenti preliminari jew sal-iskadenza tat-terminu ta' preskrizzjoni għar-rikorsi fi proċedura bil-miktub, tressaq rikors lill-qorti li tkun qed tmexxi l-proċedimenti biex iżżid parti terza fil-proċedimenti. Ladarba l-proċedimenti preliminari jiġu konklużi, rikors biex tiġi involuta parti terza fil-proċedimenti jista' jsir biss bil-kunsens tal-partijiet l-oħra fil-proċedimenti jew tal-qorti. Il-qorti taqbel mal-involviment tal-parti terza wara li jiġu konklużi l-proċedimenti preliminari biss jekk ikun hemm raġuni valida għaliex ir-rikors ma jkunx ġie ppreżentat fit-termini stabbiliti u jekk, fl-opinjoni tal-qorti, l-involviment tal-parti terza jkun strumentali għas-soluzzjoni tal-kawża. Il-qorti tinnotifika lil partijiet terzi, tgħarraf lill-parti l-oħra bin-notifika u tistabbilixxi skadenza sabiex dawn jieħdu pożizzjoni. Jekk in-notifika tissodisfa r-rekwiżiti legali u l-parti tiġġustifika l-ħtieġa li tiżdied parti terza, il-qorti tordna lill-parti terza biex tiżdied fil-proċedimenti. Parti terza li ma tressaqx talba indipendenti tkun parti fil-proċedimenti skont il-liġi proċedurali tal-Estonja jekk ma tkunx waħda mill-partijiet l-oħra fil-proċedimenti (rikorrent jew konvenut). Jekk jirriżulta li l-parti terza tkun ġiet miżjuda jew tkun intervjeniet fil-proċedimenti mingħajr ġustifikazzjoni, il-qorti tista' tordna li tiġi eskluża mill-proċedimenti. Parti terza li ma tressaqx talba indipendenti li tkun ġiet miżjuda jew li tintervjeni fil-proċedimenti affavur tar-rikorrent jew tal-konvenut preżumibbilment għandha tappoġġa l-pożizzjoni tal-parti rilevanti fil-proċedimenti, jiġifieri tressaq argumentazzjonijiet li jappoġġaw lil dik il-parti u jkollha interess li t-talba ta' dik il-parti tintlaqa'. Parti terza li ma tressaqx argument awtonomu tista' tieħu l-passi proċedurali kollha għajr dawk li jistgħu jittieħdu biss mir-rikorrent jew mill-konvenut waħedhom; dan jinkludi l-appell mid-deċiżjonijiet meħuda fil-kawża. Rikors, ilment jew att proċedurali minn parti terza jkollu effett legali fuq il-proċedimenti fil-każijiet biss li fihom dan ma jkunx f'kunflitt mar-rikors, mal-ilment jew mal-att tar-rikorrent jew tal-konvenut li l-parti terza tkun qed tipparteċipa fil-proċedimenti magħha. Meta jitressaq ilment jew jittieħed kwalunkwe pass proċedurali ieħor, tapplika l-istess skadenza għall-parti terza bħal dik tar-rikorrent jew tal-konvenut fuq in-naħa ta' liema tkun qed tipparteċipa fil-proċedimenti, sakemm il-liġi ma tipprevedix mod ieħor.
(2) X'inhuma l-effetti prinċipali tas-sentenzi fuq il-persuni li jkunu ngħataw TPN?
Jekk parti tippreżenta rikors biex persuna tiżdied bħala parti terza, iżda l-qorti ma żżidx il-persuna fil-proċedimenti jew il-persuna tkun eskluża mill-proċedimenti terzi, dik il-persuna ma tkunx legalment vinkolata bid-deċiżjoni fil-proċedimenti prinċipali.
Jekk parti tressaq rikors biex tiżdied persuna bħala parti terza u dik il-persuna tiżdied fil-proċedimenti bħala parti terza, il-parti terza, fir-rigward tar-rikorrent jew tal-konvenut li affavur tiegħu tkun intervjeniet fil-proċedimenti jew tkun ingħaqdet fil-proċedimenti, ma tistax, fi proċedimenti sussegwenti għall-proċedimenti prinċipali, tiddependi fuq il-fatt li r-riżoluzzjoni dwar id-deċiżjoni meħuda fil-proċedimenti kienet waħda żbaljata jew li ċ-ċirkostanzi ġew stabbiliti b'mod żbaljat. Jekk parti fil-proċedimenti tibda proċedimenti kontra parti terza li ma tressaqx argument awtonomu u tiddependi fuq proċedimenti preċedenti, il-parti terza tista' wkoll tqajjem oġġezzjoni li tkun qajmet fil-proċedimenti bħala parti terza u li tikkontradiċi d-dikjarazzjonijiet tal-parti. Parti terza tista' wkoll tqajjem oġġezzjoni li hija ma setgħetx tressaq rikors, oġġezzjoni, evidenza jew ilment għaliex intervjeniet jew ingħaqdet fil-proċedura meta kien tard wisq jew ma setgħetx tressaqhom minħabba dikjarazzjonijiet jew azzjonijiet mir-rikorrent jew mill-konvenut li fil-proċedimenti ppartecipat magħhom. Tista' wkoll toġġezzjona li r-rikorrent jew il-konvenut, bla ma l-parti terza kienet taf, naqas milli jippreżenta rikors, oġġezzjoni, evidenza jew ilment deliberatament jew minħabba negliġenza gravi.
(3) Jeżisti effett vinkolanti fir-rigward tal-valutazzjoni legali fil-proċedimenti prinċipali?
Jekk parti tkun ippreżentat rikors biex persuna tiżdied bħala parti terza, iżda l-qorti ma tkunx żiedet il-persuna fil-proċedimenti jew il-persuna tkun ġiet eskluża mill-proċedimenti terzi, id-deċiżjoni fil-proċedimenti prinċipali ma tkunx legalment vinkolanti, inkluż fir-rigward tal-valutazzjoni legali.
(4) Jeżisti effett vinkolanti fir-rigward tal-fatti stabbiliti li l-persuna terza ma setgħetx tikkontesta fil-proċedimenti prinċipali, pereż. minħabba li ma ġewx ikkontestati mill-partijiet?
Iċ-ċirkostanzi stabbiliti mill-qorti mhumiex legalment vinkolanti fuq il-parti terza jekk il-parti terza ma setgħetx tikkontestahom għaliex il-partijiet l-oħra ma kkontestawhomx jew jekk il-parti li affavur tagħha tkun ingħaqdet il-parti terza fil-proċedimenti ma qablitx maċ-ċirkostanzi kkontestati mill-parti terza.
(5) It-TPN tipproduċi l-effetti tagħha irrispettivament minn jekk il-parti terza ngħaqdet mal-proċedimenti prinċipali jew le?
Skont il-liġi proċedurali tal-Estonja, huwa possibbli li parti terza tiżdied fil-proċedimenti u li parti terza tintervjeni fil-proċedimenti b'rikors tagħha stess. Il-qorti tiddeċiedi b'ordni jekk tħallix li l-parti terza tiżdied fil-proċedimenti jew li tintervjeni fil-proċedimenti. Parti jew parti terza tista' tappella minn ordni li biha l-qorti tħalli jew tirrifjuta li tħalli parti terza tintervjeni fil-proċedimenti, jew li żżid jew tirrifjuta li żżid parti terza fil-proċedimenti jew tneħħi parti terza mill-proċedimenti. Id-deċiżjonijiet tal-qorti distrettwali kontra d-deċiżjonijiet tal-qorti tal-kontea ma jistgħux jiġu appellati quddiem il-Qorti Suprema.
(6) It-TPN taffettwa r-relazzjoni bejn il-parti terza u l-parti avversarja tal-parti notifikanti?
Jekk parti tagħmel rikors biex iżżid parti terza fil-proċedimenti, iżda jekk il-qorti ma żżidx dik il-parti terza fil-proċedimenti, dan ma jkollu l-ebda impatt fuq ir-relazzjonijiet bejn il-parti li tagħmel rikors u l-parti avversarja tagħha.
Jekk parti tagħmel rikors biex persuna tiżdied bħala parti terza u dik il-persuna tiżdied fil-proċedimenti bħala parti terza, il-parti terza ma tistax, fir-rigward tar-rikorrent jew il-konvenut li tkun intervjeniet jew tkun ġiet miżjuda affavurihom fil-proċedimenti, tiddependi fil-proċedimenti sussegwenti għall-proċedimenti prinċipali fuq il-fatt li s-soluzzjoni dwar id-deċiżjoni li tkun ittieħdet fil-proċedimenti kienet waħda skorretta jew li ċ-ċirkostanzi kienu ġew stabbiliti b'mod skorrett.
Iż-żieda ta' parti terza li ma tressaqx argumenti awtonomi u l-konsegwenzi ta' dan huma rregolati mill-Artikoli 214 u 216 tal-Kodiċi tal-Proċedura Ċivili.

**L-Artikolu 75 (a) – L-ismijiet u dettalji ta' kuntatt tal-qrati li quddiemhom jridu jitressqu l-applikazzjonijiet skont l-Artikoli 36(2), 45(4) u 47(1)**

Il-qrati tal-kontea.

**L-Artikolu 75 (b) – L-ismijiet u d-dettalji ta' kuntatt tal-qrati li quddiemhom irid jitressaq l-appell kontra d-deċiżjoni dwar l-applikazzjoni għar-rifjut ta' eżekuzzjoni skont l-Artikolu 49(2)**

Il-qrati distrettwali permezz tal-qorti tal-kontea li d-deċiżjoni tagħhom tkun qed tiġi kkontestata permezz tal-appell.

**L-Artikolu 75 (c) – L-ismijiet u d-dettalji ta' kuntatt tal-qrati li quddiemhom jista' jitressaq appell ulterjuri skont l-Artikolu 50**

Il-Qorti Suprema.

**L-Artikolu 75 (d) – Il-lingwi aċċettati għat-traduzzjonijiet taċ-ċertifikati dwar is-sentenzi, l-istrumenti awtentiċi u l-ftehimiet bil-qorti**

L-Ingliż.

**L-Artikolu 76(1)(a) – Ir-regoli ta' ġuriżdizzjoni msemmija fl-Artikoli 5(2) u 6(2) tar-Regolament**

L-Artikolu 86 (ġurisdizzjoni fil-post tal-proprjetà) tal-Kodiċi tal-Proċedura Ċivili, sa fejn it-talba ma tkunx relatata ma' dik il-proprjetà tal-persuna. L-Artikolu 100 (talba għal terminazzjoni tal-applikazzjoni tat-termini standard) tal-Kodiċi tal-Proċedura Ċivili, sa fejn il-kawża għandha titressaq quddiem il-qorti li t-terminu standard ikun ġie applikat fil-ġurisdizzjoni territorjali tagħha.

**L-Artikolu 76(1)(b) – Ir-regoli dwar in-notifika ta' terzi msemmija fl-Artikolu 65 tar-Regolament**

L-Artikoli 212-216 tal-Kodiċi tal-Proċedura Ċivili.

**L-Artikolu 76(1)(c) – Il-Konvenzjonijiet msemmija fl-Artikolu 69 tar-Regolament**

Il-Ftehim dwar l-Assistenza Legali u r-Relazzjonijiet Legali bejn ir-Repubblika tal-Litwanja, ir-Repubblika tal-Estonja u r-Repubblika tal-Latvja, iffirmat f'Tallinn fil-11 ta' Novembru 1992.
Il-Ftehim bejn ir-Repubblika tal-Estonja u r-Repubblika tal-Polonja dwar l-Assistenza Legali u r-Relazzjonijiet Legali f'Materji Ċivili, tax-Xogħol u Kriminali, iffirmat f'Tallinn fis-27 ta' Novembru 1998.
L-aħħar aġġornament: 29/03/2022
Il-verżjoni bil-lingwa nazzjonali hija ġestita mill-Istat Membru rispettiv. It-traduzzjonijiet saru mis-servizz tal-Kummissjoni Ewropea. Jista' jkun hemm xi tibdil imdaħħal fl-oriġinal mill-awtorità nazzjonali kompetenti li jkun għadu ma jidhirx fit-traduzzjonijiet. Il-Kummissjoni Ewropea ma taċċettax responsabbilta jew kwalunkwe tip ta' tort fir-rigward ta' kull informazzjoni jew dejta li tinsab jew li hemm referenza għaliha f'dan id-dokument. Jekk jogħġbok irreferi għall-avviż legali sabiex tiċċekkja r-regoli dwar id-drittijiet tal-awtur għall-Istati Membri responsabbli minn din il-paġna.

## Ir-Regolament Brussell I (riformulazzjoni) - Franza

### L-Artikolu 65(3) – Informazzjoni dwar kif jiġu determinati, skont il-liġi nazzjonali, l-effetti tas-sentenzi msemmija fl-Artikolu 65(2) tar-Regolament
Ma japplikax

### L-Artikolu 74 – Deskrizzjoni tar-regoli u l-proċeduri nazzjonali dwar l-eżekuzzjoni
Ara "Proċedura għall-eżekuzzjoni ta' sentenza tal-qorti".

### L-Artikolu 75 (a) – L-ismijiet u dettalji ta' kuntatt tal-qrati li quddiemhom jridu jitressqu l-applikazzjonijiet skont l-Artikoli 36(2), 45(4) u 47(1)
għal rikorsi għal rifjut ta' eżekuzzjoni, l-imħallef tal-eżekuzzjoni tal-Qorti Kkombinata (*Tribunal judicaire*), peress li dan ir-rikors jista' jsir biss fil-kuntest ta' kontestazzjoni ta' miżura ta' eżekuzzjoni.
għal rikorsi għal deċiżjoni li ma hemmx raġuni għal rifjut ta' rikonoxximent skont l-Artikolu 36(2), u rikorsi għal rifjut ta' rikonoxximent (l-Artikolu 45), il-Qorti Kkombinata jekk din tkun il-kwistjoni prinċipali.

### L-Artikolu 75 (b) – L-ismijiet u d-dettalji ta' kuntatt tal-qrati li quddiemhom irid jitressaq l-appell kontra d-deċiżjoni dwar l-applikazzjoni għar-rifjut ta' eżekuzzjoni skont l-Artikolu 49(2)
- fi Franza, il-Qorti tal-Appell (*Cour d'appel*). Il-qorti tal-appell b'ġurisdizzjoni territorjali tiddependi fuq il-qorti li tkun ħarġet id-deċiżjoni fl-ewwel istanza.

### L-Artikolu 75 (c) – L-ismijiet u d-dettalji ta' kuntatt tal-qrati li quddiemhom jista' jitressaq appell ulterjuri skont l-Artikolu 50
- fi Franza, il-Qorti tal-Kassazzjoni (*Cour de cassation*).

### L-Artikolu 75 (d) – Il-lingwi aċċettati għat-traduzzjonijiet taċ-ċertifikati dwar is-sentenzi, l-istrumenti awtentiċi u l-ftehimiet bil-qorti
Ma japplikax

### L-Artikolu 76(1)(a) – Ir-regoli ta' ġurisdizzjoni msemmija fl-Artikoli 5(2) u 6(2) tar-Regolament
- fi Franza, l-Artikoli 14 u 15 tal-Kodiċi Ċivili

### L-Artikolu 76(1)(b) – Ir-regoli dwar in-notifika ta' terzi msemmija fl-Artikolu 65 tar-Regolament
Ma japplikax

### L-Artikolu 76(1)(c) – Il-Konvenzjonijiet msemmija fl-Artikolu 69 tar-Regolament
il-Konvenzjoni bejn il-Belġju u Franza dwar il-Ġurisdizzjoni u l-Validità u l-Eżekuzzjoni ta' Sentenzi, Deċiżjonijiet Arbitrali u Strumenti Awtentiċi, iffirmata f' Pariġi fit-8 ta' Lulju 1899,
il-Ftehim bejn il-Gvern tar-Repubblika tal-Poplu tal-Bulgarija u l-Gvern tar-Repubblika Franċiża dwar l-Assistenza Legali Reċiproka f'Materji Ċivili, iffirmat f' Sofija fit-18 ta' Jannar 1989,
it-Trattat bejn il-Gvern tar-Repubblika ta' Franza u l-Gvern tar-Repubblika Soċjalista Ċekoslovakka dwar l-Assistenza Legali u r-Rikonoxximent u l-Eżekuzzjoni ta' Sentenzi f'Materji Ċivili, tal-Familja u Kummerċjali, iffirmat f'Pariġi fl-10 ta' Mejju 1984,
il-Konvenzjoni bejn Franza u Spanja dwar ir-Rikonoxximent u l-Eżekuzzjoni ta' Sentenzi, Deċiżjonijiet Arbitrali u Strumenti Awtentiċi f'Materji Ċivili u Kummerċjali, iffirmata f'Pariġi fit-28 ta' Mejju 1969,
il-Ftehim tal-25 ta' Frar 1974, fil-forma ta' noti ta' skambju li jinterpretaw l-Artikoli 2 u 17 tal-Konvenzjoni bejn Franza u Spanja dwar ir-Rikonoxximent u l-Eżekuzzjoni ta' Sentenzi, Deċiżjonijiet Arbitrali u Strumenti Awtentiċi f'Materji Ċivili u Kummerċjali, iffirmat f'Pariġi fit-28 ta' Mejju 1969,
il-Konvenzjoni bejn il-Gvern tar-Repubblika Federali Soċjalista tal-Jugoslavja u l-Gvern tar-Repubblika ta' Franza dwar ir-rikonoxximent u l-eżekuzzjoni ta' sentenzi f'materji ċivili u kummerċjali, iffirmata f'Pariġi fit-18 ta' Mejju 1971,
il-Konvenzjoni bejn ir-Repubblika tal-Poplu tal-Ungerija u r-Repubblika Franċiża dwar l-Assistenza Legali fil-Liġi Ċivili u tal-Familja, dwar ir-Rikonoxximent u l-Eżekuzzjoni ta' Sentenzi u l-Assistenza Legali f'Materji Kriminali u dwar l-Estradizzjoni, iffirmata f'Budapest fil-31 ta' Lulju 1980,
il-Konvenzjoni bejn Franza u l-Italja dwar l-Eżekuzzjoni ta' Sentenzi f'Materji Ċivili u Kummerċjali, iffirmata f'Ruma fit-3 ta' Ġunju 1930,
il-Konvenzjoni bejn Franza u l-Awstrija dwar ir-Rikonoxximent u l-Eżekuzzjoni ta' Sentenzi u Strumenti Awtentiċi f'Materji Ċivili u Kummerċjali, iffirmata fi Vjenna fil-15 ta' Lulju 1966,
il-Konvenzjoni bejn ir-Repubblika Soċjalista tar-Rumanija u r-Repubblika Franċiża dwar l-Assistenza Legali f'Materji Ċivili u Kummerċjali, iffirmata f'Pariġi fil-5 ta' Novembru 1974.
L-aħħar aġġornament: 28/03/2022
Il-verżjoni bil-lingwa nazzjonali hija ġestita mill-Istat Membru rispettiv. It-traduzzjonijiet saru mis-servizz tal-Kummissjoni Ewropea. Jista' jkun hemm xi tibdil imdaħħal fl-oriġinal mill-awtorità nazzjonali kompetenti li jkun għadu ma jidhirx fit-traduzzjonijiet. Il-Kummissjoni Ewropea ma taċċettax responsabbilta jew kwalunkwe tip ta' tort fir-rigward ta' kull informazzjoni jew dejta li tinsab jew li hemm referenza għaliha f'dan id-dokument. Jekk jogħġbok irreferi għall-avviż legali sabiex tiċċekkja r-regoli dwar id-drittijiet tal-awtur għall-Istati Membri responsabbli minn din il-paġna.

## Ir-Regolament Brussell I (riformulazzjoni) - il-Kroazja

### L-Artikolu 65(3) – Informazzjoni dwar kif jiġu determinati, skont il-liġi nazzjonali, l-effetti tas-sentenzi msemmija fl-Artikolu 65(2) tar-Regolament
Partijiet terzi li ma jkunux partijiet f'tilwima jingħataw notifika ta' litigazzjoni dwar it-tilwima biex jinfurmawhom li deċiżjoni adottata jista' jkollha effett legali dirett fuqhom. Jekk ir-rikorrent jew il-konvenut ikun meħtieġ jinnotifika lil parti terza dwar litigazzjoni biex jikseb ċertu effett skont il-liġi ċivili, dan jista' jagħmel hekk fi kwalunkwe ħin qabel ma tkun inħarġet deċiżjoni finali fil-proċedimenti billi jressaq sottomissjoni permezz tal-qorti ċivili, fejn jindika r-raġuni u l-istat tal-proċedimenti. Parti li tkun tat notifika lil parti terza dwar litigazzjoni ma tistax tuża' dak il-fatt biex titlob sospensjoni tal-proċedimenti, estensjoni tal-iskadenzi jew posponiment ta' seduta ta' smigħ.
Parti terza li għandha interess leġittimu fis-suċċess ta' waħda mill-partijiet fil-litigazzjoni tista' tingħaqad fil-kawża tal-parti, iżda mhijiex obbligata tagħmel dan. Jekk dik il-parti terza tiddeċiedi li tintervjeni, hija għandha tippreżenta dikjarazzjoni ta' intervent, jew fis-seduta ta' smigħ jew permezz ta' dikjarazzjoni bil-miktub mogħtija liż-żewġ partijiet. Parti terza li tidħol f'litigazzjoni ma ssirx parti mill-proċedimenti, iżda takkwista l-istatus ta' intervenjent li jrid jaċċetta l-istat tal-litigazzjoni fiż-żmien tal-intervent; l-azzjonijiet tal-intervenjent ma jistgħux imorru kontra dawk tal-parti li qed tingħaqad magħha.
Hemm tliet tipi ta' intervenjent skont il-liġi Kroata: intervenjent ordinarju, intervenjent bl-istatus ta' kolitigant uniku (l-effett legali tas-sentenza jirrigwarda ugwalment lill-intervenjent u lill-parti fil-proċedimenti) u intervenjent sui generis (intervent ta' prokuratur tal-Istat u ċentru tas-servizzi soċjali fil-proċedimenti). Jekk it-tip tal-intervenjent ma jkunx iddikjarat, wieħed jassumi li dan huwa intervenjent ordinarju.

Deċiżjoni finali adottata f'litigazzjoni li tkun ġiet innotifikata lil parti terza jew li tkun ipparteċipat fiha bħala intervenjent tipproduċi effett legali speċifiċi fuq dik il-parti terza li normalment issir referenza għalih bħala effett ta' intervent. Il-partijiet terzi jistgħu jevitaw dan l-effett billi jressqu oġġezzjoni magħrufa bħala *exceptio male gesti vel conducti processus*. Għalhekk, jekk tiġi varata litigazzjoni ġdida kontra parti terza li tkun ingħatat notifika ta' litigazzjoni jew li tkun ħadet sehem fit-tilwima kkonċernata, dik il-parti terza ma jkollhiex l-għażla li titlob fil-litigazzjoni l-ġdida - meta tkun qed issolvi t-tilwima tagħha mal-parti li magħha jkun ingħaqdet fil-litigazzjoni preċedenti - li t-tilwima, kif ippreżentata lill-qorti matul dawk il-proċedimenti, ma ġietx solvuta b'mod korrett. Madankollu, id-deċiżjoni finali mhijiex se jkollha effett assolut fuq l-intervenjent.
Għaldaqstant, jekk parti tkun ħadet azzjonijiet proċedurali meta tkun taf li jistgħu jaggravaw il-pożizzjoni proċedurali tagħha, jew jekk hija naqset milli tieħu azzjonijiet proċedurali meta kienet taf li - fuq il-bażi tal-argumenti għad-dispożizzjoni tagħha - dawn jistgħu jtejbu l-pożizzjoni proċedurali tagħha, jew jekk hija neħħiet is-sinifikat proċedurali tal-azzjonijiet proċedurali li ttieħdu mill-intervenjent tagħha li x'aktarx kienu favorevoli jew ħadet azzjonijiet li kienu f'kunflitt magħhom, f'dak il-każ l-effett ta' intervent tad-deċiżjoni finali adottata preċedentement fit-tilwima bejn il-parti li l-intervenjent ingħaqad magħha u l-parti avversa jista' jiġi kkontestat fir-rigward tal-intervenjent preċedenti.
Huwa preżunt li l-parti intervenjenti setgħet tieħu kwalunkwe azzjoni fit-tilwima li setgħet tikkontribwixxi għal eżitu pożittiv tal-kawża, sakemm ma nstabx mod ieħor fir-rigward tal-oġġezzjoni mressqa mill-eks intervenjent.
In-notifika għandha konsegwenzi ta' natura proċedurali u tal-liġi ċivili. Il-parti li tkun tat in-notifika tista' tinvoka, fil-litigazzjoni sussegwenti kontra l-parti terza li tkun ingħatat in-notifika finali, l-"effett ta' intervent" tas-sentenza finali, irrispettivament minn jekk il-parti terza tkunx daħlet fil-litigazzjoni bħala intervenjent (pereżempju, jekk it-trażgressur naqas milli jieħu sehem bħala intervenjent fil-kawża bejn il-parti li ġarrbet id-dannu u assiguratur anki jekk l-assiguratur ikun staqsih biex jagħmel dan, huwa ma jistax iqajjem oġġezzjonijiet fi proċedimenti ta' rikors kontra tiegħu mill-assiguratur li huwa seta' iqajjem f'litigazzjoni mwettqa bejn l-assiguratur u l-parti li tkun ġarrbet id-dannu). In-notifika hija wkoll rilevanti biex tinterrompi l-perjodu li fit-tmiem tiegħu l-kawża tiġi preskritta, biex jiġu posposti d-dati ta' maturità u biex jiġu segwiti talbiet għal responsabbiltà minħabba difett.
Il-fatt li parti terza tkun ingħatat notifika ta' litigazzjoni ma jkollu l-ebda impatt fuq ir-relazzjoni bejn dik il-parti terza u l-parti avversarja tal-parti li tkun ingħaqdet ma' intervenjent, ħlief meta l-parti terza tkun iddeċidiet li tingħaqad mal-litigazzjoni bħala intervenjent.

**L-Artikolu 74 – Deskrizzjoni tar-regoli u l-proċeduri nazzjonali dwar l-eżekuzzjoni**

Il-proċedura ta' eżekuzzjoni fir-Repubblika tal-Kroazja hija rregolata mill-Att dwar l-Eżekuzzjoni (*Ovršni zakon*) (*Narodne novine* (NN; il-Gazzetta Uffiċjali tar-Repubblika tal-Kroazja) Nri 112/12, 25/13, 93/14, 55/16, 73/17; minn hawn 'il quddiem "OZ").
Dak l-Att jistabbilixxi l-proċedura li permezz tagħha l-qrati jinfurzaw il-pretensjonijiet fuq il-bażi ta' strumenti ta' eżekuzzjoni (proċedura ta' eżekuzzjoni (*ovršni postupak*)). L-Aġenzija Finanzjarja (*Financijska agencija*; minn hawn 'il quddiem "FINA") - li hija l-persuna ġuridika li tmexxi l-eżekuzzjoni skont OZ u l-liġi li tirregola l-eżekuzzjoni fir-rigward ta' fondi - l-impjegaturi, l-Istitut Kroat tal-Assigurazzjoni tal-Pensjoni u korpi oħra stabbiliti bil-liġi jieħdu sehem ukoll fi proċedimenti ta' eżekuzzjoni.
Il-qrati muniċipali (*općinski sudovi*) għandhom il-kompetenza reali biex jordnaw eżekuzzjoni, ħlief meta din il-kwistjoni tkun ġiet fdata b'mod espliċitu lil qorti, korp jew persuna oħra. Il-qrati b'kompetenza sabiex jordnaw l-eżekuzzjoni huma wkoll awtorizzati li jaġixxu fuq appelli minn ordnijiet ta' eżekuzzjoni jew deċiżjonijiet oħra li huma adottaw b'reazzjoni għal proposta għall-eżekuzzjoni. Il-ġuriżdizzjoni territorjali speċifikata minn OZ hija esklużiva (eż. il-ġuriżdizzjoni territorjali biex tittieħed deċiżjoni fuq proposta għall-eżekuzzjoni fir-rigward tal-proprjetà immobbli u t-twettiq ta' tali eżekuzzjoni tappartjeni lill-qorti li fit-territorju tagħha tinsab il-proprjetà immobbli).
Il-proċedimenti ta' eżekuzzjoni tal-ewwel u tat-tieni istanza jitwettqu - u d-deċiżjonijiet korrispondenti jiġu adottati - minn imħallef wieħed, ħlief fejn OZ jipprovdi għall-proċedimenti li għandhom jitwettqu - u d-deċiżjonijiet korrispondenti adottati — minn nutar pubbliku.
Il-proċedimenti jinbdew mill-kreditur ta' eżekuzzjoni, li jissottometti proposta għall-eżekuzzjoni lill-qorti kompetenti fuq il-bażi ta' strument ta' eżekuzzjoni. L-eċċezzjoni għal din ir-regola hija meta kreditur ta' eżekuzzjoni jippreżenta talba għal irkupru dirett lill-FINA abbażi ta' strument eżekuttiv (eż. sentenza finali tal-qorti). Dan huwa permess biss f'każ ta' eżekuzzjoni fir-rigward ta' pretensjoni monetarja tad-debitur tal-eżekuzzjoni (irkupru dirett ta' talba monetarja). F' dak il-każ, u minflok ma tadotta deċiżjoni ta' infurzar, FINA tibgħat kopja tat-talba tal-kreditur bl-informazzjoni kollha lid-debitur tal-eżekuzzjoni.
Is-suġġett tal-eżekuzzjoni huwa proprjetà mobbli u drittijiet li fuqhom l-eżekuzzjoni tista' titwettaq bil-liġi għall-finijiet ta' eżekuzzjoni ta' pretensjoni. Il-mezzi ta' eżekuzzjoni huma azzjonijiet ta' eżekuzzjoni, miżuri ta' sigurtà jew is-sistema ta' tali azzjonijiet jew miżuri li permezz tagħhom pretensjoni tiġi eżegwita jew garantita skont il-liġi.
Il-Qorti tordna l-eżekuzzjoni bil-mezzi u fuq is-suġġetti msemmija fil-proposta għal eżekuzzjoni. Jekk jiġu proposti diversi mezzi jew diversi suġġetti għall-eżekuzzjoni, il-qorti, fuq talba tad-debitur tal-eżekuzzjoni, se tirrestrinġi l-eżekuzzjoni għal uħud biss minn dawk il-mezzi jew suġġetti jekk ikunu biżżejjed biex tiġi eżegwita l-pretensjoni.
Il-kwistjoni dwar jekk oġġett ta' proprjetà mobbli jew dritt jistgħux ikunu soġġetti għal eżekuzzjoni, jew jekk l-eżekuzzjoni ta' oġġett partikolari ta' proprjetà mobbli jew dritt hijiex ristretta, titqies fid-dawl taċ-ċirkustanzi li jkunu nkisbu meta ġiet ippreżentata l-proposta għall-eżekuzzjoni.
L-Artikolu 212 tal-OZ jistabbilixxi regoli speċifiċi dwar l-eżekuzzjoni fir-rigward ta' fondi li huma eżentati mill-eżekuzzjoni jew fir-rigward ta' fondi li l-eżekuzzjoni tagħhom hija ristretta, u l-Artikoli 241 u 242 tal-OZ jistabbilixxu regoli speċifiċi dwar l-eżenzjoni u r-restrizzjoni tal-eżekuzzjoni fir-rigward tal-proprjetà ta' persuni ġuridiċi. Wieħed mill-prinċipji bażiċi tal-proċedura ta' eżekuzzjoni huwa li meta qorti twettaq miżuri ta' eżekuzzjoni jew ta' sigurtà hija obbligata li tikkunsidra d-dinjità tad-debitur tal-eżekuzzjoni u li tiżgura li l-effetti negattivi tal-eżekuzzjoni għad-debitur tal-eżekuzzjoni jinżammu għall-minimu.
Jista' jsir appell kontra deċiżjoni tal-prim'istanza sakemm l-OZ ma jipprovdix mod ieħor. Appell permissibbli ppreżentat fi żmien xieraq kontra deċiżjoni ġudizzjarja dwar l-eżekuzzjoni fuq il-bażi ta' strument ta' eżekuzzjoni ma jipposponi l-ebda eżekuzzjoni. Appell irid jitressaq fi żmien tmint ijiem mid-data tan-notifika tad-deċiżjoni tal-ewwel istanza, sakemm l-OZ ma jipprovdix mod ieħor, jew fi żmien tlett ijiem fil-każ ta' tilwim dwar kambjali jew ċekkijiet.
Kull pretensjoni li tkun ingħatat permezz ta' deċiżjoni ġudizzjarja finali, deċiżjoni ta' awtorità pubblika kompetenti oħra, tranżazzjoni quddiem qorti jew awtorità kompetenti oħra jew att notarili tiġi preskritta wara għaxar snin, inklużi dawk li għalihom hemm previst perjodu ta' limitazzjoni iqsar skont il-liġi f'ċirkostanzi oħra.
Il-pretensjonijiet li ma jkunux ingħataw permezz ta' deċiżjoni ġudizzjarja finali, deċiżjoni ta' awtorità pubblika kompetenti oħra, tranżazzjoni quddiem qorti jew awtorità kompetenti oħra jew att notarili jiġu preskritti wara ħames snin, ħlief meta perjodu differenti jkun previst mil-liġi.
Perjodu ta' limitazzjoni ta' tliet snin mid-data li fiha pagament isir dovut japplika għal pretensjonijiet għal pagamenti perjodiċi li jsiru dovuti kull sena jew f' intervalli iqsar, irrispettivament minn jekk humiex pretensjonijiet perjodiċi aċċessorji, bħal pretensjonijiet relatati mal-imgħax, jew pretensjonijiet perjodiċi relatati mad-dritt innifsu, bħal pretensjonijiet għal manteniment. L-istess japplika għall-annwalitajiet li l-kapital u l-imgħax tagħhom jitħallsu f'ammonti perjodiċi indaqs speċifikati preċedentement, iżda mhux għall-ħlasijiet lura bin-nifs jew għal każijiet oħra ta' prestazzjoni parzjali.
Dritt li minnu jirriżultaw pretensjonijiet perjodiċi jiġi preskritt wara perjodu ta' ħames snin, li jibda mid-data minn meta ssir dovuta l-eqdem pretensjoni li ma tkunx ġiet milqugħa. Id-dritt għall-manteniment taħt il-liġi mhuwiex preskritt skont il-liġi.
Il-pretensjonijiet reċiproċi li jirriżultaw minn kuntratti kummerċjali dwar kummerċ fi prodotti u servizzi, jiġifieri kuntratti dwar kummerċ fi prodotti u servizzi konklużi bejn negozjant u korp irregolat mil-liġi pubblika, u pretensjonijiet għal kumpens għal spejjeż imġarrba skont dawn il-kuntratti jsiru preskritti skont il-liġi wara tliet snin. Il-perjodu ta' limitazzjoni japplika separatament għal kull każ li fih il-prodotti kienu fornuti, twettqu xogħlijiet jew twettaq servizz. Pretensjonijiet

fir-rigward ta’ kera, sew jekk għandha titħallas perjodikament jew f’ammont totali wieħed, jiġu preskritti skont il-liġi wara tliet snin. Il-pretensjonijiet għal kumpens għal dannu jsiru preskritti skont il-liġi tliet snin wara li l-vittma tkun saret taf dwar id-dannu u dwar il-persuna li tkun ikkawżat id-dannu. F’kull każ, dawn il-pretensjonijiet jiġu preskritti skont il-liġi ħames snin wara li jkun sar id-dannu. Fejn id-dannu kien ikkawżat minn reat kriminali, u ssir dispożizzjoni għal perjodu ta’ limitazzjoni itwal għal prosekuzzjoni kriminali, pretensjoni għal kumpens għal dannu kontra l-persuna responsabbli tiġi preskritta wara t-tmiem tal-perjodu ta’ limitazzjoni għal prosekuzzjoni kriminali.

Il-pretensjonijiet relatati ma’ provvisti ta’ elettriku u tisħin, gass, ilma, servizzi ta’ knis ta’ ċmieni u servizzi ta’ tindif jiġu preskritti skont il-liġi wara sena, meta s-servizz kien ipprovdut biex jintlaħqu l-bżonnijiet ta’ unità domestika, stazzjon tar-radju jew stazzjon tar-radju u tat-televixin għall-użu ta’ radjuriċevitur u sett tat-televixin. Il-perjodu ta’ limitazzjoni ta’ sena japplika wkoll għal pretensjonijiet ta’ servizz postali, tat-telegrafu u tat-telefown għall-użu ta’ telefowns u kaxxi tal-ittri, pretensjonijiet oħrajn minn dan is-servizz relatati mal-ammonti li jitħallsu kull tliet xhur jew aktar ta’ spiss u pretensjonijiet relatati ma’ abbonamenti tal-istampa, ikkalkolati minn tmiem il-perjodu li għalih tkun ġiet ordnata l-pubblikazzjoni kkonċernata.

Il-pretensjonijiet ta’ detentur ta’ polza tal-assigurazzjoni jew parti terza taħt kuntratt tal-assigurazzjoni fuq il-ħajja jiġu preskritti skont il-liġi wara ħames snin, u l-pretensjonijiet taħt kuntratti oħra tal-assigurazzjoni wara tliet snin, ikkalkulati mill-ewwel jum wara l-aħħar tas-sena kalendarja li fiha tkun qamet il-pretensjoni. Il-pretensjonijiet ta’ assiguratur taħt kuntratt ta’ assigurazzjoni jiġu preskritti skont il-liġi wara tliet snin. Il-perjodu ta’ limitazzjoni għal indikazzjoni li assiguratur jista’ jagħmel kontra parti terza li hija responsabbli għall-materjalizzazzjoni tar-riskju jibda u jispiċċa fl-istess ħin bħall-pretensjoni tal-persuna assigurata kontra l-parti terza.

**L-Artikolu 75 (a) – L-ismijiet u dettalji ta' kuntatt tal-qrati li quddiemhom jridu jitressqu l-applikazzjonijiet skont l-Artikoli 36(2), 45(4) u 47(1)**

Fir-Repubblika tal-Kroazja, ir-rikorsi jiġu ppreżentati lill-qrati muniċipali kompetenti f’materji ċivili, u lill-qrati kummerċjali kompetenti fi kwistjonijiet kummerċjali. Il-qrati muniċipali kollha huma kompetenti biex jiddeċiedu dwar ir-rikonoxximent u l-eżekuzzjoni tad-deċiżjonijiet ta’ qrati barranin.

**L-Artikolu 75 (b) – L-ismijiet u d-dettalji ta' kuntatt tal-qrati li quddiemhom irid jitressaq l-appell kontra d-deċiżjoni dwar l-applikazzjoni għar-rifjut ta' eżekuzzjoni skont l-Artikolu 49(2)**

Fir-Repubblika tal-Kroazja appell kontra deċiżjoni dwar rikors għal ċaħda tal-eżekuzzjoni għandu jitressaq quddiem il-qorti tal-kontea permezz tal-qorti muniċipali kompetenti f’materji ċivili, u quddiem il-Qorti Kummerċjali Għolja permezz tal-qorti kummerċjali kompetenti fi kwistjonijiet kummerċjali.

**L-Artikolu 75 (c) – L-ismijiet u d-dettalji ta' kuntatt tal-qrati li quddiemhom jista' jitressaq appell ulterjuri skont l-Artikolu 50**

Skont il-liġi nazzjonali applikabbli, ma hemm l-ebda qorti li quddiemha jista’ jitressaq appell ulterjuri.

**L-Artikolu 75 (d) – Il-lingwi aċċettati għat-traduzzjonijiet taċ-ċertifikati dwar is-sentenzi, l-istrumenti awtentiċi u l-ftehimiet bil-qorti**

Mhux applikabbli.

**L-Artikolu 76(1)(a) – Ir-regoli ta' ġuriżdizzjoni msemmija fl-Artikoli 5(2) u 6(2) tar-Regolament**

Fir-rigward tal-ġuriżdizzjoni f’materji ċivili u kummerċjali, l-Artikolu 46 tal-Att dwar id-Dritt Internazzjonali Privat (*Zakon o međunarodnom privatnom pravu)* (*Narodne novine* (NN; Il-Gazzetta Uffiċjali tar-Repubblika tal-Kroazja) Nru 101/17, li ilha fis-seħħ mid-29 ta’ Jannar 2019, tispeċifika li l-qrati Kroati għandhom ġuriżdizzjoni f’tilwim fejn hemm element internazzjonali. Dik id-dispożizzjoni tiddikjara b’mod espliċitu li r-Regolament (UE) Nru 1215/2012 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-12 ta’ Diċembru 2012 dwar il-ġurisdizzjoni u r-rikonoxximent u l-eżekuzzjoni ta’ sentenzi fi kwistjonijiet ċivili u kummerċjali (ĠU L 351, 20.12.2012) japplika fil-kamp ta’ applikazzjoni ta’ dak ir-Regolament, u jestendi l-applikazzjoni tiegħu biex jinkludi sitwazzjonijiet li jinvolvu ċittadini ta’ pajjiżi terzi. Il-paragrafu 3 ta’ dak l-Artikolu jippermetti l-possibbiltà li jiġi deċiż li qorti ta’ pajjiż terz ikollha ġuriżdizzjoni, ħlief fejn qorti Kroata jew qorti ta’ Stat Membru ieħor tal-Unjoni Ewropea jkollha ġuriżdizzjoni esklussiva.

**L-Artikolu 76(1)(b) – Ir-regoli dwar in-notifika ta' terzi msemmija fl-Artikolu 65 tar-Regolament**

Fir-Repubblika tal-Kroazja, notifika minn parti terza hija regolata mill-Artikolu 211 tal-Kodiċi ta’ Proċedura Ċivili (*Zakon o parničnom postupku*).

**L-Artikolu 76(1)(c) – Il-Konvenzjonijiet msemmija fl-Artikolu 69 tar-Regolament**

il-Ftehim bejn ir-Repubblika Federali tal-Poplu tal-Jugoslavja u r-Repubblika Popolari tal-Bulgarija tat-23 ta’ Marzu 1956 dwar Assistenza Legali Reċiproka,

it-Trattat bejn ir-Repubblika Federali Soċjalista tal-Jugoslavja u r-Repubblika Soċjalista Ċekoslovakka tal-20 ta’ Jannar 1964 dwar ir-Regolamentazzjoni tar-Relazzjonijiet Ġuridiċi f’kawżi Ċivili, tal-Familja u dawk Kriminali,

il-Konvenzjoni bejn il-Gvern tar-Repubblika Federali Soċjalista tal-Jugoslavja u l-Gvern tar-Repubblika ta’ Franza tat-18 ta’ Mejju 1971 dwar ir-Rikonoxximent u l-Eżekuzzjoni ta’ Sentenzi f’Materji Ċivili u Kummerċjali,

il-Ftehim bejn ir-Repubblika Federali tal-Poplu tal-Jugoslavja u r-Renju tal-Greċja tat-18 ta’ Ġunju 1959 dwar ir-Rikonoxximent Reċiproku u l-Eżekuzzjoni tas-Sentenzi,

it-Trattat bejn ir-Repubblika Federali Soċjalista tal-Jugoslavja u r-Repubblika Popolari tal-Ungerija tas-7 ta’ Marzu 1968 dwar Assistenza Legali Reċiproka,

it-Trattat bejn ir-Repubblika Federali tal-Poplu tal-Jugoslavja u r-Repubblika tal-Poplu tal-Polonja tas-6 ta’ Frar 1960 dwar Assistenza Legali fi Kwistjonijiet Ċivili u Kriminali,

it-Trattat bejn ir-Repubblika tal-Poplu tar-Rumanija u r-Repubblika Federali tal-Poplu tal-Jugoslavja tat-18 ta’ Ottubru 1960 dwar l-Assistenza Legali,

il-Konvenzjoni bejn ir-Repubblika Federali tal-Poplu tal-Jugoslavja u r-Repubblika tal-Italja dwar il-Kooperazzjoni Ġudizzjarja Reċiproka f’Materji Ċivili u Amministrattivi, iffirmata f’Ruma fit-3 ta’ Diċembru 1960,

it-Trattat bejn ir-Repubblika Federali tal-Poplu tal-Jugoslavja u r-Repubblika tal-Awstrija dwar il-Kooperazzjoni Ġudizzjarja Reċiproka, iffirmat fi Vienna fis-16 ta’ Diċembru 1954,

it-Trattat bejn ir-Repubblika tal-Kroazja u r-Repubblika tas-Slovenja tas-7 ta’ Frar 1994 dwar l-Assistenza Legali f’Materji Ċivili u Kriminali.

L-aħħar aġġornament: 15/08/2022

Il-verżjoni bil-lingwa nazzjonali hija ġestita mill-Istat Membru rispettiv. It-traduzzjonijiet saru mis-servizz tal-Kummissjoni Ewropea. Jista' jkun hemm xi tibdil imdaħħal fl-oriġinal mill-awtorità nazzjonali kompetenti li jkun għadu ma jidhirx fit-traduzzjonijiet. Il-Kummissjoni Ewropea ma taċċettax responsabbilta jew kwalunkwe tip ta' tort fir-rigward ta' kull informazzjoni jew dejta li tinsab jew li hemm referenza għaliha f'dan id-dokument. Jekk jogħġbok irreferi għall-avviż legali sabiex tiċċekkja r-regoli dwar id-drittijiet tal-awtur għall-Istati Membri responsabbli minn din il-paġna.

## Ir-Regolament Brussell I (riformulazzjoni) - Ċipru

**L-Artikolu 65(3) – Informazzjoni dwar kif jiġu determinati, skont il-liġi nazzjonali, l-effetti tas-sentenzi msemmija fl-Artikolu 65(2) tar-Regolament**

Mhux applikabbli.

**L-Artikolu 74 – Deskrizzjoni tar-regoli u l-proċeduri nazzjonali dwar l-eżekuzzjoni**

Deskrizzjoni dettaljata tal-proċeduri tista’ tinstab taħt Proċeduri għall-eżekuzzjoni ta’ sentenza.

**L-Artikolu 75 (a) – L-ismijiet u dettalji ta' kuntatt tal-qrati li quddiemhom jridu jitressqu l-applikazzjonijiet skont l-Artikoli 36(2), 45(4) u 47(1)**

**F’Ċipru, il-Qrati Distrettwali (*Eparchiaká Dikastíria*)**

**Nicosia District Court**

Charalambos Mouskos Street, 1405 Nicosia, Cyprus

Telefon: (+357) 22865518

Faks: (+357) 22304212 / 22805330

Posta elettronika: chief.reg@sc.judicial.gov.cy

**Limassol District Court**

8 Lord Byron Avenue, P.O. Box 54619, 3726 Limassol, Cyprus

Telefon: (+357) 25806100 / 25806128

Faks: (+357) 25305311

Posta elettronika: chief.reg@sc.judicial.gov.cy

**Larnaca District Court**

Artemidos Avenue, 6301 Larnaca, P.O. Box 40107, Cyprus

Telefon: (+357) 24802721

Faks: (+357) 24802800

Posta elettronika: chief.reg@sc.judicial.gov.cy

**Paphos District Court**

Corner of Neophytou & Nicos Nicolaides, 8100 Paphos, P.O. Box 60007, Cyprus

Telefon: (+357) 26802601

Faks: (+357) 26306395

Posta elettronika: chief.reg@sc.judicial.gov.cy

**Famagusta District Court**

2 Sotiras Street, Megaro Tzivani, 5286 Paralimni, Cyprus

Telefon: (+357) 23730950 / 23742075

Faks: (+357) 23741904

Posta elettronika: chief.reg@sc.judicial.gov.cy

### L-Artikolu 75 (b) – L-ismijiet u d-dettalji ta' kuntatt tal-qrati li quddiemhom irid jitressaq l-appell kontra d-deċiżjoni dwar l-applikazzjoni għar-rifjut ta' eżekuzzjoni skont l-Artikolu 49(2)

F'Ċipru, il-Qorti Suprema ta' Ċipru (*Anótato Dikastírio Kýprou*)

**Supreme Court**

Charalambos Mouskos Street, 1404 Nicosia, Cyprus

Telefon: (+357) 22865741

Faks: (+357) 22304500

Posta elettronika: chief.reg@sc.judicial.gov.cy

### L-Artikolu 75 (c) – L-ismijiet u d-dettalji ta' kuntatt tal-qrati li quddiemhom jista' jitressaq appell ulterjuri skont l-Artikolu 50

F'Ċipru, il-Qorti Suprema ta' Ċipru (*Anótato Dikastírio Kýprou*)

**Supreme Court**

Charalambos Mouskos Street, 1404 Nicosia, Cyprus

Telefon: (+357) 22865741

Faks: (+357) 22304500

Posta elettronika: chief.reg@sc.judicial.gov.cy

### L-Artikolu 75 (d) – Il-lingwi aċċettati għat-traduzzjonijiet taċ-ċertifikati dwar is-sentenzi, l-istrumenti awtentiċi u l-ftehimiet bil-qorti

- f'Ċipru, il-Grieg u l-Ingliż.

### L-Artikolu 76(1)(a) – Ir-regoli ta' ġuriżdizzjoni msemmija fl-Artikoli 5(2) u 6(2) tar-Regolament

F'Ċipru, l-Artikolu 21 tal-Liġi dwar il-Qrati tal-Ġustizzja (Liġi 14/60).

### L-Artikolu 76(1)(b) – Ir-regoli dwar in-notifika ta' terzi msemmija fl-Artikolu 65 tar-Regolament

Mhux applikabbli.

### L-Artikolu 76(1)(c) – Il-Konvenzjonijiet msemmija fl-Artikolu 69 tar-Regolament

it-Trattat tal-1982 bejn ir-Repubblika Soċjalista Ċekoslovakka u r-Repubblika ta' Ċipru dwar l-Assistenza Legali f'Materji Ċivili u Kriminali,

il-Konvenzjoni tal-1981 bejn ir-Repubblika ta' Ċipru u r-Repubblika tal-Poplu tal-Ungerija dwar l-Assistenza Legali f'Materji Ċivili u Kriminali,

il-Konvenzjoni tal-1984 bejn ir-Repubblika ta' Ċipru u r-Repubblika Ellenika dwar il-Kooperazzjoni Legali f'Materji marbuta mal-Liġi Ċivili, tal-Familja, Kummerċjali u Kriminali,

il-Ftehim tal-1983 bejn ir-Repubblika ta' Ċipru u r-Repubblika tal-Poplu tal-Bulgarija dwar l-Assistenza Legali f'Materji Ċivili u Kriminali,

it-Trattat tal-1984 bejn ir-Repubblika ta' Ċipru u r-Repubblika Soċjalista Federali tal-Jugoslavja dwar l-Assistenza Legali f'Materji Ċivili u Kriminali (li s-Slovenja, fost oħrajn, ħadet minnu),

il-Konvenzjoni tal-1996 bejn ir-Repubblika ta' Ċipru u r-Repubblika tal-Polonja dwar il-Koperazzjoni Legali f'Materji Ċivili u Kriminali.

L-aħħar aġġornament: 18/07/2022

Il-verzjoni bil-lingwa nazzjonali hija ġestita mill-Istat Membru rispettiv. It-traduzzjonijiet saru mis-servizz tal-Kummissjoni Ewropea. Jista' jkun hemm xi tibdil imdaħħal fl-oriġinal mill-awtorità nazzjonali kompetenti li jkun għadu ma jidhirx fit-traduzzjonijiet. Il-Kummissjoni Ewropea ma taċċettax responsabbilta jew kwalunkwe tip ta' tort fir-rigward ta' kull informazzjoni jew dejta li tinsab jew li hemm referenza għaliha f'dan id-dokument. Jekk jogħġbok irreferi għall-avviż legali sabiex tiċċekkja r-regoli dwar id-drittijiet tal-awtur għall-Istati Membri responsabbli minn din il-paġna.

## Ir-Regolament Brussell I (riformulazzjoni) - Latvja

### L-Artikolu 65(3) – Informazzjoni dwar kif jiġu determinati, skont il-liġi nazzjonali, l-effetti tas-sentenzi msemmija fl-Artikolu 65(2) tar-Regolament

Il-parteċipazzjoni ta' partijiet terzi fi proċedimenti ċivili hija rregolata mill-Artikoli 78 sa 81 tal-Liġi dwar il-Proċedura Ċivili. Skont l-ewwel paragrafu tal-Artikolu 78 tal-Liġi, parti terza fi proċedimenti ċivili hija persuna fiżika jew ġuridika li d-drittijiet jew l-obbligi tagħha f'rabta ma' waħda mill-partijiet fil-kawża jistgħu jiġu affettwati mis-sentenza tal-kawża. L-għan tal-involviment tal-parti terza fil-proċedimenti legali huwa li tiġi promossa l-kjarifika sħiħa tal-fatti tal-kawża u li tiġi żgurata l-effiċjenza proċedurali billi dik il-parti terza titħalla tipprovdi spjegazzjonijiet u tagħti l-opinjoni tagħha dwar it-talbiet magħmula. Jekk persuna li setgħet kienet parti terza f'kawża ma tintervjenix, dan ma jċaħħadx lil dik il-persuna mid-drittijiet tagħha bi kwalunkwe mod ieħor jew ma jipprevenihiex milli tiddefendi l-interessi tagħha f'kawża separata. Madankollu, tajjeb li jiġi mfakkar li l-intervent ta' parti terza fil-kawża jista' jaffettwa l-mod kif tiġi riżolta t-talba inizjali. Dan huwa importanti, pereżempju, meta tiġi kkunsidrata talba sussegwenti għall-kumpens, peress li mir-regoli nazzjonali tal-proċedura ċivili tal-Latvja jirriżulta li talba sussegwenti tista' tiġi kkunsidrata biss wara l-eżami tat-talba inizjali, u l-fatti aċċettati fir-raġunijiet tad-deċiżjoni dwar it-talba inizjali ma jistgħux jerġgħu jiġu eżaminati mill-qorti.

Partijiet terzi jistgħu jitħallew jintervjenu fil-kawża sakemm ikunu tlestew il-proċedimenti dwar il-merti quddiem il-qorti tal-prim'istanza. Jistgħu wkoll jintalbu jipparteċipaw fil-proċedimenti fuq talba ta' waħda mill-partijiet jew tal-prosekutur. Skont in-natura u l-grad tal-interess tagħhom, il-partijiet terzi huma kklassifikati bħala (a) partijiet terzi b'talba indipendenti; jew (b) partijiet terzi mingħajr talba indipendenti.

Il-partijiet terzi li jippreżentaw talba indipendenti b'rabta mas-suġġett tal-kawża jistgħu jintervjenu b'rikors: fil-prinċipju, it-talba indipendenti tagħhom hija direzzjonata kemm kontra l-intimat kif ukoll kontra r-rikorrent. Huma għandhom l-istess drittijiet u obbligi bħar-rikorrent (ara l-Artikolu 79 tal-Liġi dwar il-Proċedura Ċivili). Il-pożizzjoni ta' parti terza b'talba indipendenti hija differenti minn dik ta' parti li tappoġġa lir-rikorrenti jew lir-rikorrent konġunt, minħabba l-fatt li t-talbiet ta' dik il-parti ma jkunux jopponu lil xulxin, billi fil-prinċipju l-issodisfar tat-talba tal-parti terza jipprekludi l-issodisfar tat-talba tar-rikorrenti.

Il-partijiet terzi li ma jippreżentawx talba indipendenti b'rabta mas-suġġett tal-kawża jistgħu jintervjenu b'appoġġ kemm tar-rikorrent kif ukoll tal-intimat jekk is-sentenza tal-kawża tista' taffettwa d-drittijiet jew l-obbligi tal-intervenjent fir-rigward ta' waħda mill-partijiet fil-kawża. Il-partijiet terzi li ma jippreżentawx talba indipendenti għandhom l-istess drittijiet u obbligi proċedurali bħall-partijiet fil-kawża ħlief li ma jistgħux ibiddlu r-raġunijiet tat-talba jew is-suġġett, iżidu jew inaqqsu l-portata tat-talba, jirtiraw ir-rikors, jirrikonoxxu t-talbiet, jikkonkludu tranżazzjonijiet jew jitolbu l-eżekuzzjoni tas-sentenza tal-qorti. Is-sottomissjonijiet li jitolbu s-sejħa ta' partijiet terzi, u s-sottomissjonijiet mill-partijiet terzi li jitolbu li jintervjenu b'appoġġ tar-rikorrent jew tal-intimat, iridu jistabbilixxu r-raġunijiet biex tissejjaħ il-parti terza jew biex jingħatalha il-permess li tintervjeni fil-kawża (l-Artikolu 80 tal-Liġi dwar il-proċedura ċivili). Il-partijiet terzi mingħajr talba indipendenti normalment jintervjenu f'kawżi fejn ikun hemm possibbiltà li waħda mill-partijiet sussegwentement tfittex rimedju mingħandhom, jew f'kawżi relatati, inkella f'kawżi fejn il-parti terza stess tista' tiftaħ kawża sussegwenti skont l-eżitu tal-kawża inizjali.

Konsegwentement, mid-dispożizzjonijiet tal-Artikoli 78 sa 81 tal-Liġi dwar il-Proċedura Ċivili jirriżulta li s-sentenza f'kawża li fiha parti terza tipparteċipa hija vinkolanti fuq il-parti terza, u s-sentenza tista' tiġi eżegwita kontra l-parti terza (jew il-parti terza tista' titlob l-eżekuzzjoni tas-sentenza), biss f'dawk il-kawżi fejn il-parti terza tkun ressqet talba indipendenti. Madankollu, is-sentenza tipproduċi effetti legali għall-parti terza fi kwalunkwe każ, fis-sens li l-fatti stabbiliti f' dik is-sentenza huma vinkolanti fir-rigward ta' kwalunkwe talba ibbażata fuq il-proċediment inizjali.

**L-Artikolu 74 – Deskrizzjoni tar-regoli u l-proċeduri nazzjonali dwar l-eżekuzzjoni**

Id-deċiżjonijiet u s-sentenzi tal-Qorti f'kawżi extraġudizzjarji għandhom jiġu eżegwiti ladarba jiksbu forza legali, sakemm, skont il-liġi jew sentenza tal-qorti, huma eżegwibbli immedjatament. Jekk jiġi ffissat limitu ta' żmien għall-eżekuzzjoni volontarja ta' sentenza tal-qorti iżda s-sentenza ma tiġix eżegwita, il-qorti toħroġ ordni ta' eżekuzzjoni wara l-iskadenza tal-limitu ta' żmien tal-eżekuzzjoni volontarja. L-uffiċjali ġudizzjarji reġistrati huma awtorizzati jibdew l-attivitajiet tal-eżekuzzjoni abbażi ta' struzzjonijiet tal-eżekuzzjoni.

L-ordnijiet ta' eżekuzzjoni jinħarġu lir-rikorrenti fuq talba tagħhom mill-qorti li tkun qed tittratta l-kawża. Tinħareġ ordni ta' eżekuzzjoni għal kull sentenza. Jekk sentenza għandha tiġi eżegwita f'postijiet differenti, li parti minnha hija eżegwibbli immedjatament, favur għadd ta' rikorrenti jew kontra għadd ta' intimati, il-qorti toħroġ għadd ta' ordnijiet ta' eżekuzzjoni fuq talba tar-rikorrent. Meta jinħarġu diversi ordnijiet ta' eżekuzzjoni, il-post tal-eżekuzzjoni jew il-parti tas-sentenza li għandha tiġi eżegwita skont dik l-ordni għandha tiġi indikata b'mod preċiż f'kull waħda minnhom, iżda fil-każ ta' rkupru *in solidum*, għandu jiġi indikat l-intimat li kontrih jintalab l-irkupru skont l-ordni.

**L-Artikolu 75 (a) – L-ismijiet u d-dettalji ta' kuntatt tal-qrati li quddiemhom jridu jitressqu l-applikazzjonijiet skont l-Artikoli 36(2), 45(4) u 47(1)**

Fil-Latvja, il-qorti distrettwali jew il-qorti distrettwali tal-belt (*rajona (pilsētas) tiesa*) fil-ġurisdizzjoni fejn jiġu eżegwiti d-deċiżjonijiet.

Ir-rikorsi għar-rikonoxximent jew għar-rifjut tar-rikonoxximent (l-Artikolu 36(2) u l-Artikolu 45) għandhom jiġu ppreżentati lill-qorti distrettwali (jew lill-qorti distrettwali tal-belt) fil-ġurisdizzjoni fejn jiġu eżegwiti s-sentenzi jew lill-qorti distrettwali (jew lill-qorti distrettwali tal-belt) fil-ġurisdizzjoni fejn jinsab il-post tar-residenza ddikjarat tal-intimat. Madankollu, jekk ma jkunx hemm post tar-residenza ddikjarat, ir-rikorsi jiġu ppreżentati lill-qorti fil-ġurisdizzjoni fejn jinsab il-post tar-residenza jew l-indirizz irreġistrat tal-intimat.

**L-Artikolu 75 (b) – L-ismijiet u d-dettalji ta' kuntatt tal-qrati li quddiemhom irid jitressaq l-appell kontra d-deċiżjoni dwar l-applikazzjoni għar-rifjut ta' eżekuzzjoni skont l-Artikolu 49(2)**

Fil-Latvja, il-qorti reġjonali (*apgabaltiesa*), permezz tal-qorti distrettwali (jew il-qorti distrettwali tal-belt) li tat id-deċiżjoni.

**L-Artikolu 75 (c) – L-ismijiet u d-dettalji ta' kuntatt tal-qrati li quddiemhom jista' jitressaq appell ulterjuri skont l-Artikolu 50**

mhux applikabbli.

**L-Artikolu 75 (d) – Il-lingwi aċċettati għat-traduzzjonijiet taċ-ċertifikati dwar is-sentenzi, l-istrumenti awtentiċi u l-ftehimiet bil-qorti**

mhux rilevanti.

**L-Artikolu 76(1)(a) – Ir-regoli ta' ġuriżdizzjoni msemmija fl-Artikoli 5(2) u 6(2) tar-Regolament**

Fil-Latvja,

it-tieni paragrafu tal-Artikolu 27 tal-Liġi dwar il-Proċedura Ċivili, jekk il-post tar-residenza tal-intimat ma jkunx magħruf, jew jekk l-intimat ma jkollux post tar-residenza permanenti fil-Latvja, tista' titressaq kawża fil-qorti tal-post fejn ikollu proprjetà immobbli, jew fil-qorti tal-aħħar post tar-residenza magħruf;

it-tielet paragrafu tal-Artikolu 28 tal-istess liġi, li permezz tiegħu r-rikorrent jista' jippreżenta talba li tirriżulta minn korrimenti personali bbażati fil-post tar-residenza tiegħu jew fil-post li fih ġew imġarrba l-korrimenti;

il-ħames paragrafu tal-Artikolu 28 tal-istess liġi, li permezz tiegħu tista' tiġi ppreżentata talba għall-irkupru ta' proprjetà jew għall-kumpens għall-valur tagħha abbażi tal-post tar-residenza ddikjarat tar-rikorrent;

is-sitt paragrafu tal-istess liġi, li permezz tiegħu t-talbiet marittimi jistgħu jiġu ppreżentati wkoll abbażi tal-post fejn inqabad il-bastiment tal-intimat;

id-disa' paragrafu tal-Artikolu 28 tal-istess liġi, li permezz tiegħu r-rikorrent jista' jippreżenta talba li tirriżulta mir-relazzjoni ta' impjieg abbażi tal-post tar-residenza jew tal-post tax-xogħol iddikjarat tiegħu.

**L-Artikolu 76(1)(b) – Ir-regoli dwar in-notifika ta' terzi msemmija fl-Artikolu 65 tar-Regolament**

Skont l-Artikolu 640 tal-Liġi dwar il-Proċedura Ċivili, deċiżjoni għar-rikonoxximent u l-eżekuzzjoni ta' sentenza ta' qorti barranija jew deċiżjoni għar-rifjut ta' rikors għandha tittieħed minn imħallef wieħed abbażi tar-rikors ippreżentat u d-dokumenti annessi miegħu fi żmien għaxart ijiem minn meta titressaq il-kawża mingħajr ma tistieden lill-partijiet.

**L-Artikolu 76(1)(c) – Il-Konvenzjonijiet msemmija fl-Artikolu 69 tar-Regolament**

Il-Ftehim tat-11 ta' Novembru 1992 dwar l-assistenza legali u r-relazzjonijiet legali bejn ir-Repubblika tal-Latvja, ir-Repubblika tal-Estonja u r-Repubblika tal-Litwanja.

Il-Ftehim tat-23 ta' Frar 1994 dwar l-assistenza legali u r-relazzjonijiet legali f'materji ċivili, familjari, tax-xogħol u kriminali bejn ir-Repubblika tal-Latvja u r-Repubblika tal-Polonja.

L-aħħar aġġornament: 14/07/2022

Il-verzjoni bil-lingwa nazzjonali hija ġestita mill-Istat Membru rispettiv. It-traduzzjonijiet saru mis-servizz tal-Kummissjoni Ewropea. Jista' jkun hemm xi tibdil imdaħħal fl-oriġinal mill-awtorità nazzjonali kompetenti li jkun għadu ma jidhirx fit-traduzzjonijiet. Il-Kummissjoni Ewropea ma taċċettax responsabbilta jew kwalunkwe tip ta' tort fir-rigward ta' kull informazzjoni jew dejta li tinsab jew li hemm referenza għaliha f'dan id-dokument. Jekk jogħġbok irreferi għall-avviż legali sabiex tiċċekkja r-regoli dwar id-drittijiet tal-awtur għall-Istati Membri responsabbli minn din il-paġna.

## Ir-Regolament Brussell I (riformulazzjoni) - Litwanja

**L-Artikolu 65(3) – Informazzjoni dwar kif jiġu determinati, skont il-liġi nazzjonali, l-effetti tas-sentenzi msemmija fl-Artikolu 65(2) tar-Regolament**

1. Kif tista' tiġi deskritta b'mod ġenerali n-notifika lil partijiet terzi (TPN, third-party notice)?
Skont id-dispożizzjonijiet tal-Artikoli 46 u 47 tal-Kodiċi Litwan tal-Proċedura Ċivili (*Lietuvos Respublikos civilinio proceso kodeksas*), il-partijiet terzi jistgħu jew ma jistgħux iressqu talbiet indipendenti dwar kwistjoni ta' tilwim.
Il-partijiet terzi li jressqu talbiet indipendenti dwar kwistjoni ta' tilwim jistgħu jingħaqdu fi proċedimenti biss fuq l-inizjattiva tagħhom stess. Dawk il-partijiet terzi li huma parteċipanti indipendenti fil-kawża u mhumiex affavur tar-rikorrent jew tal-konvenut. Il-partijiet terzi li jressqu talbiet indipendenti jistgħu jingħaqdu fil-proċedimenti sal-bidu tal-konklużjonijiet.
Il-partijiet terzi li ma jressqux talbiet indipendenti dwar il-kwistjoni tat-tilwima jistgħu jingħaqdu fil-proċedimenti affavur tar-rikorrent jew tal-konvenut sal-bidu tal-konklużjonijiet jekk deċiżjoni dwar il-każ tista' taffettwa d-drittijiet jew l-obbligi tagħhom. Huma jistgħu wkoll jingħaqdu fil-proċedimenti fuq it-talba motivata tal-partijiet jew fuq l-inizjattiva tal-qorti.
Il-partijiet terzi jiġu infurmati dwar kawża li tkun inbdiet u jiġu mistiedna jingħaqdu fil-proċedimenti quddiem qorti Litwana permezz ta' taħrikiet jew notifiki, inkluż billi tintbagħtilhom kopja tal-kawża. Skont l-Artikolu 133(1) tal-Kodiċi tal-Proċedura Ċivili, il-partijiet involuti f'kawża (inklużi partijiet terzi) jiġu nnotifikati permezz ta' taħrikiet jew avviżi tad-data u tal-post tas-smigħ tal-qorti jew tal-miżuri individwali proċedurali. Madankollu, huwa obbligu tal-qorti u mhux tal-partijiet li tinforma partijiet terzi dwar każ; il-partijiet jindikaw sempliċement fis-sottomissjonijiet tagħhom li persuni oħra jeħtieġu li jingħaqdu fil-proċedimenti.
Il-partijiet terzi li jressqu talbiet indipendenti għandhom l-istess drittijiet u obbligi kollha bħar-rikorrent.
Il-partijiet terzi li ma jressqux talbiet indipendenti għandhom l-istess drittijiet (inkluż id-dritt għar-rimborż tal-ispejjeż) u obbligi proċedurali bħala parti, bl-eċċezzjoni tad-dritt li jbiddlu r-raġunijiet u s-suġġett tat-talba, li jżidu u jnaqqsu l-pretensjoni, li jirtiraw it-talba, li jammettu t-talba jew li jilħqu arranġament. Huma wkoll ma għandhomx id-dritt li jitolbu eżekuzzjoni ta' sentenza tal-qorti. Il-partijiet terzi li ma jressqux talbiet indipendenti ma jistgħux jaġixxu kontra l-interessi tal-parti li affavur tagħha huma jkunu ngħaqdu fil-proċedimenti.
2. X'inhuma l-effetti prinċipali ta' sentenzi fuq persuni li ngħataw TPN?
Il-parteċipazzjoni ta' partijiet terzi li jressqu talbiet indipendenti tagħmilha possibbli li wieħed jiddeċiedi dwar diversi tilwimiet relatati dwar l-istess kwistjoni f' każ wieħed, u f'dan il-każ l-ebda proċedimenti ulterjuri ma jistgħu jitressqu kontra partijiet terzi li jkunu ppreżentaw talbiet indipendenti (jew tali partijiet terzi ma jistgħux iressqu kwalunkwe proċedimenti ulterjuri kontra l-istess konvenut), peress li t-tilwima bejn dawk il-partijiet dwar dik il-kwistjoni partikolari titqies li tkun ġiet solvuta. Jekk persuna tkun ġiet infurmata dwar il-possibbiltà li tingħaqad bħala parti terza f'kawża li għadha għaddejja quddiem il-qorti billi tressaq talba indipendenti iżda ma tkunx ingħaqdet fil-proċedimenti, jistgħu jinbdew proċedimenti separati kontra dik il-persuna fil-futur fir-rigward tal-istess suġġett. Madanakollu, l-ewwel deċiżjoni ma tistax taffettwa d-drittijiet u l-obbligi ta' persuna li ma tkunx ingħaqdet fil-proċedimenti bħala parti terza.
Meta tiddeċiedi dwar każ, il-qorti ma tistax ukoll tiddeċiedi fl-istess ħin dwar id-drittijiet u l-obbligi ta' parti terza li ma tressaqx talba indipendenti fil-konfront ta' parti li magħha hija għandha relazzjoni ġuridika sostanzjali. Għaldaqstant, sentenza tal-qorti f'kawża li tinvolvi partijiet terzi li ma jressqux talbiet indipendenti ma tipprekludix kawża oħra li titressaq kontra parti terza involuta fil-każ inizjali li ma ressqitx talba indipendenti. Madanakollu, f'dak il-każ, is-sentenza tal-ewwel qorti għandha s-saħħa ta' deċiżjoni preliminari; jiġifieri, jekk ikun hemm każ ieħor li jinvolvi l-istess partijiet (eż. azzjoni ta' indennizz), mhux meħtieġ li jiġu kkunsidrati ċirkostanzi stabbiliti bis-sentenza finali fl-ewwel każ (l-Artikolu 182(2) tal-Kodiċi tal-Proċedura Ċivili).
Jekk persuna ma tkunx infurmata dwar il-possibbiltà li tingħaqad bħala parti terza f'kawża li għadha għaddejja quddiem il-qorti, kemm bi jew mingħajr it-tressiq ta' talbiet indipendenti, jew jekk persuna tkun ġiet infurmata iżda ma tkunx ingħaqdet fil-proċedimenti u s-sentenza tal-qorti tkun iddeċidiet dwar id-drittijiet u l-obbligi sostantivi ta' dik il-persuna, dan jista' jikkostitwixxi raġuni għall-ftuħ mill-ġdid tal-każ. Jekk persuna ma tkunx ingħaqdet fil-proċedimenti, id-deċiżjoni tal-qorti inkwistjoni ma jkollhiex normalment is-saħħa ta' deċiżjoni preliminari għal dik il-persuna.
3. Jeżisti effett vinkolanti fir-rigward tal-valutazzjoni legali fil-proċedimenti prinċipali?
Ara t-tweġiba għal Mistoqsija 2.
4. Jeżisti effett vinkolanti fir-rigward ta' fatti stabbiliti li l-parti terza ma setgħetx tikkontesta fil-proċedimenti prinċipali, pereżempju minħabba li ma ġewx ikkontestati mill-partijiet?
Ara t-tweġiba għal Mistoqsija 2.
5. It-TPN tipproduċi l-effetti tagħha irrispettivament minn jekk il-parti terza tkunx ingħaqdet fil-proċedimenti prinċipali jew le?
Le. Is-sentenza tal-qorti fl-ewwel proċedimenti (prinċipali) ma tistax taffettwa d-drittijiet u l-obbligi ta' persuna li tkun ġiet informata iżda li ma tkunx ingħaqdet fil-proċedimenti bħala parti terza. Jekk persuna ma tkunx infurmata dwar il-possibbiltà li tingħaqad bħala parti terza f'kawża li għadha għaddejja quddiem il-qorti, kemm bi jew mingħajr it-tressiq ta' talbiet indipendenti, jew jekk persuna tkun ġiet informata iżda ma tkunx ingħaqdet fil-proċedimenti u s-sentenza tal-qorti tkun iddeċidiet dwar id-drittijiet u l-obbligi sostantivi ta' dik il-persuna, dan jista' jikkostitwixxi raġuni għall-ftuħ mill-ġdid tal-każ.
6. It-TPN taffettwa r-relazzjoni bejn il-parti terza u l-avversarju tal-parti notifikanti?
Ara t-tweġiba għal Mistoqsija 2.

**L-Artikolu 75 (a) – L-ismijiet u dettalji ta' kuntatt tal-qrati li quddiemhom jridu jitressqu l-applikazzjonijiet skont l-Artikoli 36(2), 45(4) u 47(1)**

Fil-Litwanja, il-Qorti tal-Appell tal-Litwanja (*Lietuvos apeliacinis teismas*).

**L-Artikolu 75 (b) – L-ismijiet u d-dettalji ta' kuntatt tal-qrati li quddiemhom irid jitressaq l-appell kontra d-deċiżjoni dwar l-applikazzjoni għar-rifjut ta' eżekuzzjoni skont l-Artikolu 49(2)**

Fil-Litwanja, il-Qorti tal-Appell tal-Litwanja (*Lietuvos apeliacinis teismas*).

**L-Artikolu 75 (c) – L-ismijiet u d-dettalji ta' kuntatt tal-qrati li quddiemhom jista' jitressaq appell ulterjuri skont l-Artikolu 50**

Fil-Litwanja, appell fil-kassazzjoni quddiem il-Qorti Suprema tal-Litwanja (*Lietuvos Aukščiausiasis Teismas*).

**L-Artikolu 75 (d) – Il-lingwi aċċettati għat-traduzzjonijiet taċ-ċertifikati dwar is-sentenzi, l-istrumenti awtentiċi u l-ftehimiet bil-qorti**

Mhux applikabbli.

**L-Artikolu 76(1)(a) – Ir-regoli ta' ġuriżdizzjoni msemmija fl-Artikoli 5(2) u 6(2) tar-Regolament**

Fil-Litwanja, l-Artikoli 783(3), 787 u 789(3) tal-Kodiċi tal-Proċedura Ċivili (*Lietuvos Respublikos civilinio proceso kodeksas*).

**L-Artikolu 76(1)(b) – Ir-regoli dwar in-notifika ta' terzi msemmija fl-Artikolu 65 tar-Regolament**

Fil-Litwanja, l-Artikoli 46 u 47 tal-Kodiċi tal-Proċedura Ċivili Litwan (*Lietuvos Respublikos civilinio proceso kodeksas*).

**L-Artikolu 76(1)(c) – Il-Konvenzjonijiet msemmija fl-Artikolu 69 tar-Regolament**

il-Ftehim dwar l-Assistenza Legali u r-Relazzjonijiet Legali bejn ir-Repubblika tal-Litwanja, ir-Repubblika tal-Estonja u r-Repubblika tal-Latvja, iffirmat f'Tallinn fil-11 ta' Novembru 1992,
il-Ftehim bejn ir-Repubblika tal-Litwanja u r-Repubblika tal-Polonja dwar l-Assistenza Legali u r-Relazzjonijiet Legali fi Kwistjonijiet Ċivili, Familjari, tax-Xogħol u Kriminali, iffirmat f'Varsavja fis-26 ta' Jannar 1993.

L-aħħar aġġornament: 27/02/2019

Il-verzjoni bil-lingwa nazzjonali hija ġestita mill-Istat Membru rispettiv. It-traduzzjonijiet saru mis-servizz tal-Kummissjoni Ewropea. Jista' jkun hemm xi tibdil imdaħħal fl-oriġinal mill-awtorità nazzjonali kompetenti li jkun għadu ma jidhirx fit-traduzzjonijiet. Il-Kummissjoni Ewropea ma taċċettax responsabbilta jew kwalunkwe tip ta' tort fir-rigward ta' kull informazzjoni jew dejta li tinsab jew li hemm referenza għaliha f'dan id-dokument. Jekk jogħġbok irreferi għall-avviż legali sabiex tiċċekkja r-regoli dwar id-drittijiet tal-awtur għall-Istati Membri responsabbli minn din il-paġna.

## Ir-Regolament Brussell I (riformulazzjoni) - Lussemburgu

**L-Artikolu 65(3) – Informazzjoni dwar kif jiġu determinati, skont il-liġi nazzjonali, l-effetti tas-sentenzi msemmija fl-Artikolu 65(2) tar-Regolament**

Mhux rilevanti

**L-Artikolu 74 – Deskrizzjoni tar-regoli u l-proċeduri nazzjonali dwar l-eżekuzzjoni**

Ara fuq dan is-suġġett l-iskeda nazzjonali tal-Lussemburgu *"Proċeduri għall-infurzar ta' deċiżjoni ġudizzjarja — il-Lussemburgu"*.

ippubblikata fuq il-Portall tal-Ġustizzja elettronika min-Netwerk Ġudizzjarju Ewropew f'materji ċivili u kummerċjali.

**L-Artikolu 75 (a) – L-ismijiet u dettalji ta' kuntatt tal-qrati li quddiemhom jridu jitressqu l-applikazzjonijiet skont l-Artikoli 36(2), 45(4) u 47(1)**

Għal rikors għal rifjut ta' eżekuzzjoni jew għal rikonoxximent jew rifjut ta' rikonoxximent, il-ġuriżdizzjoni hija tal-imħallef li jippresjedi l-Qorti Distrettwali (Tribunal d'arrondissement) li jippresjedi fi proċeduri għal miżuri proviżorji:

Tribunal d'arrondissement du Luxembourg

Cité judiciaire

L-2080 Luxembourg

Tel: (+352) 47 59 81-2625

Faks: (+352) 47 59 81-2421

Tribunal d'arrondissement de Diekirch

Palais de Justice

Place Guillaume

L-9237 Diekirch

Tel: (+352) 80 32 14 -1

Faks: (+352) 80 71 19

**L-Artikolu 75 (b) – L-ismijiet u d-dettalji ta' kuntatt tal-qrati li quddiemhom irid jitressaq l-appell kontra d-deċiżjoni dwar l-applikazzjoni għar-rifjut ta' eżekuzzjoni skont l-Artikolu 49(2)**

Il-Qorti tal-Appell ippresjeduta fi proċeduri għal miżuri proviżorji:

Cité judiciaire

L-2080 Luxembourg

Tel: (+352) 47 59 81-1

Faks: (+352) 47 59 81-2396

**L-Artikolu 75 (c) – L-ismijiet u d-dettalji ta' kuntatt tal-qrati li quddiemhom jista' jitressaq appell ulterjuri skont l-Artikolu 50**

Il-Qorti tal-Kassazzjoni

Cité judiciaire

L-2080 Luxembourg

Tel: (+352) 47 59 81-2369/2373

Faks: (+352) 47 59 81-2773

**L-Artikolu 75 (d) – Il-lingwi aċċettati għat-traduzzjonijiet taċ-ċertifikati dwar is-sentenzi, l-istrumenti awtentiċi u l-ftehimiet bil-qorti**

Il-Lussemburgu jaċċetta l-lingwa Franċiża u l-lingwa Ġermaniża.

**L-Artikolu 76(1)(a) – Ir-regoli ta' ġuriżdizzjoni msemmija fl-Artikoli 5(2) u 6(2) tar-Regolament**

- L-Artikoli 14 u 15 tal-Kodiċi Ċivili

**L-Artikolu 76(1)(b) – Ir-regoli dwar in-notifika ta' terzi msemmija fl-Artikolu 65 tar-Regolament**

Mhux rilevanti.

**L-Artikolu 76(1)(c) – Il-Konvenzjonijiet msemmija fl-Artikolu 69 tar-Regolament**

Il-Konvenzjoni bejn il-Lussemburgu u l-Awstrija dwar ir-Rikonoxximent u l-Eżekuzzjoni ta' Sentenzi u Strumenti Awtentiċi f'Materji Ċivili u Kummerċjali, iffirmata fil-Lussemburgu fid-29 ta' Lulju 1971

It-Trattat bejn il-Belġju, in-Netherlands u l-Lussemburgu dwar Ġuriżdizzjoni, Falliment u Validità u Eżekuzzjoni ta' Sentenzi, Għotjiet ta' Arbitraġġ u Strumenti Awtentiċi, iffirmat fi Brussell fl-24 ta' Novembru 1961, sakemm dan ikun għadu effettiv

L-aħħar aġġornament: 09/03/2022

Il-verzjoni bil-lingwa nazzjonali hija ġestita mill-Istat Membru rispettiv. It-traduzzjonijiet saru mis-servizz tal-Kummissjoni Ewropea. Jista' jkun hemm xi tibdil imdaħħal fl-oriġinal mill-awtorità nazzjonali kompetenti li jkun għadu ma jidhirx fit-traduzzjonijiet. Il-Kummissjoni Ewropea ma taċċettax responsabbilta jew kwalunkwe tip ta' tort fir-rigward ta' kull informazzjoni jew dejta li tinsab jew li hemm referenza għaliha f'dan id-dokument. Jekk jogħġbok irreferi għall-avviż legali sabiex tiċċekkja r-regoli dwar id-drittijiet tal-awtur għall-Istati Membri responsabbli minn din il-paġna.

## Ir-Regolament Brussell I (riformulazzjoni) - Ungerija

**L-Artikolu 65(3) – Informazzjoni dwar kif jiġu determinati, skont il-liġi nazzjonali, l-effetti tas-sentenzi msemmija fl-Artikolu 65(2) tar-Regolament**

1.) It-tifsira ta' notifika lil parti terza skont il-liġi proċedurali ċivili Ungeriża

Parti li ma tkunx irnexxiet u tkun tixtieq tippreżenta talba kontra parti terza, jew tkun is-suġġett ta' talba mressqa minn parti terza, tista' tibgħat notifika lil dik il-parti terza. Notifika lill-partijiet terzi tista' tintbagħat mhux biss minn rikorrent jew konvenut, iżda wkoll minn parti intervenjenti jew minn parti terza notifikata.

2.) Termini għan-notifika lil parti terza bħala att proċedurali:

Il-konvenut jinnotifika lil parti terza fi żmien 30 jum minn meta tkun saritlu t-talba, u r-rikorrent fi żmien 30 jum minn meta jiġi nnotifikat b'kontrotalba sostantiva. Din id-dispożizzjoni tapplika b'mod simili għal modifiki tat-talba u għal kontrotalbiet ammessi.

Persuna li tintervjeni mill-bidu tal-litigazzjoni, jiġifieri l-parti intervenjenti jew il-parti terza nnotifikata, tista' tippreżenta notifika lil parti terza fi żmien 30 jum mill-intervent fil-proċedimenti. F'każijiet meqjusa bħala partikolarment serji (somom ikkontestati li jeċċedu HUF 400 miljun), it-terminu għad-dikjarazzjonijiet tal-parti notifikanti u l-parti terza nnotifikata mhuwiex ta' 30 jum, iżda ta' 15-il jum. Dikjarazzjoni ppreżentata mill-parti notifikanti wara l-iskadenza hija nulla u bla effett, fi kliem ieħor din tiġi meqjusa mill-qorti li ma tkunx saret.

3.) Tibgħat notifika lil parti terza:

Il-parti notifikanti għandha żewġ obbligi meta tibgħat notifika lil parti terza. L-ewwel, il-parti notifikanti għandha tibgħat in-notifika lill-parti terza kkonċernata bil-miktub, u tindika r-raġunijiet tan-notifika u tipprovdi ħarsa ġenerali fil-qasir tal-andament tal-proċedimenti. It-tieni, in-notifika lit-tielet parti għandha tkun ippreżentata lill-qorti, bil-miktub jew b'mod orali fis-smigħ, u ssemmi wkoll ir-raġunijiet tan-notifika. Meta tippreżenta n-notifika lill-parti terza quddiem il-qorti, il-parti notifikanti għandha tinkludi dokumenti li jipprovdu evidenza li l-parti terza notifikata tkun irċeviet in-notifika u evidenza tad-data ta' riċeviment.
Jekk il-parti terza nnotifikata ma tibgħatx lill-qorti, fi żmien 30 jum min-notifika li għaliha l-parti notifikanti tkun ipprovdiet evidenza, dikjarazzjoni dwar l-inklużjoni fil-proċedimenti, il-parti terza nnotifikata titqies li ma tkunx aċċettat in-notifika ta' parti terza. Dikjarazzjoni ppreżentata wara l-iskadenza hija nulla u bla effett.
Meta l-parti terza nnotifikata taċċetta n-notifika ta' parti terza, dik il-parti tista' tissieħeb mal-parti notifikanti bħala parti intervenjenti. Dan jista' jiġi nnotifikat bil-miktub jew oralment fis-smigħ.
Inkella, l-aċċettazzjoni tal-intervent tal-parti terza nnotifikata u l-istatus legali tal-parti terza nnotifikata huma soġġetti għar-regoli li jirregolaw l-interventi.
4.) Il-konsegwenzi legali ta' notifiki lil partijiet terzi:
Meta l-parti terza nnotifikata taċċetta n-notifika lil parti terza, dik il-parti tista' tissieħeb mal-parti notifikanti bħala parti intervenjenti (mistiedna). Il-liġi dwar il-proċedura ċivili Ungeriża tipprevedi żewġ sitwazzjonijiet differenti fil-każ ta' partijiet intervenjenti.
- Jekk is-saħħa legali tas-sentenza ma tkoprix ir-relazzjoni ġuridika bejn il-parti intervenjenti u l-parti opposta, il-parti intervenjenti (inizjalment il-parti terza nnotifikata) tista' indipendentement tieħu kull azzjoni legali li tista' tittieħed mill-parti appoġġjata minn dik il-parti intervenjenti, esklużi pagamenti, rikonoxximent ta' drittijiet u rinunzji għal drittijiet. L-azzjonijiet tal-parti intervenjenti għandhom effett biss sakemm il-parti appoġġjata ma tiħux dawk l-azzjonijiet u li dawn ma jmorrux kontra l-azzjonijiet tal-parti appoġġjata.
- Jekk, skont il-leġiżlazzjoni fis-seħħ, is-saħħa legali tas-sentenza tkopri wkoll ir-relazzjoni legali bejn il-parti intervenjenti u l-parti opposta, il-parti intervenjenti (inizjalment il-parti nnotifikata) tista' b'mod indipendenti tieħu kwalunkwe azzjoni legali li tista' tittieħed mill-parti appoġġjata minn dik il-parti intervenjenti, esklużi pagamenti, rikonoxximent ta' drittijiet u rinunzji għal drittijiet, u tali azzjonijiet ikollhom effett anke jekk imorru kontra l-azzjonijiet tal-parti appoġġjata. Meta teżamina l-każ, il-qorti tevalwa l-impatt ta' tali azzjonijiet kontradittorji filwaqt li tqis ukoll l-aspetti l-oħra tal-każ.
Madankollu, il-fatt dwar jekk is-saħħa legali ta' sentenza tkoprix ir-relazzjoni bejn il-parti intervenjenti u l-parti opposta mhix kwistjoni ta' diskrezzjoni ġudizzjarja, imma tirriżulta esklużivament mid-dispożizzjonijiet legali.
Dispożizzjoni legali waħda bħal din huwa l-Artikolu 32(2) tal-*Att LXII tal-2009 dwar assigurazzjoni obbligatorja ta' responsabbiltà għal dannu fuq vettura ta' parti terza*, li jipprovdi kif ġej: "L-ambitu ta' kwalunkwe ġudizzju legalment vinkolanti li jiċħad it-talba għal kumpens tal-parti li tkun sofriet dannu għandu jinkludi wkoll id-detentur tal-polza, kif ukoll l-operatur u s-sewwieq fil-każijiet imsemmija fl-Artikolu 35(1), jekk il-qorti tiddeċiedi hekk f'kawża bejn il-parti li tkun sofriet dannu u l-kumpanija tal-assigurazzjoni, l-aġent tas-saldu tal-pretensjoni, l-Uffiċċju Nazzjonali jew il-maniġer tal-Fond ta' Kumpens." (L-Artikolu 35(1) imsemmi hawn fuq jistipula kif ġej: "Il-parti li tkun sofriet dannu tista' tressaq talba mal-maniġer tal-Fond ta' Kumpens sabiex tirċievi kumpens għal telf jew korriment ikkawżat fit-territorju tal-Ungerija minn vettura bil-mutur mhux assigurata, bi ksur tal-obbligu ta' assigurazzjoni, minn vettura użata minn operatur mhux identifikat, jew matul il-perjodu ta' sospensjoni msemmi fl-Artikolu 26, salv għall-eċċezzjonijiet stabbiliti fl-Artikolu 36. Il-maniġer tal-Fond ta' Kumpens għandu jkopri pretensjonijiet sal-ammonti massimi stabbiliti fl-Artikolu 13(1). Il-maniġer tal-Fond ta' Kumpens għandu wkoll jagħmel tajjeb għall-parti li tkun sofriet dannu għal kwalunkwe telf ikkawżat minn vettura bil-mutur li ma tkunx tqiegħdet fis-servizz jew tkun tneħħiet mis-servizz.")
L-aċċettazzjoni ta' notifika lil parti terza ma tfissirx li l-parti terza nnotifikata tirrikonoxxi obbligu fil-konfront tal-parti notifikanti. Ir-relazzjoni ġuridika bejn il-parti notifikanti u l-parti terza notifikata ma tistax tiġi deċiża fil-proċedimenti prinċipali (li għalihom ġiet mistiedna l-parti terza notifikata).

**L-Artikolu 74 – Deskrizzjoni tar-regoli u l-proċeduri nazzjonali dwar l-eżekuzzjoni**

Jekk jogħġbok mur fuq il-formola l-Proċeduri għall-eżekuzzjoni ta' sentenza.

**L-Artikolu 75 (a) – L-ismijiet u dettalji ta' kuntatt tal-qrati li quddiemhom jridu jitressqu l-applikazzjonijiet skont l-Artikoli 36(2), 45(4) u 47(1)**

Fl-Ungerija, il-Qrati Distrettwali (Járásbíróság) li jinsabu fis-sede tal-Qorti Reġjonali (Törvényszék). Fil-Kontea ta' Pest, il-Qorti Distrettwali ta' Buda, f' Budapest, il-Qorti Distrettwali Ċentrali ta' Buda.

**L-Artikolu 75 (b) – L-ismijiet u d-dettalji ta' kuntatt tal-qrati li quddiemhom irid jitressaq l-appell kontra d-deċiżjoni dwar l-applikazzjoni għar-rifjut ta' eżekuzzjoni skont l-Artikolu 49(2)**

Fl-Ungerija, il-qrati reġjonali (Törvényszék). F'Budapest, il-Qorti Reġjonali tal-Kapitali ta' Budapest (Fővárosi Törvényszék).

**L-Artikolu 75 (c) – L-ismijiet u d-dettalji ta' kuntatt tal-qrati li quddiemhom jista' jitressaq appell ulterjuri skont l-Artikolu 50**

- fl-Ungerija: il-Curia (permezz ta' rikors għal stħarriġ, lill-qorti tal-prim' istanza, kontra d-deċiżjoni tagħha).

**L-Artikolu 75 (d) – Il-lingwi aċċettati għat-traduzzjonijiet taċ-ċertifikati dwar is-sentenzi, l-istrumenti awtentiċi u l-ftehimiet bil-qorti**

Mhux applikabbli.

**L-Artikolu 76(1)(a) – Ir-regoli ta' ġuriżdizzjoni msemmija fl-Artikoli 5(2) u 6(2) tar-Regolament**

- fl-Ungerija: l-Artikolu 57 tad-Digriet tal-Liġi Nru 13 tal-1979 dwar il-liġi privata internazzjonali.

**L-Artikolu 76(1)(b) – Ir-regoli dwar in-notifika ta' terzi msemmija fl-Artikolu 65 tar-Regolament**

- fl-Ungerija: l-Artikoli 58-60 (dwar in-notifika lil partijiet terzi) tal-Att III tal-1952 dwar il-Kodiċi tal-Proċedura Ċivili.

**L-Artikolu 76(1)(c) – Il-Konvenzjonijiet msemmija fl-Artikolu 69 tar-Regolament**

Il-Ftehim bejn ir-Repubblika tal-Poplu Ungeriż u r-Repubblika tal-Poplu tal-Bulgarija dwar l-assistenza legali f'materji ċivili, familjari u kriminali, iffirmat f'Sofija fis-16 ta' Mejju 1966,

Il-Konvenzjoni bejn ir-Repubblika ta' Ċipru u r-Repubblika tal-Poplu Ungeriż dwar l-assistenza legali f'materji ċivili u kriminali, iffirmata f'Budapest fit-30 ta' Novembru 1981,

It-Trattat bejn ir-Repubblika Soċjalista Ċekoslovakka u r-Repubblika tal-Poplu Ungeriż dwar l-għajnuna legali u s-soluzzjoni ta' relazzjonijiet ġuridiċi fi kwistjonijiet ċivili, familjari u kriminali, iffirmat fi Bratislava fit-28 ta' Marzu 1989, li għadu fis-seħħ fir-rigward tar-Repubblika Ċeka u r-Repubblika Slovakka,
Il-Konvenzjoni bejn ir-Repubblika tal-Poplu Ungeriż u r-Repubblika Franċiża dwar l-assistenza legali fil-liġi ċivili u tal-familja, dwar ir-rikonoxximent u l-eżekuzzjoni ta' deċiżjonijiet u dwar l-assistenza legali f'materji kriminali u dwar l-estradizzjoni, iffirmata f'Budapest fil-31 ta' Lulju 1980,
Il-Konvenzjoni bejn ir-Repubblika tal-Poplu Ungeriż u r-Repubblika Ellenika dwar l-assistenza legali f'materji ċivili u kriminali, iffirmata f'Budapest fit-8 ta' Ottubru 1979,
It-Trattat bejn ir-Repubblika tal-Poplu Ungeriż u r-Repubblika Federali Soċjalista tal-Jugoslavja dwar l-Assistenza Legali Reċiproka, iffirmat fis-7 ta' Marzu 1968, fir-rigward tar-Repubblika tal-Kroazja u r-Repubblika tas-Slovenja,
Il-Konvenzjoni bejn ir-Repubblika tal-Poplu tal-Polonja u r-Repubblika tal-Poplu tal-Ungerija dwar l-assistenza legali f'materji ċivili, familjari u kriminali, iffirmata f'Budapest fis-6 ta' Marzu 1959, u
It-Trattat bejn ir-Repubblika tal-Poplu tal-Ungerija u r-Repubblika tal-Poplu tal-Rumanija dwar l-assistenza legali f'materji ċivili, familjari u kriminali, iffirmat f' Budapest fis-7 ta' Ottubru 1958.
L-aħħar aġġornament: 13/04/2022

Il-verzjoni bil-lingwa nazzjonali hija ġestita mill-Istat Membru rispettiv. It-traduzzjonijiet saru mis-servizz tal-Kummissjoni Ewropea. Jista' jkun hemm xi tibdil imdaħħal fl-oriġinal mill-awtorità nazzjonali kompetenti li jkun għadu ma jidhirx fit-traduzzjonijiet. Il-Kummissjoni Ewropea ma taċċettax responsabbilta jew kwalunkwe tip ta' tort fir-rigward ta' kull informazzjoni jew dejta li tinsab jew li hemm referenza għaliha f'dan id-dokument. Jekk jogħġbok irreferi għall-avviż legali sabiex tiċċekkja r-regoli dwar id-drittijiet tal-awtur għall-Istati Membri responsabbli minn din il-paġna.

## Ir-Regolament Brussell I (riformulazzjoni) - Malta

### L-Artikolu 74 – Deskrizzjoni tar-regoli u l-proċeduri nazzjonali dwar l-eżekuzzjoni

Ir-Regoli dwar eżekuzzjoni u preskrizzjoni jinsabu fil-Kapitolu 12 tal-Liġijiet ta' Malta - Il-Kodiċi ta' Organizzazzjoni u Proċedura Ċivili. Dettalji dwar l-eżekuzzjoni ssibhom hawn.

### L-Artikolu 75 (a) – L-ismijiet u dettalji ta' kuntatt tal-qrati li quddiemhom jridu jitressqu l-applikazzjonijiet skont l-Artikoli 36(2), 45(4) u 47(1)

- f'Malta, il-Prim' Awla tal-Qorti Ċivili, il-Qrati ta' Malta, Triq ir-Repubblika, Valletta, Malta

- f'Għawdex, il-Qorti tal-Maġistrati (Għawdex) fil-kompetenza superjuri tagħha, Pjazza Katidral, Victoria, Għawdex

### L-Artikolu 75 (b) – L-ismijiet u d-dettalji ta' kuntatt tal-qrati li quddiemhom irid jitressaq l-appell kontra d-deċiżjoni dwar l-applikazzjoni għar-rifjut ta' eżekuzzjoni skont l-Artikolu 49(2)

- f'Malta u Għawdex, il-Qorti tal-Appell, il-Qrati ta' Malta, Triq ir-Repubblika, Valletta, Malta

### L-Artikolu 75 (c) – L-ismijiet u d-dettalji ta' kuntatt tal-qrati li quddiemhom jista' jitressaq appell ulterjuri skont l-Artikolu 50

- M'hemmx appell ulterjuri iżda ritrattazzjoni skond l-Artikolu 811 et seq tal-Kodiċi ta' Organizzazzjoni u Proċedura Ċivili - il-Kapitolu 12 tal-Liġijiet ta' Malta

### L-Artikolu 75 (d) – Il-lingwi aċċettati għat-traduzzjonijiet taċ-ċertifikati dwar is-sentenzi, l-istrumenti awtentiċi u l-ftehimiet bil-qorti

- f'Malta, l-Ingliż

### L-Artikolu 76(1)(a) – Ir-regoli ta' ġuriżdizzjoni msemmija fl-Artikoli 5(2) u 6(2) tar-Regolament

- f'Malta, l-Artikoli 742, 743 u 744 tal-Kodiċi tal-Organizzazzjoni u l-Proċedura Ċivili (il-Kapitolu 12 tal-Liġijiet ta' Malta) u l-Artikolu 549 tal-Kodiċi Kummerċjali (il-Kapitolu 13 tal-Liġijiet ta' Malta)

### L-Artikolu 76(1)(b) – Ir-regoli dwar in-notifika ta' terzi msemmija fl-Artikolu 65 tar-Regolament

Mhux applikabbli

### L-Artikolu 76(1)(c) – Il-Konvenzjonijiet msemmija fl-Artikolu 69 tar-Regolament

L-ebda

L-aħħar aġġornament: 22/03/2017

Il-verzjoni bil-lingwa nazzjonali hija ġestita mill-Istat Membru rispettiv. It-traduzzjonijiet saru mis-servizz tal-Kummissjoni Ewropea. Jista' jkun hemm xi tibdil imdaħħal fl-oriġinal mill-awtorità nazzjonali kompetenti li jkun għadu ma jidhirx fit-traduzzjonijiet. Il-Kummissjoni Ewropea ma taċċettax responsabbilta jew kwalunkwe tip ta' tort fir-rigward ta' kull informazzjoni jew dejta li tinsab jew li hemm referenza għaliha f'dan id-dokument. Jekk jogħġbok irreferi għall-avviż legali sabiex tiċċekkja r-regoli dwar id-drittijiet tal-awtur għall-Istati Membri responsabbli minn din il-paġna.

## Ir-Regolament Brussell I (riformulazzjoni) - Awstrija

### L-Artikolu 65(3) – Informazzjoni dwar kif jiġu determinati, skont il-liġi nazzjonali, l-effetti tas-sentenzi msemmija fl-Artikolu 65(2) tar-Regolament

**1.) Kif tista' tiġi deskritta 'notifika lil partijiet terzi' (TPN - third-party notice) b'mod ġenerali:**

'Notifika lil partijiet terzi' hija notifika formali dwar kawża pendenti jew li tkun għaddejja li titressaq minn waħda mill-partijiet fil-proċeduri lil parti terza li sa dak il-punt tkun għadha mhux involuta f'tali proċeduri. In-notifika tista' tinkludi rikjesta għal intervent fil-kawża. Il-parti notifikanti tissottometti lill-qorti dokument bil-miktub korrispondenti, li jiġi nnotifikat formalment lill-parti terza mill-qorti. Il-parti terzi mhijiex obbligata tintervjeni b'riżultat tan-notifika lil partijiet terzi, iżda hija legalment libera li tiddeċiedi jekk tiħux sehem fil-proċeduri u, jekk iva, f'isem liema parti. Parti terza li tidħol fil-proċeduri ma ssirx parti fit-tilwima, iżda tkun biss intervenjent, liema dikjarazzjonijiet u azzjonijiet ma jridux ikunu f'konflitt ma' dawk tal-parti prinċipali. Intervenjent ma jista' jintalab iħallas ebda spejjeż. Madankollu, jekk il-parti prinċipali tirbaħ il-kawża, l-intervenjent ikun intitolat li jiġi rimborsat għall-ispejjeż mill-parti opposta.

Kwalunkwe persuna li tingħata l-opportunità, permezz ta' notifika lil partijiet terzi, li tinfluwenza l-andament tal-proċeduri bħala intervenjent, tista', anke jekk ma tkunx intervjeniet fil-proċeduri, tibbaża t-talbiet għad-danni fuq raġunijiet ta' litigazzjoni fjakka unikament fuq proċeduri ġudizzjarji qabel l-intervent tagħha jew fuq kwistjonijiet sostantivi li, anke bħala intervenjent, ma setgħetx tipprevjeni jew, jekk ma intervjenietx, ma setgħux jiġu prevenuti. Billi jappoġġja l-parti li fir-rigward tagħha jsir l-intervent, l-intervenjent jista' jikkontribwixxi għas-suċċess tal-kawża ta' dik il-parti u b'hekk jevita proċeduri ta' rikors kontrih, jew għall-inqas itejjeb il-pożizzjoni tiegħu f'tali kawża.

**2.) X'inhuma l-effetti ewlenin tas-sentenzi fuq il-persuni li tingħatalhom TPN:**

In-notifika lil partijiet terzi tippreżupponi li waħda mill-partijiet f'kawża li tkun għaddejja jkollha raġuni biex temmen li jista' jkollha eżitu negattiv, iżda jkollha wkoll raġuni biex temmen li jekk dan l-eżitu jkun negattiv tkun tista' tagħmel rikors kontra l-parti terza. Għaldaqstant, il-parti li toħroġ in-notifika lil partijiet terzi jkollha interess li jew ma titlifx il-kawża inizjali (u hawnhekk l-intervenjent jista' jkun f'pożizzjoni li jgħin) jew, jekk titlef din il-kawża, tirkupra t-telf billi tirbaħ il-proċeduri sussegwenti kontra l-parti terza.

Fl-istess waqt, il-parti notifikanti, meta toħroġ TPN, tipprevjeni lill-parti terza nnotifikata milli tkun tista', fi proċeduri sussegwenti, tagħmel ċertu rikorsi għal danni kontriha abbażi ta' litigazzjoni fjakka: Parti terza li tkun ingħatatilha TPN u għalhekk li tingħatalha l-opportunità li tinfluwenza l-eżitu ta' kawża tista' tibbaża t-talba għad-danni fuq litigazzjoni fjakka unikament fuq proċeduri ġudizzjarji qabel l-intervent tagħha jew fuq kwistjonijiet sostantivi li, anke bħala intervenjent, ma setgħetx tipprevjeni jew ma setgħux jiġu prevenuti. L-intervenjent jista' jressaq motivi u jissottometti dokumenti proċedurali, sakemm ma jagħmel xejn li jikkontradixxi l-parti prinċipali. F'każ ta' kawża sussegwenti bejn il-parti prinċipali u l-intervenjent, l-effetti tas-sentenza finali fil-proċeduri inizjali għandhom jestendu għall-intervenjent jew għal dawk li minkejja li ġew mistiedna jagħmlu dan, ma intervjenewx fil-proċeduri, sal-limitu li dawn il-persuni bħala partijiet f'kawża sussegwenti ma jkunux jistgħu jressqu motivi li jkunu f'konflitt mal-elementi ewlenin tas-sentenza fil-kawża inizjali.

**3.)** TPN ma għandha ebda effett vinkolanti fuq id-deċiżjoni dwar punti tal-liġi fil-kawża prinċipali.

**4.)** L-eżitu tal-kawża prinċipali mhuwiex vinkolanti jekk l-intervenjent ma jkunx tħalla jressaq motivi jew minħabba l-istat tal-kawża fil-ħin tal-intervent jew minħabba d-dikjarazzjonijiet u l-azzjonijiet tal-parti prinċipali (pereżempju, minħabba li dik il-parti ma kkontendietx ċerti fatti jew allegazzjonijiet).

**5.)** Kif intqal diġà, l-effetti tan-notifika lil partijiet terzi japplikaw irrispettivament minn jekk il-parti terza tinvolvix ruħha jew le fil-kawża (ewlenija) bħala intervenjent.

**6.)** In-notifika lil partijiet terzi ma għandha ebda effett fuq ir-relazzjoni bejn il-parti terza u l-avversarju tal-parti li toħroġ in-notifika lil partijiet terzi, sakemm il-parti terza ma tintervjenix biex tappoġġja lill-avversarju.

### L-Artikolu 74 – Deskrizzjoni tar-regoli u l-proċeduri nazzjonali dwar l-eżekuzzjoni

F'dan ir-rigward, issir referenza għall-informazzjoni relatata pprovduta mill-Awstrija fil-Portal Ewropew tal-Ġustizzja Elettronika, 'Bringing an action before a court' (Tiftaħ kawża l-qorti), 'Enforcement of court decisions' (Infurzar tas-sentenzi tal-qorti)', 'Enforcement proceedings' (Proċeduri ta' infurzar) fil-URL segwenti.

### L-Artikolu 75 (a) – L-ismijiet u dettalji ta' kuntatt tal-qrati li quddiemhom jridu jitressqu l-applikazzjonijiet skont l-Artikoli 36(2), 45(4) u 47(1)

- fl-Awstrija, il-qorti distrettwali "*Bezirksgericht*", fejn il-proċeduri ta' infurzar ikunu pendenti. Fil-każ ta' applikazzjonijiet għal deċiżjoni li ma hemm ebda bażi għal nonrikonoxximent (l-Artikolu 26(2)), u fil-każ ta' applikazzjonijiet għal rifjut ta' rikonoxximent (l-Artikolu 45), il-qorti kompetenti hija l-qorti distrettwali fiż-żona fejn il-parti vinkolata bis-sentenza tkun irreġistrata jew stabbilita.

**L-Artikolu 75 (b) – L-ismijiet u d-dettalji ta' kuntatt tal-qrati li quddiemhom irid jitressaq l-appell kontra d-deċiżjoni dwar l-applikazzjoni għar-rifjut ta' eżekuzzjoni skont l-Artikolu 49(2)**

- fl-Awstrija, il-qorti reġjonali ta' livell ogħla (*Landesgericht*), permezz tal-qorti distrettwali (*Bezirksgericht*), fejn il-proċeduri ta' infurzar ikunu pendenti.

**L-Artikolu 75 (c) – L-ismijiet u d-dettalji ta' kuntatt tal-qrati li quddiemhom jista' jitressaq appell ulterjuri skont l-Artikolu 50**

- fl-Awstrija, il-qorti suprema (*Oberste Gerichtshof*) permezz tal-qorti distrettwali (*Bezirksgericht*), fejn il-proċeduri ta' infurzar ikunu pendenti.

**L-Artikolu 75 (d) – Il-lingwi aċċettati għat-traduzzjonijiet taċ-ċertifikati dwar is-sentenzi, l-istrumenti awtentiċi u l-ftehimiet bil-qorti**

Il-Ġermaniż huwa l-unika lingwa aċċettata.

**L-Artikolu 76(1)(a) – Ir-regoli ta' ġuriżdizzjoni msemmija fl-Artikoli 5(2) u 6(2) tar-Regolament**

- fl-Awstrija: § 99 tal-Liġi dwar il-Ġurisdizzjoni tal-Qorti (*Jurisdiktionsnorm*).

**L-Artikolu 76(1)(b) – Ir-regoli dwar in-notifika ta' terzi msemmija fl-Artikolu 65 tar-Regolament**

- fl-Awstrija: § 21 tal-Kodiċi tal-Proċedura Ċivili (*Zivilprozessordnung*).

**L-Artikolu 76(1)(c) – Il-Konvenzjonijiet msemmija fl-Artikolu 69 tar-Regolament**

il-Konvenzjoni bejn il-Ġermanja u l-Awstrija dwar ir-Rikonoxximent Reċiproku u l-Eżekuzzjoni ta' Sentenzi, Soluzzjonijiet u Strumenti Awtentiċi f'Materji Ċivili u Kummerċjali, iffirmata fi Vjenna fis-6 ta' Ġunju 1959;

il-Ftehim bejn ir-Repubblika Popolari tal-Bulgarija u r-Repubblika tal-Awstrija dwar l-Assistenza Legali f'Materji u Dokumenti Ċivili, iffirmat f'Sofija fl-20 ta' Ottubru 1967;

il-Konvenzjoni bejn il-Belġju u l-Awstrija dwar ir-Rikonoxximent Reċiproku u l-Eżekuzzjoni ta' Sentenzi, Sentenzi ta' Arbitraġġ u Strumenti Awtentiċi f'Materji Ċivili u Kummerċjali, iffirmata fi Vjenna fis-16 ta' Ġunju 1959,

il-Konvenzjoni bejn ir-Renju Unit u l-Awstrija li tipprovdi għar-Rikonoxximent Reċiproku u l-Eżekuzzjoni ta' Sentenzi f'Materji Ċivili u Kummerċjali, iffirmata fi Vjenna fl-14 ta' Lulju 1961, bi Protokoll ta' emenda ffirmat f'Londra fis-6 ta' Marzu 1970;

il-Konvenzjoni bejn in-Netherlands u l-Awstrija dwar ir-Rikonoxximent Reċiproku u l-Eżekuzzjoni ta' Sentenzi u Strumenti Awtentiċi f'Materji Ċivili u Kummerċjali, iffirmata f'The Hague fis-6 ta' Frar 1963,

il-Konvenzjoni bejn Franza u l-Awstrija dwar ir-Rikonoxximent u l-Eżekuzzjoni ta' Sentenzi u Strumenti Awtentiċi f'Materji Ċivili u Kummerċjali, iffirmata fi Vjenna fil-15 ta' Lulju 1966,

il-Konvenzjoni bejn il-Lussemburgu u l-Awstrija dwar ir-Rikonoxximent u l-Eżekuzzjoni ta' Sentenzi u Strumenti Awtentiċi f'Materji Ċivili u Kummerċjali, iffirmata fil-Lussemburgu fid-29 ta' Lulju 1971,

il-Konvenzjoni bejn l-Italja u l-Awstrija dwar ir-Rikonoxximent u l-Eżekuzzjoni ta' Sentenzi f'Materji Ċivili u Kummerċjali, ta' Soluzzjonijiet Ġudizzjarji u ta' Strumenti Awtentiċi, iffirmata f'Ruma fis-16 ta' Novembru 1971,

il-Konvenzjoni bejn l-Awstrija u l-Iżvezja dwar ir-Rikonoxximent u l-Eżekuzzjoni ta' Sentenzi f'Materji Ċivili, iffirmata fi Stokkolma fis-16 ta' Settembru 1982,

il-Konvenzjoni bejn l-Awstrija u Spanja dwar ir-Rikonoxximent u l-Eżekuzzjoni ta' Sentenzi, Għotjiet u Strumenti Awtentiċi Eżegwibbli f'Materji Ċivili u Kummerċjali, iffirmata fi Vjenna fis-17 ta' Frar 1984,

il-Konvenzjoni bejn il-Finlandja u l-Awstrija dwar ir-rikonoxximent u l-eżekuzzjoni ta' sentenzi f'materji ċivili, iffirmata fi Vjenna fis-17 ta' Novembru 1986;

It-Trattat bejn ir-Repubblika Federali Popolari tal-Jugoslavja u r-Repubblika tal-Awstrija dwar il-Kooperazzjoni Ġudizzjarja Reċiproka, iffirmat fi Vjenna fis-16 ta' Diċembru 1954;

il-Konvenzjoni bejn ir-Repubblika Popolari tal-Polonja u r-Repubblika tal-Awstrija dwar Relazzjonijiet Reċiproċi f'Materji ta' Liġi Ċivili u Dokumenti, iffirmata fi Vjenna fil-11 ta' Diċembru 1963;

il-Konvenzjoni bejn ir-Repubblika Soċjalista tar-Rumanija u r-Repubblika tal-Awstrija dwar l-Assistenza Legali fil-Liġi Ċivili u tal-Familja u dwar il-Validità u Notifika tad-Dokumenti u l-Protokoll anness magħha, iffirmata fi Vjenna fis-17 ta' Novembru 1965.

L-aħħar aġġornament: 23/05/2022

Il-verzjoni bil-lingwa nazzjonali hija ġestita mill-Istat Membru rispettiv. It-traduzzjonijiet saru mis-servizz tal-Kummissjoni Ewropea. Jista' jkun hemm xi tibdil imdaħħal fl-oriġinal mill-awtorità nazzjonali kompetenti li jkun għadu ma jidhirx fit-traduzzjonijiet. Il-Kummissjoni Ewropea ma taċċettax responsabbilta jew kwalunkwe tip ta' tort fir-rigward ta' kull informazzjoni jew dejta li tinsab jew li hemm referenza għaliha f'dan id-dokument. Jekk jogħġbok irreferi għall-avviż legali sabiex tiċċekkja r-regoli dwar id-drittijiet tal-awtur għall-Istati Membri responsabbli minn din il-paġna.

## Ir-Regolament Brussell I (riformulazzjoni) - Polonja

**L-Artikolu 65(3) – Informazzjoni dwar kif jiġu determinati, skont il-liġi nazzjonali, l-effetti tas-sentenzi msemmija fl-Artikolu 65(2) tar-Regolament**

1. Kif tista' tiġi deskritta b'mod ġenerali n-notifika lil partijiet terzi (TPN, third-party notice)?

Fil-Polonja, it-TPN hija rregolata mill-Artikoli 84 u 85 tal-Kodiċi tal-Proċedura Ċivili. Dan il-kunċett huwa msemmi bil-Pollakk bħala “przypozwanie”. Dan jikkonsisti f'li parti tkun tista' issejjaħ lil avversarju futur biex jingħaqad fil-proċediment, peress li deċiżjoni li ma tkunx favorevoli għall-parti tista' tirriżulta fi pretensjoni (li tirriżulta, pereżempju, minn ftehim ta' garanzija) li titressaq kontra l-parti minn parti terza. Għal dan il-għan, il-parti tippreżenta talba, li tiġi nnotifikata lill-parti terza, li mbagħad tista' tiddikjara li qed tingħaqad fil-kawża bħala parti intervenjenti awżiljarji.

2. X'inhuma l-effetti prinċipali ta' sentenzi fuq persuni li ngħataw TPN?

It-TPN ma tirriżultax awtomatikament f'li tagħmel lill-persuna li hija s-suġġett tat-talba parti fil-kawża pendenti. Id-dħul tagħha fil-proċediment jieħu l-forma ta' intervent awżiljarju (Artikoli 76-78 tal-Kodiċi tal-Proċedura Ċivili). Bi qbil mal-partijiet, il-parti awżiljarja li tintervjeni tista' tieħu l-post tal-parti li tkun ingħaqdet magħha. Inkella, is-sentenza jkollha effett dirett (iżda, fil-każ ta' TPN, biss jekk tkun konsistenti man-natura tar-relazzjoni kkontestata jew id-dispożizzjoni legali rilevanti).

3. Jeżisti effett vinkolanti fir-rigward tal-valutazzjoni legali fil-proċediment ewlieni?

Jekk, minkejja li tintalab tagħmel hekk, parti terza ma tingħaqadx fil-proċediment, hija tirrinunzja l-possibbiltà li tallega l-irregolarità tal-ewwel proċediment f' kull proċediment sussegwenti (l-Artikolu 82 flimkien mal-Artikolu 85 tal-Kodiċi tal-Proċedura Ċivili).

4. Jeżisti effett vinkolanti fir-rigward ta' fatti stabbiliti li l-parti terza ma setgħetx tikkontesta fil-proċediment ewlieni eż. minħabba li ma ġewx ikkontestati mill-partijiet?

L-għoti ta' notifika minn parti terza u t-talba tal-parteċipazzjoni tagħha hija wkoll fl-interess tal-parti terza, minħabba li jista' jgħin biex jinkiseb riżultat pożittiv li jista' jwassal biex kwalunkwe proċediment sussegwenti jkun superfluwu.

5. It-TPN tipproduċi l-effetti tagħha irrispettivament minn jekk il-parti terza tkunx ingħaqdet fil-proċediment ewlieni jew le?

Jekk, minkejja li tintalab tagħmel hekk, parti terza ma tingħaqadx fil-proċediment, hija tirrinunzja għall-possibbiltà li tallega l-irregolarità tal-ewwel proċediment f'kull proċediment sussegwenti (l-Artikolu 82 flimkien mal-Artikolu 85 tal-Kodiċi tal-Proċedura Ċivili).

6. It-TPN taffettwa r-relazzjoni bejn il-parti terza u l-avversarju tal-parti notifikanti?

Jekk il-persuna hekk mitluba tingħaqad fil-proċediment, din issir parti intervenjenti awżiljarja u, bi qbil mal-partijiet, tista' tieħu post il-parti li tkun ingħaqdet magħha.

**L-Artikolu 74 – Deskrizzjoni tar-regoli u l-proċeduri nazzjonali dwar l-eżekuzzjoni**

L-Artikolu 74 - Deskrizzjoni tar-regoli nazzjonali u l-proċeduri li jikkonċernaw l-eżekuzzjoni jinsabu fl-Iskeda ta' Informazzjoni Procedury służące wykonaniu orzeczenia (Proċeduri għall-eżekuzzjoni ta' sentenza).

**L-Artikolu 75 (a) – L-ismijiet u dettalji ta' kuntatt tal-qrati li quddiemhom jridu jitressqu l-applikazzjonijiet skont l-Artikoli 36(2), 45(4) u 47(1)**

**Il-Qorti reġjonali [sąd okręgowy]** tad-domiċilju jew l-uffiċċju rreġistrat tad-debitur jew, fin-nuqqas ta' tali qorti, il-qorti reġjonali li fiha l-eżekuzzjoni reġjonali hija pendenti jew tkun qiegħda titwettaq.

Fil-każ ta' rikors għal rifjut ta' rikonoxximent:

**Il-Qorti reġjonali [sąd okręgowy]** li għandha ġuriżdizzjoni fil-kawża deċiża permezz tas-sentenza jew tar-reġjun fejn tinsab il-qorti distrettwali [sąd rejonowy] kompetenti jew fin-nuqqas tagħha, il-Qorti Reġjonali ta' Varsavja.

**L-Artikolu 75 (b) – L-ismijiet u d-dettalji ta' kuntatt tal-qrati li quddiemhom irid jitressaq l-appell kontra d-deċiżjoni dwar l-applikazzjoni għar-rifjut ta' eżekuzzjoni skont l-Artikolu 49(2)**

Il-Qorti tal-Appell [sąd apelacyjny] permezz tal-qorti reġjonali [sąd okręgowy].

**L-Artikolu 75 (c) – L-ismijiet u d-dettalji ta' kuntatt tal-qrati li quddiemhom jista' jitressaq appell ulterjuri skont l-Artikolu 50**

Il-Qorti Suprema [Sąd Najwyższy] permezz tal-qorti tal-appell [sąd apelacyjny].

**L-Artikolu 75 (d) – Il-lingwi aċċettati għat-traduzzjonijiet taċ-ċertifikati dwar is-sentenzi, l-istrumenti awtentiċi u l-ftehimiet bil-qorti**

Mhux Applikabbli.

**L-Artikolu 76(1)(a) – Ir-regoli ta' ġuriżdizzjoni msemmija fl-Artikoli 5(2) u 6(2) tar-Regolament**

L-Artikolu 1103(4) tal-Kodiċi tal-Proċedura Ċivili u l-Artikolu 1110 tal-Kodiċi tal-Proċedura Ċivili, sakemm jipprovdu ġuriżdizzjoni esklużivament għall-qrati Pollakki fuq il-bażi ta' waħda miċ-ċirkostanzi li ġejjin li jirrigwardaw ir-rikorrent: ċittadinanza Pollakka, domiċilju, residenza abitwali jew uffiċċju rreġistrat fil-Polonja.

**L-Artikolu 76(1)(b) – Ir-regoli dwar in-notifika ta' terzi msemmija fl-Artikolu 65 tar-Regolament**

L-Artikoli 84 u 85 tal-Kodiċi tal-Proċedura Ċivili dwar in-notifika lil parti terza.

**L-Artikolu 76(1)(c) – Il-Konvenzjonijiet msemmija fl-Artikolu 69 tar-Regolament**

il-Konvenzjoni bejn ir-Repubblika Popolari tal-Polonja u r-Repubblika Popolari tal-Ungerija dwar l-Assistenza Legali f'Materji Ċivili, Familjari u Kriminali, iffirmata f'Budapest fis-6 ta' Marzu 1959,

il-Konvenzjoni bejn ir-Repubblika Popolari tal-Polonja u r-Repubblika Federali tal-Poplu tal-Jugoslavja dwar l-Assistenza Legali f'Materji Ċivili u Kriminali, iffirmata f'Varsavja fis-6 ta' Frar 1960, attwalment fis-seħħ bejn il-Polonja u s-Slovenja u bejn il-Polonja u l-Kroazja,

il-Ftehim bejn ir-Repubblika tal-Poplu tal-Bulgarija u r-Repubblika tal-Poplu tal-Polonja dwar l-Assistenza Legali u r-Relazzjonijiet Legali f'Materji Ċivili, Familjari u Kriminali, iffirmat f'Varsavja fl-4 ta' Diċembru 1961,

il-Konvenzjoni bejn ir-Repubblika tal-Poplu tal-Polonja u r-Repubblika tal-Awstrija dwar ir-Relazzjonijiet Reċiproċi f'Materji Ċivili u dwar Dokumenti, iffirmata fi Vjenna fil-11 ta' Diċembru 1963,

il-Konvenzjoni bejn ir-Repubblika tal-Poplu tal-Polonja u r-Repubblika Ellenika dwar l-Assistenza Legali f'Materji Ċivili u Kriminali, iffirmata f'Ateni fl-24 ta' Ottubru 1979,

it-Trattat bejn ir-Repubblika Soċjalista Ċekoslovakka u r-Repubblika tal-Poplu tal-Polonja dwar l-Assistenza Legali u r-Regolamentazzjoni tar-Relazzjonijiet Ġuridiċi f'Materji Ċivili, Familjari, tax-Xogħol u Kriminali, iffirmat f'Varsavja fil-21 ta' Diċembru 1987, li għadu fis-seħħ fir-relazzjonijiet bejn il-Polonja u r-Repubblika Ċeka u bejn il-Polonja u s-Slovakkja,

il-Konvenzjoni bejn ir-Repubblika tal-Poplu tal-Polonja u r-Repubblika Taljana dwar l-Assistenza Legali u r-Rikonoxximent u l-Eżekuzzjoni ta' Sentenzi f' Materji Ċivili, iffirmata f'Varsavja fit-28 ta' April 1989,

il-Ftehim bejn ir-Repubblika tal-Polonja u r-Repubblika tal-Litwanja dwar l-Assistenza Legali u r-Relazzjonijiet Ġuridiċi f'Materji Ċivili, Familjari, tax-Xogħol u Kriminali, iffirmat f'Varsavja fis-26 ta' Jannar 1993,

il-Ftehim bejn ir-Repubblika tal-Latvja u r-Repubblika tal-Polonja dwar l-Assistenza Legali u r-Relazzjonijiet Ġuridiċi f'Materji Ċivili, Familjari, tax-Xogħol u Kriminali, iffirmat f'Riga fit-23 ta' Frar 1994,

il-Konvenzjoni bejn ir-Repubblika ta' Ċipru u r-Repubblika tal-Polonja dwar il-Koperazzjoni Legali f'Materji Ċivili u Kriminali, iffirmata f'Nikosija fl-14 ta' Novembru 1996,

il-Ftehim bejn ir-Repubblika tal-Estonja u r-Repubblika tal-Polonja dwar l-Assistenza Legali u r-Relazzjonijiet Ġuridiċi f'Materji Ċivili, tax-Xogħol u Kriminali, iffirmat f'Tallinn fis-27 ta' Novembru 1998,

it-Trattat bejn ir-Rumanija u r-Repubblika tal-Polonja dwar l-Assistenza Legali u r-Relazzjonijiet Ġuridiċi f'Materji Ċivili, iffirmat f'Bucharest fil-15 ta' Mejju 1999.

L-aħħar aġġornament: 28/02/2019

Il-verzjoni bil-lingwa nazzjonali hija ġestita mill-Istat Membru rispettiv. It-traduzzjonijiet saru mis-servizz tal-Kummissjoni Ewropea. Jista' jkun hemm xi tibdil imdaħħal fl-oriġinal mill-awtorità nazzjonali kompetenti li jkun għadu ma jidhirx fit-traduzzjonijiet. Il-Kummissjoni Ewropea ma taċċettax responsabbilta jew kwalunkwe tip ta' tort fir-rigward ta' kull informazzjoni jew dejta li tinsab jew li hemm referenza għaliha f'dan id-dokument. Jekk jogħġbok irreferi għall-avviż legali sabiex tiċċekkja r-regoli dwar id-drittijiet tal-awtur għall-Istati Membri responsabbli minn din il-paġna.

## Ir-Regolament Brussell I (riformulazzjoni) - Portugall

**L-Artikolu 65(3) – Informazzjoni dwar kif jiġu determinati, skont il-liġi nazzjonali, l-effetti tas-sentenzi msemmija fl-Artikolu 65(2) tar-Regolament**

Mhux applikabbli.

**L-Artikolu 74 – Deskrizzjoni tar-regoli u l-proċeduri nazzjonali dwar l-eżekuzzjoni**

**Azzjoni ta' eżekuzzjoni** hija azzjoni legali mressqa mill-kreditur jew mill-parti li tkun qed titlob l-eżekuzzjoni kontra d-debitur jew il-konvenut li fiha l-kreditur jitlob lill-qorti biex jeżegwixxu obbligu li jkun intitolati għalih. L-azzjonijiet ta' eżekuzzjoni huma bbażati fuq is-suppożizzjoni li d-dritt inkwistjoni kien preċedentement iddikjarat jew rikonoxxut permezz ta' **titolu eżekuttiv**. Azzjonijiet bħal dawn ikollhom l-għan li jiżguraw it-twettiq koerċittiv tal-obbligu permezz tal-awtorità tal-Istat. **Titolu eżekuttiv** jistabbilixxi l-fatti legali li t-talba magħmula mill-parti li titlob l-eżekuzzjoni tkun bbażata fuqhom u tipprovdi l-livell ta' ċertezza meħtieġ biex jiġu applikati miżuri koerċittivi kontra l-konvenut. Il-Kodiċi tal-Proċedura Ċivili (*Código de Processo Civil*) jikklassifika dawn li ġejjin bħala titoli eżekuttivi:

***a)* Kundanni:** Il-kundanni jikkostitwixxu titolu eżekuttiv biss wara li s-sentenza ssir finali, sakemm ma jkunx ġie ppreżentat appell kontra kundanna li jkollu biss effett devoluttiv. Id-deċiżjonijiet minn tribunal tal-arbitraġġ (*tribunal arbitral*) huma eżekuttivi bl-istess termini bħad-deċiżjonijiet tal-qrati ordinarji (l-Artikolu 47 tal-Liġi 63/2011 tal-14 ta' Diċembru 2011).

***b)* Dokumenti mfasslin jew awtentikati minn nutar jew minn kwalunkwe korp jew professjonist ieħor bis-setgħa li jagħmel hekk, li jistabbilixxu jew jirrikonoxxu kwalunkwe obbligu:** Dan jinkludi dokumenti awtentiċi (dokumenti mfasslin skont il-formalitajiet legali mill-awtoritajiet pubbliċi fil-limiti tas-setgħat tagħhom jew

fil-qasam ta’ attività assenjat lilhom minn nutar jew uffiċjal pubbliku ieħor akkreditat mill-Istat) u dokumenti awtentikati (dokumenti mfasslin minn individwi privati u sussegwentement iċċertifikati minnhom quddiem nutar jew korp jew professjonist ieħor b’setgħat ekwivalenti).

***c)* Noti ta’ kreditu, anki jekk mhux garantiti, sakemm il-fatti li r-relazzjonijiet huma bbażati fuqhom ikunu stabbiliti fid-dokument jew mogħtija fit-titolu eżekuttiv:** pereżempju, l-ittra, iċ-ċedola jew iċ-ċekk.

***d)* Dokumenti li jsiru eżekuttivi permezz ta’ dispożizzjoni speċjali:** pereżempju, mandat ta’ inibizzjoni b’titolu eżekuttiv anness miegħu (l-Artikoli 6–8 tad-Digriet Amministrattiv Nru 32/2003 tas-17 ta’ Frar 2003 u l-Artikoli 7-21 tad-Digriet Amministrattiv Nru 269/98 tal-1 ta’ Settembru 1998).

Biex obbligu jiġi eżegwit, irid ikun **ċert** (jiġifieri ta’ natura determinata – *an debeatur*), **dovut** (jiġifieri d-data ta' maturità għaddiet jew l-obbligu jkun dovut awtomatikament malli d-debitur jirċievi d-domanda) u **nett** (jiġifieri ta’ ammont determinat – *quantum debeatur*).

Japplikaw **forom differenti ta’ proċedura** skont **l-iskop tal-eżekuzzjoni** (ħlas ta’ somma speċifika, kunsinna ta’ oġġett speċifiku, prestazzjoni jew nuqqas ta’ prestazzjoni ta’ att speċifiku). Kull meta il-liġi tipprovdi forma ta’ **proċedura speċjali ta’ eżekuzzjoni** (eż. il-proċedura ta’ eżekuzzjoni għall-obbligi tal-manteniment), tapplika din il-forma. Fil-każijiet kollha meta ma tapplikax proċedura speċjali, tintuża l-**forma ġenerali**. Il-**proċedura ta’ eżekuzzjoni ġenerali** tista’ tkun **sommarja** jew **ordinarja**, skont l-iskop tal-eżekuzzjoni u t-tip ta’ titolu eżekuttiv.

L-**awtoritajiet kompetenti għall-eżekuzzjoni** huma l-aġenti tal-eżekuzzjoni u l-qrati (l-imħallef u r-reġistru tal-qorti). L-**aġent tal-eżekuzzjoni** jwettaq l-attivitajiet kollha ta’ eżekuzzjoni li ma jkunux assenjati lir-reġistru tal-qorti jew li jaqgħu taħt il-kompetenza tal-imħallef, bħat-taħrikiet, in-notifiki, il-pubblikazzjonijiet, it-tiftix fil-bażijiet tad-*data*, l-annessi u r-reġistrazzjoni tagħhom, is-saldu u l-pagamenti. Huwa **l-imħallef** li jrid iwettaq kwalunkwe att proċedurali soġġett għall-prinċipju tal-prerogattiva tal-imħallef jew li jmur kontra d-drittijiet fundamentali tal-partijiet jew ta’ terzi. Ir-**reġistru tal-qorti** jittratta l-aspetti amministrattivi u jiżgura li l-proċeduri ta’ eżekuzzjoni jitwettqu kif suppost.

Fir-rigward tar-**restrizzjonijiet fuq l-eżekuzzjoni għal raġunijiet ta’ protezzjoni tad-debitur**, ta’ min jinnota li normalment l-att eżekuttiv fir-rigward tal-ħlas ta’ ammont speċifiku huwa **l-qbid**. Dan jikkonsisti fil-qbid legali ta’ beni li huma proprjetà tal-parti li l-eżekuzzjoni tintalab kontriha, bil-ħsieb li dawk il-beni jinbiegħu u d-dħul mill-bejgħ jintuża biex jiġi ssodisfat l-obbligu li jkun qed jiġi eżegwit. Fil-prinċipju, il-beni kollha li jistgħu jinqabdu li jkunu l-proprjetà tad-debitur u li jistgħu jintużaw għas-saldu tad-dejn dovut skont id-dritt sostantiv jistgħu jkunu soġġetti għal eżekuzzjoni. Madankollu, il-liġi teskludi mill-beni tad-debitur, kompletament jew parzjalment, ċerti beni jew drittijiet, permezz ta’ **immunità assoluta** jew **relattiva mill-qbid** jew **immunità totali** jew **parzjali mill-qbid**. Barra minn hekk, il-qbid irid ikun limitat għall-beni meħtieġa biex jitħallas id-dejn eżegwit u biex ikopri kwalunkwe spiża prevedibbli relatata mal-eżekuzzjoni.

Il-Kodiċi ta’ Proċedura Ċivili jistabbilixxi **restrizzjonijiet fuq l-eżekuzzjoni għal raġunijiet ta’ kadenza u preskrizzjoni**. Dawn ir-restrizzjonijiet iservu bħala raġunijiet għall-oppożizzjoni tal-eżekuzzjoni permezz ta’ pass proċedurali magħruf bħala “oppożizzjoni għall-eżekuzzjoni permezz ta’ qbid”, iżda biss jekk il-kadenza jew il-preskrizzjoni jiġu wara l-għeluq tad-diskussjoni fl-att dikjaratorju.

Bħala regola ġenerali, kwalunkwe dritt aljenabbli jew dritt li l-liġi ma tiddikjarahx eżentati jkun **soġġett għall-preskrizzjoni** jekk ma jiġix eżerċitat fil-perjodu ta’ żmien stabbilit mil-liġi.

Il-qrati ma jistgħux jinvokaw il-preskrizzjoni *ex officio*. Għaldaqstant, din trid tiġi invokata mill-persuna li tibbenefika minnha, mir-rappreżentant tagħha jew mill-Uffiċċju tal-Prosekutur Pubbliku (*Ministério Público*).

Ladarba jkun għadda l-perjodu ta’ preskrizzjoni, il-benefiċjarju (jiġifieri d-debitur) jista’ jirrifjuta li jikkonforma mal-obbligu jew joġġezzjona b’xi mod li jeżerċita d-dritt preskritt.

Il-**perjodu ta’ preskrizzjoni ordinarju** huwa ta’ 20 sena, iżda f’xi istanzi huma previsti perjodi iqsar. **Il-perjodi ta’ preskrizzjoni jistgħu jiġu interrotti jew sospiżi**. Id-differenza hija li s-sospensjoni sseħħ bil-forza tal-liġi u indipendentement mir-rieda tal-kreditur, filwaqt li interruzzjoni tiddependi mill-azzjoni meħuda mill-kreditur għal dak l-għan.

Fir-rigward tat-**tul ta’ żmien tal-interruzzjoni tal-perjodu ta’ preskrizzjoni**, jekk l-interruzzjoni tkun ir-riżultat ta’ taħrika, notifika jew att ekwivalenti jew ta’ ftehim ta’ arbitraġġ, il-perjodu ta’ preskrizzjoni l-ġdid jibda biss ladarba d-deċiżjoni li tagħlaq il-proċedura ssir finali.

Ladarba jkun għadda l-perjodu ta’ preskrizzjoni, il-benefiċjarju jista’ jirrifjuta li jikkonforma mal-obbligu jew joġġezzjona b’xi mod li jeżerċita d-dritt preskritt. Madankollu, jekk debitur iwettaq att, bir-rieda tiegħu stess, fir-rigward ta’ obbligu preskritt, huwa ma jkunx jista’ mbagħad jitlob ir-restituzzjoni, anki jekk ma kienx jaf bil-preskrizzjoni.

Fir-rigward tal-**oppożizzjoni għall-preskrizzjoni**, din tista’ tiġi invokata biss mill-kredituri u minn terzi b’interess leġittimu li tiġi invokata, anke jekk id-debitur ikun irrinunzja għaliha. F’każ ta’ rinunzja, il-preskrizzjoni tista’ tiġi invokata mill-kredituri biss jekk jiġu ssodisfati l-kundizzjonijiet stabbiliti fid-dritt ċivili għal *actio pauliana*. Jekk, fil-każ li jitressqu xi akkużi, id-debitur ma jinvokax il-perjodi ta’ preskrizzjoni u jiġi kkundannat, id-deċiżjoni finali ma taffettwax id-dritt rikonoxxut tal-kredituri tiegħu.

Fir-rigward tal-**kadenza**, meta bil-liġi jew b’rieda tal-partijiet irid jiġi eżerċitat dritt f’ċertu perjodu ta’ żmien, japplikaw ir-regoli dwar l-kadenza, sakemm il-liġi ma tirreferix espressament għall-preskrizzjoni. Il-kadenza tista’ tiġi impedita biss billi jitwettaq kwalunkwe att li l-liġi jew il-kuntratt jagħti effett preventiv sal-iskadenza legali jew kuntrattwali.

Il-preżentazzjoni ta’ azzjoni dikjaratorja jew ta’ eżekuzzjoni tipprevjeni l-kadenza, mingħajr il-ħtieġa li jiġi nnotifikat id-debitur. Il-perjodu ta’ kadenza jista’ jiġi sospiż jew interrott biss f’każijiet fejn il-liġi tipprevedi hekk u, jekk il-liġi ma tistabbilixxi l-ebda data speċifika oħra, il-perjodu ta’ kadenza jibda fil-mument minn meta d-drittijiet jistgħu jiġu eżerċitati legalment. Il-kadenza tiġi vvalutata mill-qorti *ex officio* u tista’ tiġi invokata fi kwalunkwe stadju tal-proċedimenti fil-każ ta’ drittijiet inaljenabbli. Meta l-eżekuzzjoni tinbeda fuq il-bażi ta’ drittijiet aljenabbli, il-kadenza trid tiġi invokata mill-persuna li tibbenefika minnha (fil-prinċipju, id-debitur/il-parti li l-eżekuzzjoni tkun qed tintalab kontriha).

**Għal aktar informazzjoni dettaljata, jekk jogħġbok ikkonsulta** Proċeduri għall-eżekuzzjoni ta’ sentenza – il-Portugall .

**L-Artikolu 75 (a) – L-ismijiet u dettalji ta' kuntatt tal-qrati li quddiemhom jridu jitressqu l-applikazzjonijiet skont l-Artikoli 36(2), 45(4) u 47(1)**

Il-qrati kompetenti biex jisimgħu u jiddeċiedu dwar it-talbiet imsemmija fl-Artikoli 36(2), 45(4) u 47(1) huma:

- is-Sezzjoni Ċivili Ċentrali (*Juízo Central Cível*) tal-Qorti Distrettwali kompetenti, jekk teżisti; jew
- is-Sezzjoni Ċivili Lokali (*Juízo Local Cível*), jew jekk ma jkunx hemm, is-Sezzjoni Ġenerali Lokali (*Juízo Local de Competência Genérica*) tal-Qorti Distrettwali kompetenti.

**L-Artikolu 75 (b) – L-ismijiet u d-dettalji ta' kuntatt tal-qrati li quddiemhom irid jitressaq l-appell kontra d-deċiżjoni dwar l-applikazzjoni għar-rifjut ta' eżekuzzjoni skont l-Artikolu 49(2)**

L-appelli kontra d-deċiżjonijiet dwar talbiet għaċ-ċaħda tal-eżekuzzjoni, skont l-Artikolu 49(2), iridu jiġu ppreżentati quddiem **il-Qorti tal-Appell** (*Tribunal da Relação*).

**L-Artikolu 75 (c) – L-ismijiet u d-dettalji ta' kuntatt tal-qrati li quddiemhom jista' jitressaq appell ulterjuri skont l-Artikolu 50**

Kwalunkwe appell sussegwenti jrid jiġi ppreżentat quddiem **il-Qorti Suprema tal-Ġustizzja** (*Supremo Tribunal de Justiça*).

**L-Artikolu 75 (d) – Il-lingwi aċċettati għat-traduzzjonijiet taċ-ċertifikati dwar is-sentenzi, l-istrumenti awtentiċi u l-ftehimiet bil-qorti**

Mhux applikabbli. Il-Portugiż biss huwa aċċettat.

**L-Artikolu 76(1)(a) – Ir-regoli ta' ġuriżdizzjoni msemmija fl-Artikoli 5(2) u 6(2) tar-Regolament**

Ir-regoli ta' ġuriżdizzjoni nazzjonali msemmijin fl-Artikolu 5(2) u fl-Artikolu 6(2) huma:

- **l-Artikolu 63(1) tal-Kodiċi ta' Proċedura Ċivili**, li jipprevedi l-ġuriżdizzjoni ekstraterritorjali tal-qrati, b'mod partikolari l-qorti fis-sede tal-fergħa, l-aġenzija, l-uffiċċju, id-delegazzjoni jew ir-rappreżentanza (jekk tkun tinsab fil-Portugall), f'każijiet fejn issir talba għal notifika fl-uffiċċju prinċipali (jekk ikun jinsab barra l-pajjiż); u
- **l-Artikolu 10 tal-Kodiċi ta' Proċedura Industrijali** (*Código de Processo do Trabalho*), li jipprevedi l-ġuriżdizzjoni ekstraterritorjali tal-qrati, b'mod partikolari l-qorti tal-post tar-residenza tal-attur fi proċedimenti relatati ma' kuntratti ta' impjieg ippreżentati minn impjegat kontra min iħaddmu.

**L-Artikolu 76(1)(b) – Ir-regoli dwar in-notifika ta' terzi msemmija fl-Artikolu 65 tar-Regolament**

Mhux applikabbli.

**L-Artikolu 76(1)(c) – Il-Konvenzjonijiet msemmija fl-Artikolu 69 tar-Regolament**

Il-Konvenzjoni bejn ir-Repubblika taċ-Ċekoslovakkja u l-Portugall dwar ir-rikonoxximent u l-eżekuzzjoni tas-sentenzi, iffirmat f'Lisbona fit-23 ta' Novembru 1927.

L-aħħar aġġornament: 01/08/2022

Il-verżjoni bil-lingwa nazzjonali hija ġestita mill-Istat Membru rispettiv. It-traduzzjonijiet saru mis-servizz tal-Kummissjoni Ewropea. Jista' jkun hemm xi tibdil imdaħħal fl-oriġinal mill-awtorità nazzjonali kompetenti li jkun għadu ma jidhirx fit-traduzzjonijiet. Il-Kummissjoni Ewropea ma taċċettax responsabbilta jew kwalunkwe tip ta' tort fir-rigward ta' kull informazzjoni jew dejta li tinsab jew li hemm referenza għaliha f'dan id-dokument. Jekk jogħġbok irreferi għall-avviż legali sabiex tiċċekkja r-regoli dwar id-drittijiet tal-awtur għall-Istati Membri responsabbli minn din il-paġna.

## Ir-Regolament Brussell I (riformulazzjoni) - Rumanija

**L-Artikolu 65(3) – Informazzjoni dwar kif jiġu determinati, skont il-liġi nazzjonali, l-effetti tas-sentenzi msemmija fl-Artikolu 65(2) tar-Regolament**

Ma japplikax

**L-Artikolu 74 – Deskrizzjoni tar-regoli u l-proċeduri nazzjonali dwar l-eżekuzzjoni**

**Eżekuzzjoni f'kawżi ċivili u kummerċjali**

Il-forom ta' eżekuzzjoni diretta huma dawk relatati mal-oġġett ta' obbligu kif stabbilit mill-mandat ta' eżekuzzjoni, jiġifieri l-qbid ta' beni mobbli/immobbli u l-eżekuzzjoni tal-obbligu li tittieħed jew ma tittieħidx azzjoni. Fil-każ tal-eżekuzzjoni tal-obbligi li tittieħed azzjoni, il-liġi tiddistingwi bejn obbligu li jista' jiġi ssodisfat ukoll minn persuna/entità oħra minbarra d-debitur u obbligu *intuitu personae*.

Eżekuzzjoni indiretta tirreferi għall-mezz biex tinkiseb somma flus li tkun is-suġġett ta' mandat ta' eżekuzzjoni permezz tal-bejgħ sfurzat ta' beni tad-debitur (il-qbid kawtelatorju ta' somma flus jew il-qbid segwit mill-bejgħ tal-beni).

Obbligi soġġetti għall-eżekuzzjoni huma obbligi monetarji, il-konsenja ta' beni jew il-konsenja tal-użu tagħhom, it-twaqqigħ ta' bini/l-abbandun ta' pjantaġġun /it-twaqqif tax-xogħlijiet, eċċ.

**Awtoritajiet kompetenti għall-eżekuzzjoni**

Is-sentenzi tal-qorti u titoli eżegwibbli oħrajn jiġu eżegwiti minn uffiċjal tal-eżekuzzjoni ġudizzjarja li jservi fil-qorti tal-appell li l-beni immobbli jkunu jinsabu fiż-żona tal-ġuriżdizzjoni tagħha (fil-każ tal-qbid ta' beni immobbli) u (fil-każ tal-qbid ta' beni mobbli) li d-debitur ikun domiċiljat jew li l-beni ikunu jinsabu fiż-żona tal-ġuriżdizzjoni tagħha.

Il-qbid kawtelatorju jitwettaq, abbażi ta' rikors mill-kreditur, minn uffiċjal tal-eżekuzzjoni ġudizzjarja li l-uffiċċju tiegħu jinsab fiż-żona tal-ġuriżdizzjoni tal-qorti tal-appell li tkopri d-domiċilju tad-debitur/terzi soġġetti għall-qbid kawtelatorju jew, fil-każ ta' qbid kawtelatorju ta' kontijiet bankarji, li tkopri l-uffiċċju rreġistrat tal-istituzzjoni ta' kreditu kkonċernata.

Il-qorti ta' eżekuzzjoni hija l-qorti distrettwali li d-domiċilju tad-debitur ikun jinsab fiż-żona tal-ġuriżdizzjoni tagħha. Il-qorti ta' eżekuzzjoni tittratta r-rikorsi għal dikjarazzjonijiet ta' eżegwibbiltà, rikorsi li jopponu l-eżekuzzjoni, eċċ.

**Kundizzjonijiet li fihom jista' jinħareġ mandat ta' eżekuzzjoni jew sentenza eżegwibbli**

L-eżekuzzjoni tista' titwettaq biss skont sentenza tal-qorti (sentenzi finali, deċiżjonijiet eżegwibbli provviżorjament) jew att bil-miktub ieħor (att awtentiku notarili, titolu ta' dejn, deċiżjoni ta' arbitraġġ, eċċ.).

Meta jirċievi rikors għall-eżekuzzjoni ppreżentat minn kreditur, l-uffiċjal tal-eżekuzzjoni ġudizzjarju jirreġistrah u jista' joħroġ deċiżjoni rigward dikjarazzjoni ta' eżegwibbiltà, mingħajr ma jiġu mħarrka l-partijiet. Id-deċiżjoni tiġi nnotifikata lill-kreditur. F'każ ta' rifjut, il-kreditur jista' jressaq ilment quddiem il-qorti ta' eżekuzzjoni, fi żmien 15-il jum mid-data tan-notifika.

Sussegwentement, l-uffiċjal tal-eżekuzzjoni jitlob dikjarazzjoni ta' eżegwibbiltà mill-qorti u magħha jippreżenta t-talba tal-kreditur, it-titolu eżekuttiv, id-deċiżjoni u l-prova tal-ħlas tat-tariffi. Deċiżjoni dwar ir-rikors tingħata f'sessjoni magħluqa mingħajr ma jiġu mħarrka l-partijiet. Il-qorti tista' tiċħad ir-rikors jekk: jaqa' taħt il-ġuriżdizzjoni ta' korp differenti; is-sentenza ma tkunx titolu eżekuttiv; id-dokument ma jissodisfax ir-rekwiżiti formali kollha; it-talba ma tkunx ċerta, likwida u dovuta; id-debitur igawdi minn immunità mill-eżekuzzjoni; l-istrument ikun fih dispożizzjonijiet li ma jistgħux jiġu eżegwiti, eċċ. Deċiżjoni tal-qorti li tilqa' rikors ma tistax tiġi appellata, iżda tista' tiġi mistħarrġa jekk l-eżekuzzjoni nnifisha tiġi kkontestata. Deċiżjoni li tiċħad rikors tista' tiġi appellata mill-kreditur fi żmien 15-il jum min-notifika tagħha.

L-Assoċjazzjoni Nazzjonali tal-Uffiċjali tal-Eżekuzzjoni Ġudizzjarja (*Uniunea Națională a Executorilor Judecătorești*) tistabbilixxi u taġġorna t-tariffi minimi għas-servizzi pprovduti, soġġett għall-approvazzjoni tal-Ministru għall-Ġustizzja.

Kwalunkwe proċedura tista' tinbeda jekk id-debitur jiġi mħarrek.

**Oġġett u natura tal-miżuri ta' eżekuzzjoni**

Id-dħul tad-debitur, l-ammonti fil-kontijiet bankarji, il-beni mobbli u immobbli, eċċ. jistgħu jkunu soġġetti għall-eżekuzzjoni.

Wara li l-beni mobbli jiġu identifikati, dawn jinqabdu. Jekk l-ammont dovut ma jitħallasx, l-uffiċjal tal-eżekuzzjoni ġudizzjarja jbigħ l-oġġetti maqbuda fi rkant pubbliku, jew permezz ta' bejgħ dirett, eċċ.

Kwalunkwe somma ta' flus dovuta lid-debitur minn terzi tista' tkun soġġetta għal qbid kawtelatorju. Kwalunkwe u kull somma ta' flus u beni maqbuda jiġu ffriżati malli jintbagħat l-mandat ta' qbid kawtelatorju lit-terzi soġġetti għall-qbid kawtelatorju . Minn meta jsir l-iffriżar sal-pagament sħiħ tal-obbligi, it-terzi soġġetti għal qbid kawtelatorju ma għandhom jagħmlu l-ebda pagament ieħor. Inkella, il-kwistjoni tista' tiġi riferuta lill-qorti ta' eżekuzzjoni bil-għan li l-qbid kawtelatorju jiġi vvalidat. Id-deċiżjoni finali ta' validazzjoni għandha l-effetti ta' ċessjoni tat-talba u tikkostitwixxi mandat ta' eżekuzzjoni kontra t-terzi soġġetti għall-qbid kawtelatorju. Wara li jiġi vvalidat il-qbid kawtelatorju, it-terzi soġġetti għall-qbid kawtelatorju jeħtiġilhom jiddepożitaw jew iħallsu s-somma, fil-limiti tal-ammont indikat. In-nuqqas ta' dan jirriżulta fil-bidu tal-eżekuzzjoni.

Fir-rigward tal-eżekuzzjoni fir-rigward ta' proprjetà immobbli, jekk id-debitur ma jħallasx id-dejn tiegħu, l-uffiċjal tal-eżekuzzjoni ġudizzjarja jibda l-proċedura ta' bejgħ wara li d-dikjarazzjoni ta' eżegwibbiltà tkun ġiet innotifikata u mdaħħla fir-reġistru tal-artijiet.

Il-limitu ta' żmien applikabbli huwa ta' sitt xhur jekk il-kreditur ikun ħalla dan il-perjodu jiskadi mid-data li fiha tinkiseb il-konformità ma' kwalunkwe azzjoni ta' eżekuzzjoni mingħajr ma jkun ħa xi azzjonijiet oħra ta' rkupru. Il-perjodu ta' preskrizzjoni huwa ta' tliet snin.

**Possibbiltà ta' appell kontra d-deċiżjoni li tilqa' tali miżura**

Jista' jiġi ppreżentat appell kontra l-eżekuzzjoni nnifisha. Jekk titwettaq eżekuzzjoni skont sentenza tal-qorti, id-debitur ma jistax jikkontestaha billi jinvoka r-raġunijiet ta' fatt/ta' liġi li seta' jippreżenta waqt il-proċedimenti quddiem il-qorti tal-ewwel istanza jew quddiem qorti tal-appell.

Il-qorti kompetenti hija l-qorti ta' eżekuzzjoni.
L-appell jista' jiġi ppreżentat fi żmien 15-il jum mid-data li fiha: l-appellant ikun ġie mgħarraf b'dan l-istrument ta' eżekuzzjoni; il-parti kkonċernata tkun ġiet innotifikata bl-impożizzjoni tal-qbid kawtelatorju; id-debitur ikun ġie nnotifikat bit-taħrika jew bid-data meta jkun ġie mgħarraf bl-ewwel strument ta' eżekuzzjoni.
Jekk tilqa' l-appell kontra l-eżekuzzjoni, il-qorti tannulla l-mandat ta' eżekuzzjoni appellata jew tordna t-terminazzjoni tal-eżekuzzjoni tal-azzjoni ta' eżekuzzjoni. Jekk l-appell jiġi miċħud, l-appellant jista' jiġi obbligat iħallas kumpens għad-danni kkawżati mid-dewmien tal-eżekuzzjoni.
Fil-pendenzi tal-eżitu tal-oġġezzjoni għall-eżekuzzjoni jew ta' rikors ieħor dwar l-eżekuzzjoni, fuq talba tal-parti kkonċernata u għal raġunijiet raġonevoli biss, il-qorti kompetenti tista' tissospendi l-eżekuzzjoni. Is-sospensjoni tista' tintalab fl-istess ħin mal-oġġezzjoni għall-eżekuzzjoni jew b'rikors separat.
Id-deċiżjoni dwar l-oġġezzjoni tista' tiġi kkontestata biss permezz ta' appell.

**Limitazzjonijiet fuq l-eżekuzzjoni, b'mod partikolari relatati mal-protezzjoni tad-debitur jew il-limiti ta' żmien.**

Ċerti beni u proprjetà huma eżenti. Il-beni mobbli eżenti huma: l-oġġetti essenzjali għall-użu personali/oġġetti tad-dar, oġġetti reliġjużi; l-oġġetti indispensabbli għal persuni b'diżabbiltà jew maħsuba għall-kura tal-morda; provvista tal-ikel għal tliet xhur; provvista ta' fjuwil għax-xitwa għal tliet xhur; l-ittri personali, ir-ritratti, il-pitturi, eċċ.
Is-salarju/il-pensjoni tad-debitur huma suġġetti għal qbid sa nofs l-introjtu nett fix-xahar tiegħu fil-każ ta' obbligi ta' manteniment, u sa terz għal tipi oħra ta' obbligi.
Jekk dan l-introjtu ma jilħaqx il-paga minima netta nazzjonali, il-qbid jista' jsir biss fuq l-ammont li jeċċedi nofs il-paga minima.
L-introjtu eskluż mill-eżekuzzjoni huwa: Il-benefiċċji mill-Istat u l-allowances tat-tfal, il-ħlasijiet għall-kura ta' tfal morda, il-benefiċċji tal-maternità, il-benefiċċji tal-mewt, l-għotjiet għall-istudju mill-Istat, l-allowances tas-sussistenza ta' kuljum, eċċ.

**Links rilevanti**

http://www.executori.ro/
http://www.just.ro/

**L-Artikolu 75 (a) – L-ismijiet u dettalji ta' kuntatt tal-qrati li quddiemhom jridu jitressqu l-applikazzjonijiet skont l-Artikoli 36(2), 45(4) u 47(1)**

Ir-rikorsi għal rifjut ta' rikonoxximent, ir-rikorsi għal deċiżjoni li ma hemm l-ebda raġuni għar-rifjut ta' rikonoxximent, u r-rikorsi għal rifjut ta' dikjarazzjoni ta' eżegwibbiltà jaqgħu taħt il-ġuriżdizzjoni tat-Tribunali[1] (l-Artikolu 1 tal-Artikolu I4 tal-Ordni ta' Emerġenza tal-Gvern Nru 119/2006 dwar miżuri meħtieġa għall-implimentazzjoni ta' ċerti Regolamenti Komunitarji mid-data tal-adeżjoni tar-Rumanija fl-UE, approvata mil-Liġi Nru 191/2007, kif emendata u l-Artikolu 95(1) tal-Liġi Nru 134/2010 dwar il-Kodiċi ta' Proċedura Ċivili, ippubblikat mill-ġdid, kif emendat).

---

[1] skont l-Artikolu 2 tal-Artikolu I4 tal-Ordni ta' Emerġenza tal-Gvern Nru 119/2006 dwar miżuri meħtieġa għall-implimentazzjoni ta' ċerti Regolamenti Komunitarji mid-data tal-adeżjoni tar-Rumanija fl-UE, approvata mil-Liġi Nru 191/2007, kif emendata, ir-rikorsi bbażati fuq l-Artikolu 54 tar-Regolament (UE) Nru 1215/2012 li jagħmlu riferiment għal adattament ta' miżura jew ordni stabbilita f'sentenza, għal soluzzjoni li tkun ġiet approvata jew konkluża jew għal strumenti awtentiċi mfassla jew irreġistrati uffiċjalment fi Stat Membru ieħor tal-UE, jistgħu jiġu ppreżentati f'kawżi fejn is-suġġett ikun ir-rifjut tar-rikonoxximent, deċiżjoni li ma hemm l-ebda raġuni għar-rifjut ta' rikonoxximent, jew rifjut ta' eżekuzzjoni, jew separatament. Ir-rikorsi għal adattament ta' miżura jew ordni li jiġu ppreżentati separatament jaqgħu fil-ġuriżdizzjoni tat-Tribunali.

**L-Artikolu 75 (b) – L-ismijiet u d-dettalji ta' kuntatt tal-qrati li quddiemhom irid jitressaq l-appell kontra d-deċiżjoni dwar l-applikazzjoni għar-rifjut ta' eżekuzzjoni skont l-Artikolu 49(2)**

- fir-Rumanija, il-Qorti tal-Appell (*Curtea de apel*)

**L-Artikolu 75 (c) – L-ismijiet u d-dettalji ta' kuntatt tal-qrati li quddiemhom jista' jitressaq appell ulterjuri skont l-Artikolu 50**

- fir-Rumanija, il-Qorti Superjuri tal-Kassazzjoni u l-Ġustizzja (*Înalta Curte de Casație și Justiție*)

**L-Artikolu 75 (d) – Il-lingwi aċċettati għat-traduzzjonijiet taċ-ċertifikati dwar is-sentenzi, l-istrumenti awtentiċi u l-ftehimiet bil-qorti**

Ma japplikax

**L-Artikolu 76(1)(a) – Ir-regoli ta' ġuriżdizzjoni msemmija fl-Artikoli 5(2) u 6(2) tar-Regolament**

- fir-Rumanija: L-Artikoli 1066-1082 skont it-Titolu I "Ġuriżdizzjoni internazzjonali tal-qrati Rumeni" fil-Ktieb VII "Proċedura ċivili internazzjonali" tal-Liġi Nru 134 /2010 dwar il-Kodiċi tal-Proċedura Ċivili.

**L-Artikolu 76(1)(b) – Ir-regoli dwar in-notifika ta' terzi msemmija fl-Artikolu 65 tar-Regolament**

Ma japplikax

**L-Artikolu 76(1)(c) – Il-Konvenzjonijiet msemmija fl-Artikolu 69 tar-Regolament**

It-Trattat bejn ir-Repubblika Popolari tal-Bulgarija u r-Repubblika Popolari Rumena dwar Assistenza Legali f'Materji Ċivili, tal-Familja u Kriminali, iffirmat f' Sofija fit-3 ta' Diċembru 1958;
it-Trattat bejn ir-Repubblika Ċeka u r-Rumanija dwar l-Assistenza Legali f'Materji Ċivili, iffirmat f'Bukarest fil-11 ta' Lulju 1994;
il-Konvenzjoni bejn ir-Repubblika Soċjalista tar-Rumanija u r-Renju tal-Greċja dwar l-Assistenza Legali f'Materji Ċivili u Kriminali, iffirmata f'Bukarest fid-19 ta' Ottubru 1972;
il-Konvenzjoni bejn ir-Repubblika Soċjalista tar-Rumanija u r-Repubblika Taljana dwar l-Assistenza Legali f'Materji Ċivili u Kriminali, iffirmata f'Bukarest fil-11 ta' Novembru 1972;
il-Konvenzjoni bejn ir-Repubblika Soċjalista tar-Rumanija u r-Repubblika Franċiża dwar l-Assistenza Legali f'Materji Ċivili u Kummerċjali, iffirmata f'Pariġi fil-5 ta' Novembru 1974;
it-Trattat bejn ir-Rumanija u r-Repubblika tal-Polonja dwar l-Assistenza Legali u Relazzjonijiet Ġuridiċi f'Materji Ċivili, iffirmat f'Bukarest fil-15 ta' Mejju 1999;
it-Trattat bejn ir-Repubblika tal-Poplu tar-Rumanija u r-Repubblika Federali tal-Poplu tal-Jugoslavja dwar l-Assistenza Legali (applikabbli skont id-Dikjarazzjoni ta' Suċċessjoni konkluża mas-Slovenja u l-Kroazja), iffirmat f'Belgrad fit-18 ta' Ottubru 1960;
it-Trattat bejn ir-Repubblika tal-Poplu tar-Rumanija u r-Repubblika Ċeka (applikabbli skont id-Dikjarazzjoni ta' Suċċessjoni konkluża mas-Slovakkja) dwar l-Assistenza Legali f'Materji Ċivili, tal-Familja u Kriminali, iffirmat fi Praga fil-25 ta' Ottubru 1958;
il-Konvenzjoni bejn ir-Rumanija u r-Renju ta' Spanja dwar il-Ġuriżdizzjoni, ir-Rikonoxximent u l-Eżekuzzjoni ta' Sentenzi f'Materji Ċivili u Kummerċjali, iffirmata f'Bukarest fis-17 ta' Novembru 1997;
it-Trattat bejn ir-Repubblika tal-Poplu tar-Rumanija u r-Repubblika tal-Poplu tal-Ungerija dwar l-Assistenza Legali f'Materji Ċivili, tal-Familja u Kriminali, iffirmat f'Bukarest fis-7 ta' Ottubru 1958;
il-Konvenzjoni bejn ir-Repubblika Soċjalista tar-Rumanija u r-Repubblika tal-Awstrija dwar l-Assistenza Legali fil-Liġi Ċivili u tal-Familja u dwar il-Validità u n-Notifika tad-Dokumenti u l-Protokoll anness magħha, iffirmata fi Vjenna fis-17 ta' Novembru 1965.

L-aħħar aġġornament: 02/08/2022

Il-verzjoni bil-lingwa nazzjonali hija ġestita mill-Istat Membru rispettiv. It-traduzzjonijiet saru mis-servizz tal-Kummissjoni Ewropea. Jista' jkun hemm xi tibdil imdaħħal fl-oriġinal mill-awtorità nazzjonali kompetenti li jkun għadu ma jidhirx fit-traduzzjonijiet. Il-Kummissjoni Ewropea ma taċċettax responsabbilta jew kwalunkwe tip ta' tort fir-rigward ta' kull informazzjoni jew dejta li tinsab jew li hemm referenza għaliha f'dan id-dokument. Jekk jogħġbok irreferi għall-avviż legali sabiex tiċċekkja r-regoli dwar id-drittijiet tal-awtur għall-Istati Membri responsabbli minn din il-paġna.

## Ir-Regolament Brussell I (riformulazzjoni) - Slovenja

**L-Artikolu 65(3) – Informazzjoni dwar kif jiġu determinati, skont il-liġi nazzjonali, l-effetti tas-sentenzi msemmija fl-Artikolu 65(2) tar-Regolament**

1.) Kif tista' tiġi deskritta notifika lil partijiet terzi (TPN) b'mod ġenerali:

TPN ('litis denuntiatio') hija notifika formali lil parti terza dwar kawża pendenti. Tista' tiġi kkombinata mal-istedina lil din il-persuna biex tieħu sehem fil-proċeduri. Il-mira ta' din in-notifika hija li tiggarantixxi d-drittijiet u l-effetti rikonoxxuti taħt il-liġi ċivili għar-rikorrent u l-konvenut. Il-parti notifikanti (parti fil-kawża) tibgħat in-notifika lill-qorti, u din imbagħad tinnotifikaha lit-terza persuna, li tkun libera li tiddeċiedi jekk tiħux sehem jew le. Skont il-liġi Slovena, il-qorti ma tiħux deċiżjoni dwar jekk talba ta' parti għal notifika formali ta' terza persuna tkunx ġustifikata. Anke jekk it-terza persuna tieħu sehem, din ma tkunx parti fil-kawża u r-rabta tagħha maż-żewġ partijiet fil-kawża prinċipali ma tistax tiġi deċiża f'din il-litigazzjoni. It-terza persuna tista' tappoġġja liema parti trid fil-kawża prinċipali. Jekk jiġu sodisfatti l-kundizzjonijiet, dik il-persuna tista' tieħu sehem fil-proċeduri bħala intervenjent. Meta tagħmel dan, hija tkun tista' tikkontribwixxi biex tintrebaħ il-kawża u b'hekk tgħin biex tiġi evitata litigazzjoni (rikors) sussegwenti kontriha jew ittejjeb il-pożizzjoni tagħha f'tali kawża sussegwenti. It-terza persuna ma tistax tressaq talba biex tiġi tterminata kawża li tkun ġiet istitwita, biex jiġi estiż it-terminu ta' żmien, jew biex jiġi pospost smigħ.

2.) X'inhuma l-effetti ewlenin tas-sentenzi fuq il-persuni li tkun ingħatatilhom TPN:

TPN tipproteġi lill-parti notifikanti minn ċerti talbiet għad-danni li kieku tista' tistenna mit-terza persuna. (Terza) persuna li kellha l-opportunità, permezz ta' TPN, li tinfluwenza l-eżitu ta' kawża fil-prinċipju ma tistax iktar tressaq talbiet għad-danni bbażati fuq nuqqasijiet fil-litigazzjoni min-naħa tal-parti notifikanti. Barra minn hekk, jekk ikun hemm proċeduri ta' rikors sussegwenti bejn il-parti notifikanti u persuna li tkun ġiet innotifikata dwar il-kawża prinċipali, din il-persuna ma tistax tqajjem, fir-rigward tal-parti notifikanti, argumenti jew fatti li jkunu f'kontradizzjoni mal-elementi (fattwali) sostanzjali tad-deċiżjoni fil-kawża prinċipali.

3.) Madankollu, ma hemm ebda effett vinkolanti fir-rigward tal-valutazzjoni legali fil-kawża prinċipali.

4.) Lanqas ma hemm effett vinkolanti fir-rigward tal-fatti stabbiliti li t-terza persuna ma rnexxilhiex tikkontesta fil-kawża prinċipali pereż. minħabba li ma ġewx ikkontestati mill-partijiet.

5.) TPN tipproduċi l-effetti tagħha irrespettivament minn jekk it-terza persuna ħaditx sehem fil-kawża prinċipali jew le.

6.) TPN ma taffettwax ir-relazzjoni bejn it-terza persuna u l-avversarju tal-parti notifikanti għajr f'sitwazzjoni fejn it-terza persuna tiddeċiedi li tieħu sehem fuq in-naħa tal-avversarju ta' dik il-parti.

**L-Artikolu 75 (a) – L-ismijiet u dettalji ta' kuntatt tal-qrati li quddiemhom jridu jitressqu l-applikazzjonijiet skont l-Artikoli 36(2), 45(4) u 47(1)**

- fis-Slovenja: Il-Qorti Distrettwali.

**L-Artikolu 75 (b) – L-ismijiet u d-dettalji ta' kuntatt tal-qrati li quddiemhom irid jitressaq l-appell kontra d-deċiżjoni dwar l-applikazzjoni għar-rifjut ta' eżekuzzjoni skont l-Artikolu 49(2)**

- fis-Slovenja: Il-Qorti Distrettwali.

**L-Artikolu 75 (c) – L-ismijiet u d-dettalji ta' kuntatt tal-qrati li quddiemhom jista' jitressaq appell ulterjuri skont l-Artikolu 50**

- fis-Slovenja: Il-Qorti Suprema tar-Repubblika tas-Slovenja.

**L-Artikolu 75 (d) – Il-lingwi aċċettati għat-traduzzjonijiet taċ-ċertifikati dwar is-sentenzi, l-istrumenti awtentiċi u l-ftehimiet bil-qorti**

- fis-Slovenja: fil-qrati li ġejjin, waħda mil-lingwi tal-minoranzi nazzjonali hija wkoll aċċettata bħala lingwa uffiċjali minbarra s-Sloven:

Il-Qorti Distrettwali ta' Koper: it-Taljan;

Il-Qorti Lokali ta' Koper: it-Taljan;

Il-Qorti Lokali ta' Piran: it-Taljan;

Il-Qorti Lokali ta' Lendava: l-Ungeriż.

**L-Artikolu 76(1)(a) – Ir-regoli ta' ġuriżdizzjoni msemmija fl-Artikoli 5(2) u 6(2) tar-Regolament**

- fis-Slovenja: l-Artikolu 58 tal-Liġi Internazzjonali Privata u l-Att dwar il-Proċedura (*Zakon o mednarodnem zasebnem pravu in postopku*).

**L-Artikolu 76(1)(b) – Ir-regoli dwar in-notifika ta' terzi msemmija fl-Artikolu 65 tar-Regolament**

- fis-Slovenja: l-Artikolu 204 tal-Att dwar il-Proċedura Ċivili (*Zakon o pravdnem postopku*), li tirregola n-notifika lil partijiet terzi.

**L-Artikolu 76(1)(c) – Il-Konvenzjonijiet msemmija fl-Artikolu 69 tar-Regolament**

it-Trattat bejn ir-Repubblika Federattiva Popolari tal-Jugoslavja u r-Repubblika tal-Awstrija dwar il-Kooperazzjoni Ġudizzjarja Reċiproka, iffirmat fi Vjenna fis-16 ta' Diċembru 1954,

il-Konvenzjoni bejn ir-Repubblika Federattiva Popolari tal-Jugoslavja u r-Repubblika tal-Italja dwar il-Kooperazzjoni Ġudizzjarja Reċiproka f'Materji Ċivili u Amministrattivi, iffirmata f'Ruma fit-3 ta' Diċembru 1960,

il-Konvenzjoni bejn ir-Repubblika Federattiva Popolari tal-Jugoslavja u r-Renju tal-Greċja dwar ir-Rikonoxximent Reċiproku u l-Infurzar tas-Sentenzi, iffirmata f'Ateni fit-18 ta' Ġunju 1959;

il-Konvenzjoni bejn ir-Repubblika Federattiva Popolari tal-Jugoslavja u r-Repubblika Popolari tal-Polonja dwar l-Assistenza Legali f'Materji Ċivili u Kriminali, iffirmata f'Varsavja fis-6 ta' Frar 1960,

it-Trattat bejn ir-Repubblika Federattiva Soċjalista tal-Jugoslavja u r-Repubblika Soċjalista Ċekoslovakka dwar ir-Regolazzjoni tar-Relazzjonijiet Legali f'Materji Ċivili, tal-Familja u Kriminali, iffirmat f'Belgrad fl-20 ta' Jannar 1964,

it-Trattat bejn ir-Repubblika Federattiva Soċjalista tal-Jugoslavja u r-Repubblika ta' Ċipru dwar l-Assistenza Legali f'Materji Ċivili u Kriminali, iffirmat f'Nikosija fid-19 ta' Settembru 1984,

il-Ftehim bejn ir-Repubblika Federattiva Popolari tal-Jugoslavja u r-Repubblika Popolari tal-Bulgarija dwar l-Assistenza Legali Reċiproka, iffirmat f'Sofija fit-23 ta' Marzu 1956,

it-Trattat bejn ir-Repubblika Federattiva Popolari tal-Jugoslavja u r-Repubblika Popolari tar-Rumanija dwar l-Assistenza Legali, iffirmat f'Belgrad fit-18 ta' Ottubru 1960 u l-Protokoll tiegħu,

it-Trattat bejn ir-Repubblika Federattiva Soċjalista tal-Jugoslavja u r-Repubblika Popolari tal-Ungerija dwar l-Assistenza Legali Reċiproka, iffirmat f'Belgrad fis-7 ta' Marzu 1968,

it-Trattat bejn ir-Repubblika tas-Slovenja u r-Repubblika tal-Kroazja dwar l-Assistenza Legali f'Materji Ċivili u Kriminali, iffirmat f'Zagreb fis-7 ta' Frar 1994,

il-Konvenzjoni bejn il-Gvern tar-Repubblika Federattiva Soċjalista tal-Jugoslavja u l-Gvern tar-Repubblika ta' Franza dwar ir-Rikonoxximent u l-Infurzar tas-Sentenzi f'Materji Ċivili u Kummerċjali, iffirmata f'Pariġi fit-18 ta' Mejju 1971.

L-aħħar aġġornament: 28/02/2019

Il-verzjoni bil-lingwa nazzjonali hija ġestita mill-Istat Membru rispettiv. It-traduzzjonijiet saru mis-servizz tal-Kummissjoni Ewropea. Jista' jkun hemm xi tibdil imdaħħal fl-oriġinal mill-awtorità nazzjonali kompetenti li jkun għadu ma jidhirx fit-traduzzjonijiet. Il-Kummissjoni Ewropea ma taċċettax responsabbilta jew kwalunkwe tip ta' tort fir-rigward ta' kull informazzjoni jew dejta li tinsab jew li hemm referenza għaliha f'dan id-dokument. Jekk jogħġbok irreferi għall-avviż legali sabiex tiċċekkja r-regoli dwar id-drittijiet tal-awtur għall-Istati Membri responsabbli minn din il-paġna.

## Ir-Regolament Brussell I (riformulazzjoni) - Slovakkja

**L-Artikolu 65(3) – Informazzjoni dwar kif jiġu determinati, skont il-liġi nazzjonali, l-effetti tas-sentenzi msemmija fl-Artikolu 65(2) tar-Regolament**

Mhux applikabbli

**L-Artikolu 74 – Deskrizzjoni tar-regoli u l-proċeduri nazzjonali dwar l-eżekuzzjoni**

Jekk jogħġbok mur fi Proċeduri għall-eżekuzzjoni ta' sentenza

**L-Artikolu 75 (a) – L-ismijiet u dettalji ta' kuntatt tal-qrati li quddiemhom jridu jitressqu l-applikazzjonijiet skont l-Artikoli 36(2), 45(4) u 47(1)**

-fis-Slovakkja: il-qorti distrettwali ("Okresný súd")

**L-Artikolu 75 (b) – L-ismijiet u d-dettalji ta' kuntatt tal-qrati li quddiemhom irid jitressaq l-appell kontra d-deċiżjoni dwar l-applikazzjoni għar-rifjut ta' eżekuzzjoni skont l-Artikolu 49(2)**

-fis-Slovakkja: il-qorti reġjonali permezz tal-qorti distrettwali li d-deċiżjoni tagħha tkun qed tiġi appellata.

**L-Artikolu 75 (c) – L-ismijiet u d-dettalji ta' kuntatt tal-qrati li quddiemhom jista' jitressaq appell ulterjuri skont l-Artikolu 50**

-fis-Slovakkja: appell ulterjuri ("dovolanie") quddiem il-Qorti Suprema tar-Repubblika Slovakka ("Najvyšší súd Slovenskej republiky"). L-appelli ulterjuri jridu jiġu ppreżentati permezz tal-qorti distrettwali ("Okresný súd") li d-deċiżjoni tagħha tkun qed tiġi appellata.

**L-Artikolu 75 (d) – Il-lingwi aċċettati għat-traduzzjonijiet taċ-ċertifikati dwar is-sentenzi, l-istrumenti awtentiċi u l-ftehimiet bil-qorti**

-fis-Slovakkja: Iċ-Ċek

**L-Artikolu 76(1)(a) – Ir-regoli ta' ġuriżdizzjoni msemmija fl-Artikoli 5(2) u 6(2) tar-Regolament**

-fis-Slovakkja: L-Artikoli 37 sa 37e tal-Att Nru 97/1963 dwar id-Dritt Internazzjonali Privat u r-Regoli ta' Proċedura relatati miegħu.

**L-Artikolu 76(1)(b) – Ir-regoli dwar in-notifika ta' terzi msemmija fl-Artikolu 65 tar-Regolament**

Mhux applikabbli

**L-Artikolu 76(1)(c) – Il-Konvenzjonijiet msemmija fl-Artikolu 69 tar-Regolament**

Il-Ftehim bejn ir-Repubblika tal-Poplu tal-Bulgarija u r-Repubblika Soċjalista Ċekoslovakka dwar l-Assistenza Legali u s-Soluzzjoni tar-Relazzjonijiet f'Materji Ċivili, Familjari u Kriminali, iffirmat f'Sofia fil-25 ta' Novembru 1976

It-Trattat bejn ir-Repubblika Soċjalista Ċekoslovakka u r-Repubblika ta' Ċipru dwar l-Għajnuna Legali f'Materji Ċivili u Kriminali, iffirmat f'Nikosija fit-23 ta' April 1982

It-Trattat bejn ir-Repubblika Ċeka u r-Repubblika Slovakka dwar l-Għajnuna Legali pprovduta minn Korpi Ġudizzjarji u dwar is-Soluzzjonijiet ta' Ċerti Relazzjonijiet Legali f'Materji Ċivili u Kriminali, iffirmat fi Praga fid-29 ta' Ottubru 1992

It-Trattat bejn il-Gvern tar-Repubblika Soċjalista Ċekoslovakka u l-Gvern tar-Repubblika ta' Franza dwar l-Għajnuna Legali u r-Rikonoxximent u l-Eżekuzzjoni ta' Sentenzi f'Materji Ċivili, Familjari u Kummerċjali, iffirmat f'Pariġi fl-10 ta' Mejju 1984

It-Trattat bejn ir-Repubblika Soċjalista Ċekoslovakka u r-Repubblika Ellenika dwar l-Għajnuna Legali f'Materji Ċivili u Kriminali, iffirmat f'Ateni fit-22 ta' Ottubru 1980

It-Trattat bejn ir-Repubblika Soċjalista Ċekoslovakka u r-Repubblika Federali Soċjalista tal-Jugoslavja dwar ir-Relazzjonijiet Legali f'Materji Ċivili u Kriminali, iffirmat f'Belgrad fl-20 ta' Jannar 1964

It-Trattat bejn ir-Repubblika Soċjalista Ċekoslovakka u r-Repubblika tal-Poplu tal-Ungerija dwar l-Għajnuna Legali u s-Soluzzjoni tar-Relazzjonijiet Legali f' Materji Ċivili, Familjari u Kriminali, iffirmat fi Bratislava fit-28 ta' Marzu 1989

It-Trattat bejn ir-Repubblika Soċjalista Ċekoslovakka u r-Repubblika tal-Poplu tal-Polonja dwar l-Assistenza Legali u r-Regolamentazzjoni tar-Relazzjonijiet Legali f'Materji Ċivili, Familjari, Industrijali u Kriminali, iffirmat f'Varsavja fil-21 ta' Diċembru 1987

It-Trattat bejn ir-Repubblika tal-Poplu tar-Rumanija u r-Repubblika Ċekoslovakka dwar l-Assistenza Legali f'Materji Ċivili, Familjari u Kriminali, iffirmat fi Praga fil-25 ta' Ottubru 1958

It-Trattat bejn ir-Repubblika Soċjalista Ċekoslovakka u r-Renju ta' Spanja dwar l-Għajnuna Legali, ir-Rikonoxximent u l-Eżekuzzjoni ta' Deċiżjonijiet tal-Qorti f' Materji Ċivili, iffirmat f'Madrid fl-4 ta' Mejju 1987

It-Trattat bejn ir-Repubblika Soċjalista Ċekoslovakka u r-Repubblika Taljana dwar l-Għajnuna Legali f'Materji Ċivili u Kriminali, iffirmat fi Praga fis-6 ta' Diċembru 1985.

L-aħħar aġġornament: 01/08/2022

Il-verzjoni bil-lingwa nazzjonali hija ġestita mill-Istat Membru rispettiv. It-traduzzjonijiet saru mis-servizz tal-Kummissjoni Ewropea. Jista' jkun hemm xi tibdil imdaħħal fl-oriġinal mill-awtorità nazzjonali kompetenti li jkun għadu ma jidhirx fit-traduzzjonijiet. Il-Kummissjoni Ewropea ma taċċettax responsabbilta jew kwalunkwe tip ta' tort fir-rigward ta' kull informazzjoni jew dejta li tinsab jew li hemm referenza għaliha f'dan id-dokument. Jekk jogħġbok irreferi għall-avviż legali sabiex tiċċekkja r-regoli dwar id-drittijiet tal-awtur għall-Istati Membri responsabbli minn din il-paġna.